**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 1605/25**

**tal-25 ta' Ġunju 2002**

**rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej**

(ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►**M1** | Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 | L 390 | 1 | 30.12.2006 |
| ►**M2** | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1525/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007 | L 343 | 9 | 27.12.2007 |

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 48, 22.2.2008, p. 88 (1995/2006)

▼B

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM)**
**Nru 1605/25**

**tal-25 ta' Ġunju 2002**

**rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej**

**INDIĊI**


| | |
|---|---|
| **L-EWWEL PARTI** | **DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI** |
| TITOLU I | SKOP |
| TITOLU II | PRINĊIPJI TAL-*BUDGET* |
| **Il-KAPITOLU 1** | **Prinċipji ta' l-unità u l-eżatezza tal-*budget*** |
| **Il-KAPITOLU 2** | **Prinċipju ta' l-annwalità** |
| **Il-KAPITOLU 3** | **Prinċipju ta' l-ekwilibriju** |
| **Il-KAPITOLU 4** | **Prinċipju ta' l-unità tal-kont** |
| **Il-KAPITOLU 5** | **Prinċipju ta' l-universalità** |
| **Il-KAPITOLU 6** | **Prinċipju tal-ispeċifika** |
| **Il-KAPITOLU 7** | **Priċipju ta' l-amministrazzjoni soda finanzjarja** |
| **Il-KAPITOLU 8** | **Prinċipju tat-trasparenza** |
| TITOLU III | L-ISTABBILIMENT U L-ISTRUTTURA TAL-*BUDGET* |
| **Il-KAPITOLU 1** | **L-istabbiliment tal-*budget*** |
| **Il-KAPITOLU 2** | **L-istruttura u l-preżentazzjoni tal-*budget*** |
| TITOLU IV | IMPLIMENTAZZJONI TAL-*BUDGET* |
| **Il-KAPITOLU 1** | **Dispożizzjonijiet ġenerali** |
| **Il-KAPITOLU 2** | **Metodi ta' implimentazzjoni** |
| **Il-KAPITOLU 3** | **Atturi finanzjarji** |
| Sezzjoni 1 | Prinċipju tas-segregazzjoni tad-doveri |
| Sezzjoni 2 | L-uffiċjal li jawtorizza |
| Sezzjoni 3 | L-uffiċjal tal-kontijiet |
| Sezzjoni 4 | L-amministratur ta' l-għoti tal-flus |
| **Il-KAPITOLU 4** | **Ir-responsabbiltà ta' l-atturi finanzjarji** |
| Sezzjoni 1 | Regoli ġenerali |
| Sezzjoni 2 | Regoli applikabbli b'delega u b'sub-delega għall-uffiċjali li jawtorizzaw |
| Sezzjoni 3 | Regoli applikabbli għall-uffiċjali tal-kontijiet u l-amministraturi ta' l-għoti tal-flus |
| **Il-KAPITOLU 5** | **L-operazzjonijiet ta' l-introjtu** |
| Sezzjoni 1 | Id-disponibbilità tar-riżorsi interni |
| Sezzjoni 2 | L-estimi ta' l-ammonti riċevibbli |
| Sezzjoni 3 | L-istabbiliment ta' l-ammonti riċevibbli |
| Sezzjoni 4 | L-awtorizzazzjoni tal-irkupru |
| Sezzjoni 5 | L-Irkupru |
| **Il-KAPITOLU 6** | **L-operazzjonijiet tan-nefqa** |
| Sezzjoni 1 | L-impenn tan-nefqa |

▼B


| | |
|---|---|
| Sezzjoni 2 | Il-validità tan-nefqa . . . . . |
| Sezzjoni 3 | L-awtorizzazzjoni tan-nefqa . . . . . |
| Sezzjoni 4 | Il-pagament tan-nefqa . . . . . |
| Sezzjoni 5 | Limiti taż-żmien għall-operazzjonijiet tan-nefqa . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 7** | **Is-sistemi tal-IT** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 8** | **L-awditur intern** . . . . . |
| TITOLU V | L-AKKWIST . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 1** | **Dispożizzjonijiet ġenerali** . . . . . |
| Sezzjoni 1 | L-iskop u l-prinċipji ta' l-għoti . . . . . |
| Sezzjoni 2 | Pubblikazzjoni . . . . . |
| Sezzjoni 3 | Proċeduri ta' l-akkwist . . . . . |
| Sezzjoni 4 | Garanziji u kontroll . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 2** | **Dispożizzjonijiet applikabbli għall-kuntratti mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Komunità mir-riżorsi tal-kontijiet tagħhom** . . . . . |
| TITOLU VI | GĦOTJIET . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 1** | **Kamp ta' applikazzjoni u forma ta' għotjiet** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 2** | **Prinċipji** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 3** | **Il-proċedura ta' l-għoti** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 4** | **Pagament u kontroll** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 5** | **Implimentazzjoni** . . . . . |
| TITOLU VII | PREŻENTAZZJONI TAL-KONTIJIET U TAL-KONTABBILITÀ . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 1** | **Il-preżentazzjoni tal-kontijiet** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 2** | **Informazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-budget** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 3** | **Il-Kontijiet** . . . . . |
| Sezzjoni 1 | Dispożizzjonijiet komuni . . . . . |
| Sezzjoni 2 | Kontijiet ġenerali . . . . . |
| Sezzjoni 3 | Il-kontijiet tal-budget . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 4** | **L-inventarji tal-propjetà** . . . . . |
| TITOLU VIII | AWDITJAR ESTERN U R-RILAXX . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 1** | **Awditjar estern** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 2** | **Rilaxx** . . . . . |
| **PARTI TNEJN** | **DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI** . . . . . |
| TITOLU I | FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA . . . . . |
| TITOLU II | FONDI STRUTTURALI, FOND TA' KOEŻJONI, FOND EWROPEW GĦAS-SAJD, U FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI . . . . . |
| TITOLU III | RIĊERKA . . . . . |
| TITOLU IV | AZZJONIJIET ESTERNI . . . . . |
| **Il-KAPITOLU I** | **Dispożizzjonijiet ġenerali** . . . . . |
| **Il-KAPITOLU 2** | **Implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet** . . . . . |

▼B

**Il-KAPITOLU 3** **L-Akkwist** . . . . . .

**Il-KAPITOLU 4** **Għotjiet** . . . . . .

**Il-KAPITOLU 5** **L-awditjar tal-kontijiet** . . . . . .

TITOLU V L-UFFIĊINI EWROPEJ . . . . . .

TITOLU VI L-ALLOKAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI . . . . . .

TITOLU VII ESPERTI . . . . . .

**PARTI TLIETA** **DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI** . . . . . .

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI . . . . . .

TITOLU II DISPOŻIZZJONIJIET FINALI . . . . . .

▼B

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 279 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 183 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri ([3]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([4]),

Billi:

(1) La darba ż-żminijiet inbidlu konsiderevolment sa minn meta r-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitiet Ewropej ([5]) kien adottat, partikolarment bħala riżultat tal-perspettiva finananzjarja li tifforma qafas għall-iżvilupp tal-*budget*, żviluppi fl-istruttura istituzzjonali u xerja ta' tkabbir, dak ir-Regolament Finanazjarju kien ġie sostanzjalment emendat diversi drabi. Sabiex jittieħed akkont, partikolarment, tal-ħtiġiet ta' simplifikazzjoni f'materji leġislattivi u amministrattivi u l-intensifikazzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-finanzi tal-Komunità, ir-Regolament Finanazjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 għandu jkun miktub mill-ġdid fl-interess tal-kjarità.

(2) Dan ir-Regolament għandu jkun illimitat għall-istqarrija tal-prinċipji wiesa u r-regoli bażiċi li jirregolaw is-settur sħiħ tal-*budget* kif kopert bit-Trattat, waqt li d-dispożizzjonijiet implementatriċi għandhom ikunu meħudha lejn Regolament dwar ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jipproduċi ġerarkija ta' regoli aħjar u jagħmel lir-Regolament Finanzjarju aktar faċli biex jinqara. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tkun awtorizzata li tadotta ir-regoli ta' l-implimentazzjoni.

(3) L-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-*budget* għandhom jirrispettaw erba prinċipji fundamentali rigward il-liġi tal-*budget* (l-unità, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni, l-annwalità), u l-prinċipji ta' l-eżattezza, l-ekwilibriju, l-unità tal-kont, l-amministrazzjoni u t-trasperenza finanzjarja tal-*budget*.

(4) Dan ir-Regolament għandu jasserixxi mill-ġdid dawk il-prinċipji u jżomm l-eċċezzjonijiet għal minimu l-aktar strett kif suġġett għal kondizzjonijiet stretti.

(5) F'dak li jirrigwardja l-prinċipju ta' l-unità, dan ir-Regolament għandu jispeċifika li huwa wkoll japplika għan-nefqa operazzjonali rigward l-implimentazzjoni tad-disposizzjonjiet tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-istrateġija komuni kemm dik estera u wkoll dwar is-sigurtà u rigward il-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizjarja f'materji kriminali, meta dawn ikunu imposti fuq il-*budget*. Il-prinċipju ta' l-unità u l-eżatezza tal-*budget* ifisser li l-dħul u n-nefqa kollha tal-Komunità, u dik ta' l-Unjoni, meta dawn ikunu mposti fuq il-*budget*, ikunu inklużi fil-*budget*.

([1]) ĠU C 96E, 27.3.2001, p. 1 u ĠU C 103E, 30.4.2002, p. 292.
([2]) ĠU C 153 E, tas-27.6.2002, p. 236.
([3]) ĠU C 162, tal-5.6.2001, p. 1 u ĠU C 92, tas-17.4.2002, p. 1.
([4]) ĠU C 260, tas-17.9.2001, p. 42.
([5]) ĠU L 356, tal-31.12.1977, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 762/2001 (ĠU L 111, ta' l-20.4.2001, p. 1).

▼B

(6) F'dak li jirrigwardja l-prinċipju ta' l-universalità, il-prattiċi tal-pagament lura ta' pagamenti bil-quddiem u l-użu mill-ġdid għandhom ikunu mwaqqfa; f'uħud mill-każi dawn għandhom ikunu mibdula bi dħul assenjat u mezzi ta' rikostituzzjoni ta' l-allokazzjonijiet mhux aktar kommessi. Dawn l-amendi ma jaffet-wawx ir-regoli speċjali applikabbli għall-Fondi Strutturali.

(7) F'dak li jirrigwardja l-prinċipju tal-ispeċifika, l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jkollhom ċertu grad ta' flessibbilità amministrattiva għat-trasferimenti ta' l-allokazzjonijiet. Dan ir-Regolament għandu jippermetti l-preżentazzjoni integrata ta' l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u amministrattivi skond l-iskop. Il-proċeduri għat-trasferiment ta' l-allokazzjonijiet għandhom ukoll ikunu armonizzati għal-istituzzjonijiet l-oħrajn kollha hekk li t-trasferiment tal-persunal u l-allokazzjonijiet ta' l-operat ikunu materja għal kull istituzzjoni. F'dak li jirrigwardja l-allokazzjonijiet li jikkonċernaw in-nefqa operattiva, il-Kummissjoni tista' tgħamel trasferimenti bejn kapitoli f'wieħed u l-istess titolu fi ħdan limitu totali ta' 10 % ta' l-allokazzjonijiet għas-sena finanazjarja li jidhru li jkunu fuq l-istess bażi li fuqu t-trasferiment ikun seħħ. L-awtorità tal-*budget* għandha tkun imħollija li tikkostitwixxi riservi biss f'żewġ każi: meta ma jkunx hemm att bażiku jew meta ma jkunx hemm ċertezza li l-allokazzjonijiet huma adekwati.

(8) F'dak li jirrigwardja l-prinċipju ta' l-annwalità, id-distinzjoni bejn l-allokazzjonijiet differenzjati u l-allokazzjonijiet mhux-differenzjati għandha tinżamm. Deċiżjonijiet rigward it-teħid il-quddiem ta' l-impenji u l-allokazzjonijiet ta' pagamenti għandhom jittieħdu minn kull istituzzjoni. Il-perijodi addizzjonali għandhom ikunu llimitati esklussivament għall-każi meta dawn ikunu assolutament meħtieġa, iġiefiri il-pagamenti FAEGG.

(9) Il-prinċipju ta' l-ekwilibriju jikkostitwixxi regola bażika tal-*budget*. B'konnessjoni ma dan, għandu jkun enfasizzat li rikors lejn self ma huwiex kompatibbli mas-sistema tar-riżorsi tal-Komunit' innifisha. B'dana kollu, il-prinċipju ta' l-ekwilibriju mhux tali li jfixkel l-operazzjonijiet tas-self u tat-tislif iggarantiti mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni.

(10) B'konformità ma' l-Artikolu 277, l-ewwel paragrafu, tat-Trattat KE u l-Artikolu 181, l-ewwel paragrafu, tat-Trattat Euratom, l-unità tal-kont li fuqha l-*budget* ikun imħejji, u li hija wkoll użata għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet, għandha tkun iddeterminata.

(11) Il-prinċipju ta' l-amministrazzjoni soda finanzjarja għandu jkun definit b'referenza għall-prinċipji ta' l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività, u l-konformità ma dawk il-prinċipji għandha tkun ivverifikata permezz ta' l-indikaturi ta' l-operat stabbiliti għal kull attività u mkejla b'tali mod li r-riżultati jistgħu jkunu assessjati. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu evalwazzjoni *ex ante* u *ex post*, b'konformità mal-linji ta' gwida determinati mill-Kummissjoni.

(12) Finalment, f'dak li jirrigwardja l-prinċipju ta' trasparenza, l-informazzjoni u l-implimentazzjoni tal-*budget* u tal-kontijiet għandhom ikunu mtejba. Limitu strett ta' żmien għandu wkoll ikun stabbilit għall-pubblikazzjoni tal-*budget* mingħajr preġudizju għall-publikazzjoni proviżorja mill-Kummissjoni bejn id-dikjarazzjoni definittiva ta' l-adozzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew u l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Il-possibiltà ta' riserva negattiva għandha wkoll tkun miżmuma.

(13) F'dak li jirrigwardja l-istabbiliment u l-preżentazzjoni tal-*budget*, id-dispożizzjonijiet kurrenti għandhom ikunu armonizzati u simplifikati bl-eliminazzjoni tad-distinzjoni, li m'għandha l-ebda impatt prattiku, bejn il-*budget* supplementari u l-*budget* bħala emenda.

▼B

(14) Is-sezzjoni tal-*budget* tal-Kummissjoni għandha tippreżenta l-allokazzjonijiet u r-riżorsi bl-iskop, i.e. *budget* ibbażat fuq l-attività, bil-għan li tissaħħaħ it-trasparenza fl-amministrazzjoni tal-*budget* b'referenza għall-objettivi ta' l-amministrazzjoni finanzjarja soda u partikolarment l-effiċjenza u l-effettività.

(15) L-istituzzjonijiet għandhom igawdu miżura ta' flessibiltà fl-amministrazzjoni tal-pożizzjonijiet statutorji b'relazzjoni ma' dak li huwa awtorizzat fil-*budget*, speċjalment minħabba li l-enfasi ta' l-amministrazzjoni issa sejra tkun fuq ir-riżultati u mhux fuq il-mezzi. Din il-libertà għandha, b'dana kollu, tibqa' li tkun ristretta bil-limitu doppju ta' l-allokazzjonijiet tal-*budget* għal sena finanzjarja u n-numru totali tal-posti allokati; b'żieda m'hu sejjer ikun hemm l-ebda latitudni f'dak li jirigwardja il-posti tal-grad A 1, A 2 u A 3.

(16) F'dak li jirrigwardja l-implimentazzjoni tal-*budget*, għandu jkun hemm kjarifika tad-diversi metodi possibbili ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*, jew fuq bażi ċentralizzata mill-Kummissjoni jew fuq bażi konġunta mal-Istati Membri jew fuq bażi deċentralizzata ma' pajjiżi terzi li jirċievu għajnuna estrena jew flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Għandu jkun possibbli għal amministrazzjoni ċentralizzata jew li tkun imwettqa direttament mid-dipartimenti tal-Kummissjoni jew inderettament b'delega lejn korpi rregolati bil-liġi tal-Komunità jew b'liġi nazzjonali pubblika. Il-metodi ta' l-implimentazzjoni għandhom jiggarantixxu li l-proċeduri għal-protezzjoni tal-fondi tal-Komunità jkun hemm konformit'magħha, independentament mill-entità responsabli għal parti jew għat-total ta' din l-implimentazzjoni u għandha tikkonferma li r-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-*budget* tkun mal-Kummissjoni bi qbil ma' l-Artikolu 274 tat-Trattat.

(17) Minħabba li l-Kummissjoni hija responsabli għal-implimentazzjoni tal-*budget*, din ma tistax tiddelega uħud mid-doveri ta' l-awtorità pubblika li jinvolvu l-użu tal-poteri diskrezzjonarji. Dan ir-Regolament għandu jistqarr mill-ġdid dan il-prinċipju u jispeċifika l-iskop tad-doveri li jistgħu ikunu ddelegati. Għandu wkoll ikun stipulat li korpi ta' settur-privat, apparti milli minn dawk li jkollhom missjoni ta' servizz-publiku u permezz ta' kondizzjonijiet speċifiċi, m'għandhomx ikunu jistgħu li jidħlu għal xi implimentazzjoni ta' miżura tal-*budget* imma biss li jipprovdu servizzi speċjalizzati tekniċi jew amministrattivi jew li jwettqu ħidmiet preparatorji jew anċillarji.

(18) F'ġieħ il-konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u l-amministrazzjoni soda finanazjarja, il-korpi tas-settur-pubbliku jew il-korpi b'missjoni ta' servizz-pubbliku li lilhom il-ħidmiet ta' l-implimentazzjoni jkunu ddelegati f'isem il-Kummissjoni għandhom ikollhom proċeduri trasparenti ta' l-akkwist, kontrolli interni effettivi, sistema ta' preżentazzjoni tal-kontijiet li hija separata mill-attivitajiet l-oħrajn tagħhom u awditjar estern.

(19) Bi qbil ma l-Artikolu 279(c) tat-Trattat, dan ir-Regolament jiddeffinixxi l-poteri u r-responsabbiltajiet ta' l-uffiċjali awtorizzanti, ta' l-uffiċjal tal-kontijiet u ta' l-awditur intern.

L-uffiċjali awtorizzanti isiru kompletament responsabbli għall-operazzjonijiet kollha tad-dħul u tan-nefqa eżegwiti permezz ta' l-awtorità tagħhom u għandhom ikunu miżmuma responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, inklużi, meta meħtieġ, permezz ta' proċedimenti dixxiplinarji. Din l-awtorizzazzjoni għandha għalhekk tkun imsaħħa bit-tneħħija tal-kontrolli ċentralizzati preċedenti u partikolarment it-tmiem ta' l-approvazzjoni bil-quddiem ta' l-operazzjonijiet tad-dħul u l-infieq mill-kontrollur finanzjarju u l-verifika mill-uffiċjal tal-kontijiet li l-pagament jikkostitwixxi rilaxx validu.

▼B

L-uffiċjal tal-kontijiet jibqa li jkun reponsabbli għal-eżekuzzjoni xierqa tal-pagamenti, il-ġbir tad-dħul u l-irkupru tar-riċevibbli. Hu/hi jamministra t-teżor, iżomm il-kontijiet u huwa responsabbli għat-tħejjija ta' l-istqarrijiet finanzjarji tal-Komunità.

L-awditur intern iwettaq id-doveri tiegħu bi qbil man-normi internazzjonali ta' l-awditjar. Ir-rwol tiegħu huwa li jivverifika l-funzjonament xieraq ta' l-amministrazzjoni tas-sistemi ta' kontroll skond kif ikunu stabbiliti mill-uffiċjali awtorizzanti.

L-awditur intern mhux attur involut fl-operazzjonijiet finanzjarji u m'għandux rwol li jeżerċita kontroll fuq dawn l-operazzjoniet bil-quddiem tad-deċiżjonijiet ta' l-uffiċjali awtorizzanti; l-uffiċjali awtorizzanti għandhom issa jassumu r-responsabbiltà sħiħa għal dawn id-deċiżjonijiet.

(20) Ir-responsabiltà ta' l-uffiċjali awtorizzanti, l-uffiċjali tal-kontijiet u l-amministraturi ta' l-għoti tal-flus ma humiex differenti minn uffiċjali u persunal oħrajn u għandhom ikunu suġġett, permezz tar-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u l-Kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati l-oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej, riward l-applikazzjoni tal-miżuri eżistenti dixxiplinarji u tal-kumpens finanzjarju.Minn-naħa l-oħra, ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi li jidentifikaw każi ta' kondotta ħażina ta' l-uffiċjali tal-kontijiet u l-amministraturi ta' l-għoti tal-flus, meqjusa n-natura speċjali tad-doveri tagħhom, għandhom ikunu miżmuma; dawn m'għandhomx aktar li jkollhom xi allokazzjoni jew assigurazzjoni speċjali. Aktar minn hekk, ir-responsabiltà ta' l-uffiċjal awtorizzanti għandha tkun kjarifikata. F'każi li ma jinvolvux frodi, sabiex tkun ipprovduta l-awtorità tal-ħatra bl-esperjenza meħtieġa, kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi grupp speċjalizzat dwar l-irregolaritajiet finanzjarji li għandu jiddetermina jekk irregolarità tkunx seħħet, jew le, li tkun tista' toħloq li l-uffiċjal jew xi impjegat ieħor ikollu r-riskju ta' azzjoni dixxiplinarja jew pagament bħala kumpens u, jekk jintebaħ bi problemi fis-sistemi, li jirraporta lill-uffiċjal awtorizzanti u lill-awditur intern. Għal każi ta' frodi, b'dana kollu, dan ir-Regolament għandu jirreferi għad-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

(21) Il-kunċetti ta' l-impenji legali u tal-*budget* rigward in-nefqa u l-kondizzjonijiet biex dawk ikunu applikati għandhom ikunu definiti. Sabiex tillimita l-volum ta' impenji mhux attivi, il-perijodu li matulu l-impenji individwali legali jistgħu iseħħu fuq il-bażi ta' l-impenji ġenerali tal-*budget* għandu jkun limitat. Aktar minn hekk, dispożizzjoni ta' tneħħija ta' impenn għandha tkun ipprovduta għall-impenji ndividwali li ma jkunux ħolqu xi pagament matul perijodu ta' tlett snin.

(22) Dan ir-Regolament għandu jiddiffenixxi t-tipoloġija tal-pagamenti li jistgħu isiru mill-uffiċjali awtorizzanti. Pagamenti bħal dawn għandhom isiru prinċipalment bħala funzjoni ta' l-effettività ta' l-azzjoni u r-riżultati li jirriżultaw minnha.

Kunċetti pruttost vagi ta' avvanzi u pagamenti b'akkont għandhom ikunu mneħħija; pagamenti għandhom ikunu magħmula fil-għamla ta' finanzjament antiċipat, pagamenti transitorji u pagamenti tal-bilanċ finali, meta l-ammont intier ma jkux imħallas f'pagament wieħed.

(23) Dan ir-Regolament għandu jistipula li l-operazzjonijiet tal-validazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-pagament għandhom jitwettqu fi ħdan il-limitu ta' żmien li għandhom ikunu stabbiliti fir-regoli implementattivi u li fil-każ ta' nuqqas li jkun irrispettat dan il-limitu ta' żmien, il-krediturі għandhom ikunu ntitolati għal imgħax bħala nuqqas li għandu jkun impost fuq il-*budget*.

▼B

(24) F'dak li jirrigwardja kontrotti mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Komunnitajiet b'akont fuqhom infushom, dispożizzjoni għandha ssir għar-regoli li jinsabu fid-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkordinaw il-proċeduri għall-għoti ta' xogħolijiet pubbliċi, kuntratti ta' servizz u forniment, li għandhom ikunu applikabbli: ir-regoli applikabbli għal kuntratti mogħtija f'isem partijiet terzi għandhom ukoll ikunu konsistenti mal-prinċipji elenkati b'dawk id-Direttivi.

(25) Sabiex ikunu prevenuti irregolaritajiet u biex ikunu miġġielda l-frodi u l-korruzzjoni u biex tkun imħeġġa amministrazzjoni soda u effiċjenti, il-kandidati jew l-appaltaturi li huma ħatja ta' atti bħal dawn jew li jkollhom konflitt ta' l-interess, għandhom ikunu esklużi mill-għoti tal-kuntratti.

(26) F'ġieħ it-trasparenza, kandidati u appaltaturi għandhom ikunu infurmati fil-manjiera xierqa rigward l-għoti tal-kuntratti.

(27) Finalment, bħala parti tal-proċess ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-uffiċjal awtorizzanti, verifika bil-quddiem mill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwisti u l-Kuntratti preżenti, għandha tkun imwarrba.

(28) F'dak li jirrigwardja l-għoti, qafas għall-għoti u l-monitoraġġ ta' l-għotjiet tal-Komunità li jinvolvu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' trasparenza, trattament ugwali, ko-finanzjament, projbizzjoni ta' għotjiet retrospettivi u kontrolli għandhom ikunu stabbiliti.

(29) Sabiex tkun evitata xi kumulazzjoni, m'għandux ikun possibbli għal-għotjiet li jkunu mogħtija biex isir finanzjament doppju ta' l-istess azzjoni jew għal spiża operattiva fl-istess sena.

(30) Bl-istess manjiera għar-regoli li jikkonċernaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, il-bażi għall-esklużjoni ta' uħud mill-partijiet mill-għoti ta' sussidji għandha tkun stabbilita sabiex l-istituzzjonijiet jingħataw mezzi xierqa għall-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni.

(31) Biex ikunu assigurati li d-drittijiet u l-obligi ta' l-istituzzjoni u tal-benefiċjarju ikunu ċari u jkun osservati, l-għoti tas-sussidju għandu jkun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub.

(32) F'dak li jirrigwardja l-għadd u l-preżentazzjoni tal-kontijiet, għandu jkun stipulat li l-kontijiet ikunu jikkomprendu l-kontijiet ġenerali u l-kontijiet tal-*budget* u għandhom ikunu miżjuda mal-kontijiet ġenerali li huma bbażati fuq sistema ta' kontijiet ta' tkattir filwaqt li l-kontijiet tal-*budget* huma intiżi għat-tħejjija tal-kont tal-preparazzjoni tal-*budget* u r-rapporti rigward l-implimentazzjoni tal-*budget*.

(33) Il-prinċipji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet ġenerali u l-istqarrijiet finanzjarji ippreżentati, għandhom ikunu definiti b'referenza għall-prinċipji internazzjonalment aċċettati u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, meta dawn huma relevanti fil-kuntest tas-servizz pubbliku.

(34) Id-dispożizzjonijiet rigward il-forniment ta' l-informazzjoni li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-*budget* għandhom ikunu adattati għall-estenzjoni ta' din l-informazzjoni għall-użu ta' l-approprazzjonijiet meħuda 'l quddiem, li jkunu disponibbli għall-darb'oħra u użati mill-ġdid u għad-diversi korpi tal-liġi tal-Komunità, sabiex itejbu l-arranġamenti għall-provvediment ta' figuri ta' kull xhar u r-rapport ta' l-implimentazzjoni, li għandu jkun mibgħut tlett darbiet fis-sena lejn l-awtorità tal-*budget*.

(35) Il-metodi tal-kontijiet użati mill-istituzzjonijiet għandhom ikunu armonizzati u, f'dan il-qasam, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt ta' l-inizjattiva.

(36) Għandu jkun speċifikat li l-użu ta' sistemi komputerizzati ta' amministrazzjoni finanzjarja m'għandhom bl-ebda mod jillimitaw

▼B

id-dritt tal-Qorti ta' l-Awdituri mid-dritt ta' l-aċċess għad-dokumenti ta' sostenn.

(37) F'dak li jirrigwardja l-awditjar u r-rilaxx, għalkemm il-Kummissjoni hija kompletament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-*budget*, l-importanza ta' l-amministrazzjoni flimkien mal-Istati Membri tinvolvi l-koperazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' l-awditjar mill-Qorti ta' l-Awdituri u r-rilaxx mill-awtorità tal-*budget*.

(38) Sabiex ikunu pprovduti l-aħjar kondizzjonijiet għall-preżentazzjoni tal-kontijiet u l-proċedura tar-rilaxx, it-tabella ta' żmien li twassal għar-rilaxx għandha tkun emendata.

(39) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, fuq it-talba tiegħu, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għal-applikazzjoni mingħajr skossi tal-proċedura tar-rilaxx għas-sena finanzjarja f'dak il-każ, b'konformità mal-Artikolu 276 tat-Trattat KE.

(40) Dispożizzjonijiet speċjali għandhom ikunu stabbiliti għal ċerti strateġiji tal-Komunità; dispożizzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu konformi mal-prinċipji bażiċi ta' dan ir-Regolament.

(41) Jidher li huwa meħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-possibbiltà ta' impenji bil-quddiem kontra il-FAEGG u l-approprjazzjonijiet amministrattivi mill-15 ta' Novembru li jippreċedi s-sena finanzjarja f'dak il-każ.

(42) F'dak li jirrigwardja l-Fondi Strutturali, id-dispożizzjoni għal rifużjoni tal-pagamenti li jkunu saru b'akkont u biex l-approprjazzjonijiet ikunu disponibbli mill-ġdid hekk kif jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1447/201 ([2]), għandhom jinżammu.

(43) F'dak li jirrigwardja r-riċerka, il-preżentazzjoni tal-*budget* għandha tkun armonizzata mad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-*budget* ibbażat fuq l-attività, waqt li tkun ippreservata l-flessibiltà ta' l-amministrazzjoni li ċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerva (JRC) bħal issa jgawdi.

(4) F'dak li jirrigwardja azzjoni esterna, deċentralizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna esterna għandha tkun awtorizzata basta li l-Kummissjoni tkun mogħtija garanziji ta' l-amministrazzjoni finananzjarja soda u li l-Istat benefiċjarju jkun responsabbli lejn il-Kummissjoni għall-fondi mħallsa lilu.

(45) Ftehim jew kuntratti finanzjarji iffermati mal-Istat benefiċjarju jew mill-korp nazzjonali, tal-Komunità jew ta' settur-pubbliku internazzjonali u persuni naturali jew legali irregolati b'liġi privata għandhom jinkludu l-prinċipji ġenerali ta' l-akkwist kif stabbiliti fit-Titolu V tal-parti wieħed u fit-Titolu IV tal-parti tnejn ta' dan ir-Regolament f'dak li jirrigwardja l-azzjonijiet esterni.

(46) Titolu speċjali għandu jkun inkluż fid-dispożizzjonijiet ġenerali għal-amministrazzjoni ta' l-uffiċini Ewropej.

(47) Titolu separat għandu wkoll ikun fih ir-regoli speċjali applikabbli għall-approppjazzjonijiet amministrattivi. Dispożizzjoni għandha wkoll issir sabiex tiffaċilita li kull wieħed miż-żewġ friegħi ta' l-awtorità tal-*budget* li tforni opinjoni fi żmien xieraq riward proġetti ta' bini li aktarx li jkollhom implikazzjoni finanzjarja sinifikanti għall-*budget*.

(48) It-tibdil fit-tabella taż-żmien għal-konsolidazzjoni tal-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet għandu jkun diferit sas-sena finanazjarja 2005

([1]) ĠU L 161, tas-26.6.1999 p. 1
([2]) ĠU L 198, tal-21.7.2001 p. 1

▼B

sabiex jippermetti għaż-żmien meħtieġ biex ikunu nstallati l-proċeduri essenzjali nterni kif invololuti.

(49) Qafas xieraq, imfassal għall-ħtiġiet speċifiċi ta' l-amministrazzjoni, għandu jkun ipprovdut għar-regoli finanazjarji biex ikunu applikabbli fuq il-korpi stabbiliti mill-Komunitajiet u li jkollhom personalità legali, li jirċievu sussidju mill-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.Fl-istess waqt, u mingħajr bl-ebda mod ma tkun imfixkla l-awtonomija organika meħtieġa minn dawk il-korpi għat-twettieq tad-doveri tagħhom, is-sustanza tar-regoli li jirregolaw ċerti materji, u partikolarment ir-rilaxx u l-kontijiet, jeħtieġu li jkunu armonizzati. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jżerċita l-istess poteri fuq dawk il-korpi l-istess bħal fuq id-dipartimenti tal-Kummissjoni. Ir-regoli finanzjari nterni għal dawk il-korpi għandhom ikunu adattati kif xieraq biex ikunu kompatibbli ma' dan ir-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tkun awtorizzata sabiex tħejji mudell ta' regolament finanzjarju, li l-korpi tal-Komunità jkunu jistgħu ivarjaw minnu biss bill-kunsens tal-Kummissjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## L-EWWEL PARTI

## DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

### TITOLU I

### SKOP

*Artikolu 1*

▼M1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għat-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn 'il quddiem "il-baġit", u l-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet.

▼B

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman u l-Kontrollur tal-Protezzjoni-tad-*Data* Ewropea għandhom ikunu meqjusa bħala istituzzjonijiet tal-Komunità.

*Artikolu 2*

Kwalunkwe dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa tal-*budget*, li jinsabu f'att leġislattiv ieħor, għandhom ikunu konformi mal-prinċipji tal-*budget* kif elenkati fit-Titolu II.

### TITOLU II

### PRINĊIPJI TAL-*BUDGET*

▼M1

*Artikolu 3*

Il-baġit għandu jkun stabbilit u implimentat f'konformità mal-prinċipji ta' l-unità, il-preċiżjoni baġitarja, l-annwalità, l-ekwilibriju, l-unità tal-kont, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja soda li titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti, u t-trasparenza kif imniżżel f'dan ir-Regolament.

▼B

*KAPITOLU 1*

***Prinċipji ta' l-unità u l-eżatezza tal-budget***

*Artikolu 4*

1. Il-*budget* huwa strument li, għal kull sena finanzjarja, ibassar u jawtorizza d-dħul u n-nefqa kollha meqjusa bħala meħtieġa għall-Komunità Ewropea u għall-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

2. Id-dħul u n-nefqa tal-Komunitajiet għandhom jinkludu:

(a) id-dħul u n-nefqa tal-Komunità Ewropea, inkluża n-nefqa amministrattiva kif ikkaġunata mill-istituzzjonijiet bid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tirrigwardja l-politka komuni esterna u tas-sigurtà u l-koperazzjoni mill-pulizija u ġudiżżjarja f'materji kriminali, u n-nefqa operattiva ikkaġunata mill-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet meta din tkun għal skariku tal-*budget*.

(b) in-nefqa u d-dħul mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

3. Il-*budget* għandu jirreġistra l-garanzija għall-operazzjonijiet ta' self-u-tislif kif involuti mill-Komunitajiet u pagamenti għall-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni.

*Artikolu 5*

1. Suġġett għal-Artikolu 74, l-ebda dħul m'għandu jkun miġbur u l-ebda nefqa m'għandha tkun effettwata sakem ma tkunx irreġistrata ma' punt tal-*budget*.

2. L-ebda nefqa ma tista' sseħ jew tkun awtorizzata b'eċċess ta' l-approprjazzjonijiet awtorizzati.

3. Approprjazzjoni ma tistax tkun imdaħħla fil-*budget* jekk din ma tkunx punt ta' nefqa meqjusa bħala meħtieġa.

▼M1

4. Soġġett għall-Artikoli 5a, 18 u 74, imgħax akkwistat mill-fondi li huma l-proprjetà tal-Komunitajiet għandu jiddaħħal fil-baġit bħala dħul varju.

*Artikolu 5a*

1. Imgħax iġġenerat minn ħlasijiet ta' pre-finanzjament għandu jiġi assenjat lill-programm jew lill-azzjoni kkonċernata u mnaqqas mill-pagament tal-bilanċ ta' l-ammonti dovuti lill-benefiċjarju.

Ir-Regolament li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, minn issa 'l quddiem "ir-regoli implimetattivi", għandu jispeċifika l-każijiet li fihom l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu, b'eċċezzjoni, annwalment jirkupra tali interessi. Dak l-interess għandu jiddaħħal fil-baġit bħala dħul varju.

2. L-imgħax m'għandux ikun dovut lill-Komunitajiet fil-każijiet li ġejjin:

(a) pre-finanzjament li ma jirrappreżentax ammont konsiderevoli, kif determinat fir-regoli implimentattivi;

(b) pre-finanzjament imħallas taħt kuntratt ta' akkwist skond it-tifsira ta' l-Artikolu 88;

(ċ) pre-finanzjament imħallas lill-Istati Membri;

(d) pre-finanzjament imħallas taħt l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni;

▼M1

(e) ħlasijiet bil-quddiem imħallsa lill-membri ta' l-istituzzjonijiet u lill-persunal skond ir-Regolament tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' uffiċjali oħrajn tal-Komunitajiet Ewopej, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Regolamenti tal-Persunal";

(f) pre-finanzjament imħallas fl-ambitu tal-ġestjoni konġunta kif imsemmi fil-punt (ċ) ta' l-Artikolu 53(1).

▼B

*KAPITOLU 2*

***Prinċipju ta' l-annwalità***

*Artikolu 6*

L-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-*budget* għandhom ikunu awtorizzati għal sena finanzjarja waħda li għandha tkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

*Artikolu 7*

1. Il-*budget* għandu jkun fih approprjazzjonijiet differenzjati, li għandhom jikkonsistu minn approprjazzjonijiet ta' impennji u approprjazzjonijiet ta' pagamenti, u approprjazzjonijiet mhux-diffirenzjati.

2. Approprjazzjonijiet ta' impenn għandhom ikopru l-ispiża totali ta' l-impenji legali involuti matul is-sena finanzjarja kurrenti, suġġetti għall-Artikoli 77(2) u 166(2).

3. L-approprjazzjonijiet tal-pagamenti għandhom ikopru l-pagamenti magħmula biex jonoraw l-impenji legali involuti matul is-sena finanzjarja kurrenti u/jew snin finanzjarji aktar kmieni.

4. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali tat-Titoli I, IV u VI tal-parti tnejn. Dawn m'għandhomx jipprevjenu l-approprjazzjonijiet milli jkunu mwettqa globalment u l-anqas impenji tal-*budget* milli jkunu magħmula b'pagamenti ta' rata annwali.

*Artikolu 8*

1. Id-dħul għas-sena finanzjarja għandu jkun irreġistrat fil-kontijiet għas-sena finananzjarja fuq il-bażi ta' l-ammonti miġbura matul is-sena finananzjarja. B'dana kollu, ir-riżorsi tagħhom għax-xhar ta' Jannar tas-sena finanzjarja segwenti jistgħu jitħallsu bil-quddiem permezz tar-Regolament tal-Kunsill li jimplementa d-Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi tal-Komunitajiet infushom.

2. Id-dħul fir-rigward tat-taxxa tal-valur miżjud tar-riżorsi tagħhom, ir-riżorsi addizzjonali bbażati fuq il-GNP u xi kontribuzzjonijiet finanazjarji jistgħu jkunu aġġustati b'konformità mar-Regolament riferut fil-paragrafu 1.

3. L-approprjazzjonijiet awtorizzati għal sena finanzjarja partikolari jistgħu jintużaw biss biex ikopru n-nefqa involuta u mħallsa f'dik is-sena finanzjarja u biex ikopru ammonti dovuti kontra impenji minn snin finanzjarji aktar kmieni.

4. Impenji għandhom ikunu rreġistrati fil-kontijiet fuq il-bażi ta' l-impenji legali involuti sal-31 ta' Diċembrum suġġett għall-impenji globali riferuti fl-Artikolu 77(2) u tal-ftehim finanzjarji riferuti fl-Artikolu 166(2), li għandhom ikunu rreġistrati fil-kontijiet fuq il-bażi ta' l-impenji tal-*budget* sal-31 ta' Diċembru.

▼B

5. Il-pagamenti għandhom ikunu rreġistrati fil-kontijiet għas-sena finanzjarja fuq il-bażi tal-pagamenti effettwati mill-uffiċjal tal-kontijiet sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena, l-aktar tard.

6. Bħala deroga mill-paragrafi 3, 4 u 5, in-nefqa tas-Sezzjoni ta' Garanzija tal-Fond Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) għandha tkun irreġistrata fil-kontijiet għas-sena finanzjarja b'konformità mar-regoli elenkati fit-Titolu I tal-parti tnejn.

*Artikolu 9*

1. Approprjazzjonijiet li ma jkunux ġew użati sat-tmiem tas-sena finanzjarja li għaliha jkunu rreġistrati għandhom ikunu kkanċellati.

B'dana kollu, dawn jistgħu jinġarru 'l quddiem lejn is-sena finanzjarja segwenti biss, b'deċiżjoni meħudha mill-istituzzjoni kkonċernata sal-15 ta' Frar l-aktar tard, bi qbil mal-paragrafi 2 u 3 jew ikunu meħuda 'l quddiem awtomatikament bi qbil mal-paragrafu 4.

2. ►**M1** Approprjazzjonijiet ta' impenn ◄ u approprjazzjonijiet mhux-differenzjati li ma jkunux ġew impenjati fit-tmiem tas-sena finanzjarja jistgħu jinġarru 'l quddiem fi-rigward ta':

(a) ammonti li jikkorrispondu għall-approprjazzjonijiet impenjati li dwarhom l-istadji preparatorji kważi kollha għall-proċedura ta' l-impenn ikunu ġew imwettqa sal-31 ta' Diċembru. Dawn l-ammonti jistgħu imbagħad ikunu impenjati sal-31ta' Marzu tas-sena ta' wara;

(b) ammonti li huma meħtieġa meta l-awtorità leġislattiva tkun adottat att bażiku fil-kwart finali tas-sena finanzjarja u l-Kummissjoni ma tkunx tista' timpenja l-approprjazzjonijiet li hemm provvediment dwarhom għal dan l-iskop sal-31 ta' Diċembru.

3. ►**M1** Approprjazzjonijiet ta' ħlas ◄ jistgħu jinġarru 'l quddiem fir-rigward ta' ammonti meħtieġa biex ikopru impenji eżistenti jew impenji marbuta ma approprjazzjonijiet impenjati li jinġarru 'l quddiem, meta l-approprjazzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fil-linji relevanti fil-*budget* għas-sena finanazjarja segwenti ma jkunux ikopru l-ħtiġiet. L-istituzzjoni kkonċernata għandha l-ewwel tagħmel użu mill-appropprzzjonijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja kurrenti u m'għandhiex tagħmel użu mill-approprjazzjonijiet li jinġarru 'l quddiem sa kemm dawk l-oħrajn ikunu ġew eżawriti.

4. Approprjazzjonijiet mhux-differenzjati li jkunu jikkorrespondu għall-obbligazzjonijiet kontratti kif suppost fl-għeluq tas-sena finanzjarja għandhom jinġarru 'l quddiem biss awtomatikament għas-sena finanzjarja segwenti.

5. L-istituzzjoni kkonċernata għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (minn hawn il-quddiem "l-awtorità tal-*budget*") sal-15 ta' Marzu l-aktar tard bid-deċiżjoni li jinġarru 'l quddiem li hi tkun ħadet u għandha tistqarr, għall-kull linja tal-*budget*, kif il-kriterja tal-paragrafi 2 u 3 tkun ġiet applikata għal kull teħid il-quddiem.

6. Approprjazzjonijiet imqiegħda f'riserva u approprjazzjonijiet għall-ispiża tal-persunal ma jistgħux jinġarru 'l quddiem.

*Artikolu 10*

Introjtu mhux użat u approprjazzjonijiet disponibbli fil-31 ta' Diċembru li jirriżultaw mill-introjtu assenjet kif riferut fl-Artikolu 18 għandhom jinġarru 'l quddiem awtomatikament. L-approprjazzjonijiet disponibbli korrispondenti għall-introjtu assenjat kif meħuda 'l quddiem għandhom ikunu wżati l-ewwel.

▼B

*Artikolu 11*

►M1 Bla ħsara għal l-Artikoli 157 u 160a ◄, meta l-ammonti jitneħħew mill-impenn bħala riżultat ta' nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' l-azzjonijiet li dwarhom kienu mmirati, fi kwalunkwe sena finanzjarja wara dik li fiha l-approprjazzjonijiet kienu ddaħħlu fil-*budget*, l-approprjazzjonijiet ikonċernati għandhom ikunu mħassra.

*Artikolu 12*

L-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-*budget* jistgħu jkunu mpenjati b'effett mill-1 ta' Jannar, la darba il-*budget* ikun ġie finalment adottat, apparti milli kif hemm ipprovdut fit-Titolu I u fit-Titolu II tal-parti tnejn.

*Artikolu 13*

1. Jekk il-*budget* ma jkunx ġie finalment adottat fil-bidu tas-sena finanzjarja, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 273 tat-Trattat KE u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 178 tat-Trattat Euratom għandhom ikunu applikabbli għall-impenji u l-pagament ta' l-ispiża li kienet possibbli li tkun irreġistrata ma' linja speċifika tal-*budget* bħala parti ta' l-implimentazzjoni ta' l-aħħar *budget* adottat kif xieraq.

2. Impenji jistgħu isiru għal kull kapitolu sa massimu ta' kwart tat-total ta' l-approprjazzjonijiet allokati fil-kapitolu rispettiv tas-sena finanzjarja preċedenti flimkien ma wieħed minn tnax għal kull xhar li jkun skada.

Pagamenti jistgħu isiru ta' kull xhar ghal kull kapitolu sa massimu ta' wieħed minn xhar ta' l-approprjazzjonijiet allokati fil-kapitolu rispettiv tas-sena finanzjarja preċedenti.

Il-limitu ta' l-approprjazzjonijiet li hemm provvediment dwaru fl-abozz tal-*budget* waqt it-tħejjija tiegħu ma jistax ikun misbuq.

3. Jekk il-kontinwità ta' l-azzjoni tal-ħtiġiet mill-Komunitajiet u l-amministrazzjoni hekk tkun teħtieġ:

(a) il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq talba mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta 'il-Parlament Ewropew, jista' simultanjament jawtorizza tnejn jew aktar wieħed-minn-tnax proviżjonalment kemm għall-impenji u għall-pagamenti, t-tnejn li huma, iżjed u aktar minn dawk awtomatikament magħmula disponibbli bid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2;

(b) għall-ispiża apparti milli dik li neċessarjament tirriżulta mit-Trattati jew l-atti adotti permezz tagħhom, it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 273 tat-Trattat KE u tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 178 tat-Trattat Euratom, għandhom ikunu applikabbli.

Il-wieħed-minn-tnax addizzjonali għandu jkun awtorizzat bis-sħiħ u m'għandux ikunu diviżibbli.

4. Jekk, għal kapitolu partikolari, l-awtorizzazzjoni ta' tnejn jew aktar wieħed-minn-tnax proviżorji tkun mogħtija fiċ-ċirkostanzi u permezz tal-proċeduri li hemm provvediemnt dwarhom fil-paragrafu 3 ma jkunux suffiċċjenti biex ikopru l-ispiża meħtieġa biex tkun evitata interruzzjoni fil-kontinwità ta' l-attività tal-Komunitajiet fiż-żona koperta bil-kapitolu rispettiv, awtorizzazzjoni tista, eċċezzjonalment, tkun mogħtija li teċċedi l-ammont ta' l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-kapitolu korrispondenti tal-*budget* tas-sena finanzjarja preċedenti. L-awtorità tal-*budget* għandha taġixxi permezz tal-proċeduri li hemm provvediment dwahom fil-paragrafu 3. B'dana kollu, it-total globali disponibbli ta' l-approprjazzjonijiet fil-*budget* tas-sena finanzjarja preċedenti ma jistgħux, fl-ebda każ, ikunu misbuqa.

▼B

*KAPITOLU 3*

***Prinċipju ta' l-ekwilibriju***

*Artikolu 14*

1. Approprjazzjonijiet ta' introjtu u pagament tal-*budget* għandhom ikunu bbilanċjati.

2. Bla ħsara għall-Artikoli 46(1)(4), il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, kif ukoll il-korpi kif stabbiliti mill-Komunitajiet kif riferuti fl-Artikolu 185, ma jistgħux jidħlu għal dejn.

*Artikolu 15*

1. Il-bilanċ minn kull sena finanazjarja għandu jkun irreġistrat fil-*budget* tas-sena finanzjarja segwenti bħala approprjazzjoni ta' introjtu fil-każ ta' bilanċ pożittiv jew bħala pagament fil-każ ta' bilanċ negattiv.

2. L-estimi għal approprjazzjonijiet ta' introjtu jew pagament għandhom ikunu rreġistrati fil-*budget* matul il-proċedura tal-*budget* u f'ittra ta' emenda ippreżentata permezz ta' l-Artikolu 34. Dawn għandhom ikunu mħejjija b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill li jimplementa d-Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi tal-Komunitajiet infushom.

3. Wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet għal kull sena finananzjarja, xi diskrepanza ma l-estimi għandha tkun irreġistrata fil-*budget* tas-sena finananzjarja segwenti permezz ta' *budget* b'emenda iddedikata solament għal dik id-diskrepanza. F'każ bħal dan, l-abbozz prelimenari ta' *budget* b'emenda għandu jkun ippreżentat lill-Kummissjoni fi żmien 15 il-jum li jsegwu l-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżjonali.

*KAPITOLU 4*

***Prinċipju ta' l-unità tal-kont***

*Artikolu 16*

Il-*budget* għandu jkun imħejji w implementat f'euro u l-kontijiet għandhom ikunu ppreżentati f'euro.

▼M1

Madankollu, għall-finijiet ta' dħul u ħruġ tal-flus imsemmija fl-Artikolu 61, l-uffiċjal tal-kontijiet, fil-każ ta' kontijiet imprest, l-amministraturi imprest, u, għall-ħtiġiet tal-ġestjoni amministrattiva tas-Servizz Estern tal-Kummissjoni, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jkun awtorizzat iwettaq operati f'muniti nazzjonali kif stabbilit fir-regoli implimentattivi.

▼B

*KAPITOLU 5*

***Prinċipju ta' l-universalità***

*Artikolu 17*

L-introjtu totali għandu jkopri l-approprjazzjonijiet tal-pagamenti, bla ħsara għall-Artikolu 18. L-introjtu u l-ispiża kollha għandhom ikunu rreġistrati bis-sħiħ mingħajr xi aġġustament kontra xulxin, bla ħsara għall-Artikolu 20.

▼B

*Artikolu 18*

1. ►M1 Bla preġudizzju għall-Artikolu 160(1a) u l-Artikolu 161(2), il-partiti ta' dħul li ġejjin għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw partiti speċifiċi tan-nefqa: ◄

(a) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri lejn ċerti programmi ta' riċerka permezz tar-Regolament tal-Kunsill li jimplementa d-Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi tal-Kumunitajiet infushom;

▼M1

(aa) kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Komunità u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skond l-att bażiku rilevanti;

▼B

(b) imgħaxijiet fuq depożiti u multi li hemm provvediemnt dwarhom fir-Regolament rigward it-tħaffif u l-kjarifika ta' l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv;

(ċ) l-introjtu immirat għal skop speċifiku, bħal ma huwa d-dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u bħala wirt, inkluż id-dħul speċifiku immirat għal kull istituzzjoni;

(d) kontribuzzjonijiet mill-attivitajiet tal-Komunità minn pajjiżi terzi jew korpi varji.

(e) introjtu minn partijiet terzi fil-rigward ta' oġġetti, servizzi jew xogħol fornut mat-talba tagħhom;

▼M1

(ea) rikavat mill-bejgħ ta' vetturi, tagħmir, installazzjonijiet, materjali u apparat xjentifiku u tekniku li qed jinbidlu jew jintremew meta l-valur kif imniżżel fil-kotba huwa żvalutat għal kollox;

▼B

(f) introjtu li joriġina mir-rifużjoni ta' ammonti mħallsa bi żball;

(g) proċedimenti mill-forniment ta' oġġetti, servizzi u xogħolijiet minn istituzjonijiet jew korpi oħrajn, inklużi rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħrajn ta' allokazzjonijiet ta' missjoni mħallsa f'isimhom;

(h) pagamenti akkwistati ta' l-assigurazzjoni;

(i) introjtu minn pagamenti konnessi mal-kirjiet;

(j) introjtu minn bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew *films*, inklużi dawk ta' medja elettronika.

2. L-att bażiku applikabbli jista' wkoll ikun assenjat għall-introjtu li dwaru jipprovdu punti speċifiċi tal-ispiża.

3. Il-*budget* għandu jkollu linji li jakkomodaw il-kategoriji assenjati għall-introjtu riferut fil-paragrafi 1 u 2 u kull meta possibbli għandu jindika l-ammont.

*Artikolu 19*

1. Il-Kummissjoni tista' taċċetta xi donazzjoni magħmulha lill-Komunitajiet, bħal ma huma fondazzjonijiet, susidji, rigali u wirt.

2. ►M1 L-aċċettazzjoni ta' donazzjonijiet ta' valur ta' EUR 50 000 jew aktar li jinvolvu ħlas finanzjarju, inkluż spejjeż ta' segwitu, li jaqbżu l-10 % tal-valur tad-donazzjoni mogħtija, għandha tkun soġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li t-tnejn għandhom jaġixxu fuq din il-kwistjoni fi żmien xahrejn mid-data

▼B

minn meta jirċievu t-talba mill-Kummissjoni. ◀ Jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun saret matul il-perijodu, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni finali fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni.

*Artikolu 20*

1. Ir-regoli implementattivi jistgħu jispeċifikaw il-każi meta ċertu introjtu jkun jista' jitnaqqas mill-fatturi jew talbiet għal pagament, li għandhom imbagħad ikunu mgħoddija għall-pagament ta' l-ammont nett.

2. In-nefqa tal-prodotti jew tas-servizzi ipprovduti lill-Komunitajiet li jinkorporaw taxxi rifondibbli mill-Istati Membri permezz tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej jew minn pajjiżi terzi fuq il-bażi tal-ftehim relevanti għandhom ikunu imposti fuq il-*budget* għall-ammont ex-taxxa.

3. Aġġustamenti jistgħu isiru fir-rigward tad-differenzi fil-kambju li jseħħu fl-implimentazzjoni tal-*budget*. L-akkwist jew it-telf finali għandu jkun inkluż fil-bilanċ tas-sena.

*KAPITOLU 6*

***Prinċipju tal-ispeċifika***

*Artikolu 21*

L-approprjazzjonijiet għandhom ikunu mmirati għal skopijiet speċifiċi bit-titolu u l-kapitolu; il-kapitoli għandhom ikunu aktar sud-diviżi f'artikoli u punti.

▼M1

*Artikolu 22*

1. Kull istituzzjoni minbarra l-Kummissjoni tista', fis-sezzjoni proprja tagħha tal-baġit, tittrasferixxi approprjazzjonijiet:

(a) minn titolu għal ieħor sa massimu ta' 10 % ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment;

(b) minn kapitolu għal ieħor u minn artikolu għal ieħor mingħajr limitu.

2. Tliet ġimgħat qabel ma jsiru t-trasferimenti msemmija fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jinformaw lill-awtorità baġitarja bl-intenzjonijiet tagħhom. Fil-każ li jitqajmu raġunijiet debitament issostanzjati f'dan il-perijodu minn waħda mill-fergħat ta' l-awtorità baġitarja, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24.

3. Kwalunkwe istituzzjoni minbarra l-Kummissjoni tista' tipproponi lill-awtorità baġitarja, fis-sezzjoni tagħha tal-baġit, trasferimenti minn titolu għal ieħor li jeċċedi l-limitu ta' 10 % ta' l-approporjazzjonijiet għas-sena finanzjarja fil-linja li minnha għandu jsir it-trasferiment. Dawk it-trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24.

4. Kwalunkwe istituzzjoni minbarra l-Kummissjoni tista', fis-sezzjoni tagħha tal-baġit, tagħmel trasferimenti fl-artikoli mingħajr ma' tinforma minn qabel lill-awtorità baġitarja.

▼B

*Artikolu 23*

1. Il-Kummissjoni tista', fis-sezzjoni tagħha stess tal-*budget*:

▼B

(a) tittrasferixxi approprjazzjonijiet fi ħdan l-artikoli u tittrasferixxi bejn artikoli fl-istess kapitolu;

▼M1

(b) rigward in-nefqa fuq persunal u amministrazzjoni, tittrasferixxi approprjazzjonijiet minn titolu għal ieħor sa massimu ta' 10 % ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment, u sa massimu ta' 30 % ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li jsir it-trasferiment lejha;

▼B

(ċ) f'dak li jirrigwardja n-nefqa operazzjonali, tittrasferixxi approprjazzjonijiet bejn kapitoli fl-istess titolu, sa massimu tat-total ta' 10 % ta' l-approprjazzjonijiet tas-sena murija fil-linja li minnha t-trasferiment isseħħ;

▼M1

(d) tittrasferixxi approporjazzjonijiet, hekk kif l-att bażiku jkun adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, mit-titolu "dispożizzjonijiet" imsemmi fl-Artikolu 43 għall-każijiet fejn ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit.

Tliet ġimgħat qabel tagħmel it-trasferimenti msemmija fil-punti (b) u (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja bid-deċiżjoni tagħha. F'każ li jingħataw raġunijiet debitament sostanzjati matul dak il-perijodu ta' tliet ġimgħat minn fergħa jew oħra ta' l-awtorità baġitarja, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24.

Madankollu, matul l-aħħar xahrejn tas-sena finanzjarja, il-Kummissjoni tista' awtonomament tittrasferixxi approprjazzjonijiet relatati ma' nfiq fuq persunal, persunal estern u aġenti oħrajn minn titolu għal ieħor sa limitu totali ta' 5 % ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja fi żmien ġimagħtejn wara wara d-deċiżjoni tagħha dwar dawk it-trasferimenti.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja fi żmien ġimagħtejn wara d-deċiżjoni tagħha dwar it-trasferimenti msemmija fil-punt (d) ta' l-ewwel subparagrafu.

▼B

2. Il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-awtorità tal-*budget*, fi ħdan issezzjoni tagħha tal-*budget*, trasferimenti apparti milli minn dawk riferuti fil- ►M1 paragrafi 1 ◄.

*Artikolu 24*

1. L-awtorità tal-*budget* għandha tieħu deċiżjonijiet rigward it-trasferimenti ta' l-approprjazzjonijiet kif hemm provvediment dwar dan fil-paragrafi 2, 3 u 4, apparti milli kif hemm ipprovdut fit-Titolu I tal-parti tnejn.

2. Fil-każ ta' proposti għat-trasferiment ta' l-approprjazzjonijiet li jirriggwardjaw in-nefqa li neċċesarjament tirriżulta mit-Trattati jew mill-atti adotti b'konformità magħhom, il-Kunsill għandu, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fi żmien sitt ġimgħat, apparti milli f'każi urġenti. Il-Parlament Ewropew għandu jwassal l-opinjoni tiegħu f'dak il-limitu ta' żmien hekk li jippermetti lill-Kunsill li jieħu nota ta' dan u biex jaġixxi fil-limitu ta' żmien kif stipulat. Meta l-Kunsil ma jaġixxix matul dan il-limitu ta' żmien, il-proposti għat-trasferiment għandhom ikunu meqjusa bħala approvati.

3. Fil-każ ta' proposti għat-trasferiment ta' trasferimenti li jirriggwardjaw in-nefqa apparti milli dik li neċesarjament tirriżulta mit-Trattati jew mill-atti adotti b'konformità magħhom, il-Parlament Ewropew għandu, wara li jikkonsulta lill-Kunsill, jaġixxi fi żmien sitt ġimgħat, apparti milli f'każi urġenti. Il-Kunsill għandu jwassal l-opinjoni tiegħu, b'maġġoranza kwalifikata, f'dak il-limitu ta' żmien hekk li jippermetti

▼B

lill-Parlament Ewropew li jieħu nota ta' dan u biex jaġixxi fil-limitu ta' żmien kif stipulat. Meta l-ebda deċiżjoni ma tkun meħudha matul dan il-limitu ta' żmien, il-proposti għat-trasferiment għandhom ikunu meqjusa bħala approvati.

4. Il-proposti għat-trasferiment li jirrigwardjaw kemm in-nefqa meħtieġa li tirriżulta mit-Trattati jew mill-atti adotti b'konformità magħhom u dwar in-nefqa l-oħra, għandhom ikunu meqjusa bħala approvati jekk la l-Parlament Ewropew u l-anqas il-Kunsill ma jiddeċiedu mod ieħor fi żmien sitt ġimghat mid-data li fiha ż-żewġ istituzzjonijiet ikunu rċevew il-proposti. Jekk, fil-każ ta' proposti bħal dawn għal trasaferimenti, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill inaqqsu t-trasferimenti kif ippproponuti b'ammonti differenti, liema minnhom ikun l-iżgħar, ta' l-ammonti aċċettati minn wieħed mill-istituzzjonjiet, għandu jkun meqjus bħala approvat. Meta wieħed mill-istituzzjonijiet jiċħad il-prinċipju tat-trasferiment, it-trasferiment m'għandux iseħħ.

*Artikolu 25*

1. L-approprjazzjonijiet jistgħu jkunu ttrasferiti biss lejn linji tal-*budget* li dwarhom il-*budget* ikun awtorizza approprjazzjonijiet jew li jkollu dħul bħala rhan (p.m.).

2. L-approprjazzjonijiet korrispondenti għal dħul assenjat jistgħu jkunu ttrasferiti biss jekk introjtu bħal dan ikun użat għall-iskop li għalih ikun assenjat.

*Artikolu 26*

▼M1

1. It-trasferimenti bejn it-titoli tal-baġit dedikati għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), il-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew tas-Sajd, il-Fond Ewropew Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali (FEAŻR) u r-Riċerka għandhom ikunu soġġetti għal dispożizzjonijiet speċjali taħt it-Titoli I, II u III tat-Tieni Parti.

▼B

2. ►M1 Id-deċiżjonijiet dwar trasferimenti biex tkun permessa l-utilizzazzjoni tar-riżerva għall-għajnuna ta' emerġenza għandhom jittieħdu mill-awtorità baġitarja fuq proposta mill-Kummissjoni. Għandha tintbagħat proposta separata għal kull operazzjoni individwali. ◄

▼M1
▼C1

Għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 24(2) u (3). Jekk ma jintlaħaqx qbil bejn iż-żewġ fergħat ta' l-awtorità baġitarja dwar il-proposta mill-Kummissjoni u ma tintlaħaqx pożizzjoni komuni dwar l-utilizzazzjoni ta' din ir-riżerva, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill m'għandhomx jaġixxu dwar il-proposta mill-Kummissjoni dwar trasferimenti.

▼M1

3. F'każijiet eċċezzjonali debitament sostanzjati ta' diżastri umanitarji u kriżijiet internazzjonali, li jseħħu wara l-15 ta' Diċembru tas-sena baġitarja, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi approprjazzjonijiet baġitarji mhux użati għas-sena baġitarja attwali li għadhom disponibbli fit-titoli baġitarji li jaqgħu taħt l-intestatura 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali għat-titoli baġitarji dwar l-għajnuna għall-maniġġar ta' kriżijiet u operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja. Il-Kummissjoni għandha tinforma liż-żewġ fergħat ta' l-awtorità baġitarja immedjatament wara li tagħmel tali trasferimenti.

▼B

*KAPITOLU 7*

***Priċipju ta' l-amministrazzjoni soda finanzjarja***

*Artikolu 27*

1. L-approprjazzjonijiet tal-*budget* għandhom ikunu wżati b'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni soda finanzjarja, jiġiefiri bi qbil mal-prinċipji ta' l-ekonomija, l-effiċċjenza u l-effettività.

2. Il-prinċipju ta' l-ekonomija jeħtieġ li r-riżorsi użati mill-istituzzjoni fit-twettieq ta' l-attivitajiet tagħha għandhom ikunu disponibbli f'waqt xieraq, fi kwantità u kwalità xierqa u fl-aħjar prezz.

Il-prinċipju ta' l-effiċjenza huwa kkonċernat ma' l-aħjar relezzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati milħuqa.

Il-prinċipju ta' l-effettività huwa kkonċernat ma l-akkwist ta' obbjettivi speċifiċi kif stabbiliti u l-akkwist tar-riżultati intiżi.

3. Objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejjlu, li jistgħu jintlaħqu, relevanti u f'waqqthom għandhom ikunu stabbiliti għas-setturi kollha ta' l-attività koperta bil-*budget*. It-twettieq ta' dawk l-objettivi għandu jkun sorveljat b'indikaturi ta' l-imġieba għal kull attività u informazzjoni għandha tkun ipprovduta mill-awtoritajiet tan-nefqa lejn l-awtorità tal-*budget*. Informazzjoni bħal din, kif riferuta fl-Artikolu 33(2)(d), għandha tkun ipprovduta ta' kull sena u l-aktar tard fid-dokumenti li jakkompanjaw l-abbozz prelimenari tal-*budget*.

4. Sabiex jittejjeb it-teħid tad-deċiżjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom jintrabtu li jagħmlu evalwazzjonijiet kemm *ex ante* u *ex post* b'konformità mal-gwida kif ipprovduta mill-Kummissjoni. Evalwazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu applikati għall-programmi u l-attivitajiet kollha li jinvolvu nefqa sinifikanti u r-riżultati ta' l-evalwazzjoni ikunu mgħoddija lill-awtoritajiet tan-nefqa, leġislattivi u tal-*budget*.

*Artikolu 28*

▼M1

1. Kull proposta jew inizjattiva sottomessa lill-awtorità leġislattiva mill Kummissjoni jew minn Stat Membru f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE jew it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jista' jkollha impatt fuq il-baġit, inkluż tibdil fin-numru ta' entrati, għandha tkun akkumpanjata b'rendikont finanzjarju u l-evalwazzjoni prevista fl-Artikolu 27(4) ta' dan ir-Regolament.

Kwalunkwe emenda għal proposta jew inizjattiva sottomessa lill-awtorità leġislattiva li jista' jkollha implikazzjonijiet konsiderevoli fuq il-baġit, inkluż tibdil fin-numru ta' entrati, għandha tkun akkumpanjata b'rendikont finanzjarju mħejji mill-istituzzjoni li tkun qed tipproponi l-emenda.

▼B

2. Matul il-proċedura tal-*budget*, il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-paragun bejn it-tibdiliet fl-approprjazzjonijiet meħtieġa u t-tbassir inizjali fl-istqarrijiet finanzjarji. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-progress magħmul u l-istadju milħuq mill-awtorità leġislattiva fil-konsiderazzjonijiet tagħha tal-proposti ppreżentati. L-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom, meta xieraq, ikunu riveduti fid-dawl tal-progress tad-deliberazzjonijiet fuq l-att bażiku.

▼M1

3. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi u ta' irregolaritajiet, ir-rendikont finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jirreġistra kwalunkwe

▼M1

informazzjoni dwar ħarsien eżistenti u ppjanat mill-frodi u dwar miżuri ta' protezzjoni.

*Artikolu 28a*

1. Il-baġit għandu jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effikaċi kif xieraq f'kull manjiera ta' ġestjoni, u skond ir-regolamenti speċifiċi għas-settur.

2. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-baġit, il-kontroll intern huwa definit bħala proċess applikabbli fil-livelli kollha tal-ġestjoni u mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli għall-kisba ta' l-objettivi li ġejjin:

(a) effettività, effikaċja u ekonomija ta' l-operati;

(b) irrappurtar ta' min jorbot fuqu;

(c) salvagwardjar ta' l-assi u l-informazzjoni;

(d) prevenzjoni u identifikar ta' frodi u irregolaritajiet;

(e) ġestjoni adegwata tar-riskji marbutin mal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti, b'kont meħud tal-karattru pluriennali tal-programmi kif ukoll tan-natura tal-ħlasijiet involuti.

▼B

*KAPITOLU 8*

***Prinċipju tat-trasparenza***

*Artikolu 29*

1. Il-*budget* għandu jkun stabbilit w implementat u l-kontijiet ippreżentati b'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza.

▼M1

2. Il-President tal-Parlament Ewropew għandu jippubblika l-baġit u l-baġits emendatorji, kif ikunu adottati l-aħħar, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropew*.

Il-baġit għandu jkun ippubblikat fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha l-baġit ikun iddikjarat finalment adottat.

Il-kontijiet annwali kkonsolidati u r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u dik finanzjarja mfasslin minn kull istituzzjoni għandhom jiġu ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea*.

▼B

*Artikolu 30*

1. Informazzjoni rigward l-operazzjoni ta' self-u-tislif li jkunu kkuntratti mill-Komunitajiet għal partijiet terzi għandhom jidhru fl-Anness mal-*budget*.

2. Informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni għandha tidher fl-istqarrijiet finanazjarji.

▼M1

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod xieraq, l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi li ġejjin mill-baġit miżmum minnha meta l-baġit ikun implimentat fuq bażi ċentralizzata u direttament mid-dipartimenti tagħha, u l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi kif previst mill-entitajiet li lilhom ikunu delegati l-kompiti ta' l-implimentazzjoni tal-baġit taħt modi oħrajn ta' ġestjoni.

Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli b'osservanza debita tal-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità, partikolarment il-protezzjoni tad-data perso-

▼M1

nali kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar tad-data personali u l-moviment ħieles ta' tali data [1] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' data mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' tali data [2], u tal-ħtiġiet tas-sigurtà, b'kont meħud ta' l-ispeċifikatijiet ta' kull mod ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 53 u fejn applikabbli f'konformità mar-regoli rilevati speċifiċi għas-settur.

▼B

TITOLU III

**L-ISTABBILIMENT U L-ISTRUTTURA TAL-*BUDGET***

*KAPITOLU 1*

***L-istabbiliment tal-budget***

*Artikolu 31*

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizja tal-Komunitajiet Ewropej, il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman u l-Kontrollur tal-Protezzjoni tad-*Data* Ewropea għandhom iħejju estimi ta' l-introjtu u l-ispiża tagħhom, li huma għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena.

Dawn l-estimi għandhom ukoll ikunu mibgħuta minn dawn l-istituzzjonijiet lejn l-awtorità tal-*budget* għall-informazzjoni tagħha mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tħejji l-estimi tagħha, li hi għandha wkoll tibgħat lill-awtorità tal-*budget* sa l-istess data.

Fil-preparazzjoni ta' l-estimi tagħha, il-Kummissjoni għandha tuża l-informazzjoni riferuta fl-Artikolu 32.

*Artikolu 32*

Kull wieħed mill-korpi riferuti fl-Artikolu 185 għandu, b'konformità ma' l-istrument li jkun stabbilih, jibgħat lill-Kummissjoni sa l-1 ta' April ta' kull sena, estimi rigward l-introjtu u l-ispiża tiegħu, inkluż il-pjan ta' stabbeliment, u il-programm tax-xogħol tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dawn id-dokumenti lejn l-awtorità tal-*budget* għall-informazzjoni, apparti milli fil-każi li hemm provvediment dwarhom fil-punt (3)(d) ta' l-Artikolu 46(1).

*Artikolu 33*

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz prelimenri tal-*budget* quddiem il-Kunsill sa l-1 ta' Settembru ta' kull sena, l-aktar tard. Fl-istess waqt għandha tittrasmetti l-abbozz prelimenari tal-*budget* lill-Parlament Ewropew.

L-abbozz prelimenri tal-*budget* għandu jkun fih sommarju ta' l-istqarrija ġenerali rigward l-ispiża u l-introjtu tal-Komunitajiet u jikkonsolida l-estimi riferuti fl-Artikolu 31.

---

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tehmeż ma' l-abbozz prelimenari tal-*budget*:

(a) analiżi ta' l-amministrazzjoni finanzjarja tas-sena preċedenti u ta' l-impenji pendenti;

(b) meta xieraq, opinjoni ta' l-estimi ta' l-istitizzjonijiet l-oħrajn li jistgħu jkollhom estimi differenti, akkompanjati bir-raġuni għal dan;

(ċ) xi dokument ta' ħidma li hi tqis utili b'konnessjoni mal-pjani ta' l-istabbiliment tal-istituzzjonijiet u l-għotjiet li l-Kummissjoni tagħti lill-korpi riferuti fl-Artikolu 185 u lill-Iskejjel Ewropej;

▼M1

(d) id-dikjarazzjonijiet ta' l-attività li fihom li ġej:

— informazzjoni dwar il-kisba ta' l-objettivi speċifiċi, miżurabbli, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u bil-ħin imkejjel kollha li ġew stabbiliti minn qabel għall- attivitajiet varji kif ukoll objettivi ġodda mkejla permezz ta' indikaturi;

— ġustifikazzjoni sħiħa u approċċ kost-benefiċċju għal bidliet proposti fil-livell ta' approprjazzjonijiet;

— razzjonal ċar għal intervent fil-livell ta' l-UE parallel, fost l-oħrajn, mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

— informazzjoni dwar ir-rati ta' l-implimentazzjoni ta' l-attività tas-sena ta' qabel u r-rati ta' l-implimentazzjoni għas-sena kurrenti.

Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni għandhom ikunu kkonsultati u msemmija bħala evidenza tal-meriti possibbli ta' emendi baġitarji proposti.

(e) dikjarazzjoni fil-qosor ta' l-iskeda ta' ħlasijiet dovuti fi snin finanzjarji sussegwenti għal impenji baġitarji meħudin fi snin baġitarji preċedenti.

▼B

*Artikolu 34*

1. Il-Kummissjoni tista, bl-inizjattiva tagħha stess jew jekk mitluba mill-istituzzjonijiet l-oħrajn, kull waħda fir-rigward tas-sezzjoni tagħha, tippreżenta lill-Kunsill ittra ta' emenda għall-abozz prelimenari tal-*budget* fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida li ma kienetx disponibbli fil-waqt ta' meta l-abozz prelimenari kien stabbilit.

2. B'dana kollu, apparti milli kif mod ieħor mifthiem mill-istituzzjonijiet jew f'ċirkostanzi eċċezjonali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta ittra ta' emenda bħal din lill-Kunsill mill-anqas 30 jum qabel l-ewwel qari ta' l-abozz tal-*budget* mill-Parlament Ewropew. Il-kunsill għandu jippreżenta l-ittra ta' l-emenda lill-Parlament Ewropew mill-anqas 15 il-jum qabel l-imsemmi l-ewwel qari

*Artikolu 35*

1. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-abbozz tal-*budget* bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 272(3) tat-Trattat KE u ta' l-Artikolu 177 (3) tat-Trattat Euratom.

2. Il-Kunsill għandu jippreżenta l-abozz tal-*budget* quddiem il-Parlament Ewropew sa l-aktar tard il-5 ta' Ottubru tas-sena preċedenti ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*. Il-kunsill għandu jehmeż ma dak l-abbozz tal-*budget* memorandum ta' spjegazzjoni li jiddiffenixxi r-raġunijiet tiegħu għat-tluq mill-abbozz prelimenari tal-*budget*.

▼B

*Artikolu 36*

1. Il-President tal-Parlament Ewropew għandu jiddikjara l-*budget* finalment adott bi qbil mal-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 272(7) tat-Trattat KE u ta' l-Artikolu 177(7) tat-Trattat Euratom.

2. La darba l-*budget* ikun iddikjarat bħala finalment adottat, kull Stat Membru għandu, mill-1 ta' Jannar tas-sena finanzjarja segwenti jew mid-data tad-dikjarazzjoni ta' l-adozzjoni finali tal-*budget* jekk din tkun wara l-1 ta' Jannar, ikun marbut li jgħaddi lill-Komunità il-pagamenti dovuti kif speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill li jimplementa d-Deċiżjoni rigward is-sistema tar-riżorsi tal-Komunitajiet infushom.

*Artikolu 37*

1. Jekk ikun hemm ċirkostanzi li ma jistgħux ikunu evitati, eċċezzjonali jew mhux mistennija, il-Kummissjoni tista' tippreżenta abbozzi prelimenari tal-*budget* bħala emendi.

Talbiet għal *budget* bħala emenda, fl-istess ċirkostanzi kif riferuti fil-paragrafu preċedenti, minn istituzzjonijiet apparti milli mill-Kummissjoni, għandhom ikunu mibgħuta lill-Kummissjoni.

▼M1

Qabel jippreżentaw abbozz preliminari ta' baġit emendatorju, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet li mhumiex il-Kummissjoni għandhom jeżaminaw il-kamp ta' applikazzjoni għal riallokazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet rilevanti, b'kont meħud ta' kwalunkwe sottoimplimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet mistennijin.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha, apparti milli f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tippreżenta abbozz prelimenari tal-*budget* quddiem il-Kunsill sa l-1 ta' Settembru ta' kull sena, l-aktar tard. Hi tista' tehmeż opinjoni mill-istituzzjonijiet l-oħrajn mat-talbiet għal *budget* b'emenda.

3. L-awtorità tal-*budget* għandha tiddiskutihom skond l-urġenza tagħhom.

*Artikolu 38*

1. Meta l-Kunsill jirċievi abbozz prelimenari li jemenda l-*budget*, dan għandu jħejji abbozz li jemenda l-*budget* b'konformità ma' l-Artikoli 35 u 37.

2. Apparti milli għat-tabella taż-żmien, l-Artikoli 35 u 36 għandhom ikunu applikabbli għal *budget* b'emenda. Dawn għandhom ikunu ssosstanzjati b'referenza għall-*budget* li l-estimi tiegħu jkunu jemendaw.

*Artikolu 39*

Il-Kummissjoni u l-awtorità tal-*budget* jistgħu jifthiemu li jresqu 'l quddiem ċerti dati għat-trasmissjoni ta' l-estimi, u għall-adozzjoni u t-trasmissjoni ta' l-abbozz prelimenari u l-abbozz tal-*budget*. Dan l-arranġament ma jistax, b'dana kollu, jkollu effett fuq it-tqassir jew l-estezjoni tal-perijodi permissibbli għall-konsiderazzjoni ta' dawn it-testi permezz ta' l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u ta' l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom.

▼B

*KAPITOLU 2*

***L-istruttura u l-preżentazzjoni tal-budget***

*Artikolu 40*

IL-*budget* għandu jikkonsisti minn:

▼M1

(a) rendikont ġenerali tad-dħul u tan-nefqa;

▼B

(b) sezzjonijiet separati sud-diviżi fi stqarrijiet ta' introjtu u nefqa għal kull istituzzjoni.

*Artikolu 41*

1. L-introjtu tal-Kummissjoni u l-introjtu u n-nefqa ta' l-istituzzjonijiet l-oħrajn għandhom ikunu kklasifikati mill-awtorità tal-*budget* skond it-tip tagħhom jew l-użu li għalih huma assenjati skond it-titoli, l-kapitoli, l-artikoli u l-punti.

2. L-istqarrija tan-nefqa għas-sezzjoni tal-Kummissjoni għandha tkun stabbilita fuq il-bażi ta' nomenklatura adottata mill-awtorità tal-*budget* u kklasifikata skond l-iskop.

It-Titolu għandu jikkorrispondi maż-żona tal-istrateġija u kapitolu għandu, bħala regola, jikkorrispondi ma attività.

Kull titolu jista' jinkludi approprjazzjonijiet ta' l-operat u approprjazzjonijiet ta' l-amministrazzjoni.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi għal titolu għandhom ikunu miġbura flimkien f'kapitolu wieħed.

*Artikolu 42*

Il-*budget* ma jistax ikun fih introjtu negattiv.

Ir-riżorsi tagħhom imħallsa permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward is-sistema tar-riżorsi tal-Komunitajiet infushom għandhom ikunu ammonti netti u għandhom ikunu murija bħala tali fl-istqarrija sommarja ta' l-introjtu tal-*budget*.

*Artikolu 43*

1. Kull sezzjoni tal-*budget* tista' tinkludi titolu ta' "dispożizzjonijiet". L-approprjazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati f'dan it-titolu f'dawn iż-żewġ ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta l-ebda att bażiku ma jkun jeżisti għall-azzjoni kkonċernata meta l-*budget* ikun stabbilit;

(b) meta jkun hemm bażi serji għad-dubju rigward l-adekwatezza ta' l-approprjazzjonijiet jew tal-possibbiltà ta' l-implimentazzjoni, permzz tal-kondizzjonijiet li huma kostanti ma l-amministrazzjoni soda finanzjarja, l-approprjazzjonijiet irreġistrati fil-linji kkonċernati.

▼M1

L-approprjazzjonijiet f'dan it-titolu jistgħu jintużaw biss wara trasferiment skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23(1)(d) fil-każijiet fejn l-adozzjoni ta' l-att bażiku hi soġġetta għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, u dik ta' l-Artikolu 24 għall-każijiet l-oħrajn.

▼B

2. Fil-każ ta' diffikultajiet serji rigward l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi, fil-kors ta' sena finanzjarja, li l-appropr-

▼B

jazzjonijiet ikunu ttrassferiti lejn titolu ta' "dispożizzjonijiet". L-awtorità tal-*budget* għandha tieħu deċiżjoni rigward dawn it-trasferimenti kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 24.

*Artikolu 44*

Is-sezzjoni tal-Kummissjoni fil-*budget* titsa tinkludi "riserva negattiva" illimitata għal ammont massimu ta' EUR 200 miljun. Din ir-riserva, li tista' tkun irreġistrata f'kapitolu separat, tista' tinkludi kemm l-approprjazzjonijiet ta' l-impenji u wkoll l-approprjazzjonijiet tal-pagamenti.

Din ir-riserva għandha tkun imħejjija qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja permezz ta' trasferiment b'konformità mal-proċedura stabbilita fl- ►**M1** Artikoli 23 u 25 ◄.

▼**M1**

*Artikolu 45*

1. Is-sezzjoni tal-baġit tal-Kummissjoni għandha tinkludi riżerva għall-għajnuna ta' emerġenza għall-pajjiżi terzi.

2. Ir-riżerva msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintuża qabel tmiem is-sena finanzjarja permezz ta' trasferiment skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 24 u 26.

▼B

*Artikolu 46*

1. Il-*budget* għandu juri:

(1) ►**M1** fir-rendikont ġenerali tad-dħul u tan-nefqa: ◄

(a) l-estimi ta' l-introjtu tal-Kummissjoni għas-sena finanzjarja f'dan il-każ;

(b) l-estimi ta' l-introjtu għas-sena finanzjarja preċedenti u l-introjtu għas-sena n – 2;

(ċ) l-approprjazzjonijiet ta' l-impenn u l-pagament għas-sena finanzjarja f'dan il-każ;

(d) l-approprjazzjonijiet għall-impenn u l-pagament għas-sena finanzjarja preċedenti;

(e) in-nefqa impenjata u n-nefqa mħallsa fis-sena n – 2;

▼**M1**

_____

(g) rimarki xierqa dwar kull suddiviżjoni, kif imniżżel fl- Artikolu 41(1).

(2) fis-sezzjoni għal kull istituzzjoni, id-dħul u n-nefqa għandhom jintwerew fl-istess struttura bħal fil-punt 1 (1);

▼B

(3) fir-rigward tal-persunal:

(a) għal kull sezzjoni tal-*budget*, pjan ta' l-istabbiliment li jistabbilixxi n-numru ta' postijiet għal kull grad f'kull kategorija u f'kull wieħed mis-servizzi u n-numru ta' postijiet permanenti u temporanji awtorizzati fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet tal-*budget*;

(b) pjan ta' l-istabbiliment għal persunal imħallas mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku għal azzjoni diretta u pjan ta' l-istabbiliment għal persunal imħallas mill-istess approprjazzjonijiet għal azzjoni inderetta; il-pjan ta' l-istabbiliment għandu jkun ikklasifikat bil-kategorija u l-grad u

▼B

ġħandu jiddistingwi bejn postijiet permanenti u temporanji, awtorizzati fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet tal-*budget*;

▼M1

(ċ) rigward persunal xjentifiku u tekniku, il-klassifikazzjoni tista' tkun ibbażata fuq gruppi ta' gradi, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'kull baġit; il-pjan stabbilit għandu jispeċifika n-numru ta' persunal tekniku jew xjentifiku kwalifikat ħafna li huwa mogħti vantaġġi speċjali taħt id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal;

▼B

(d) pjan ta' l-istabbiliment li jistabbilixxi n-numru ta' postijiet bil-grad u bil-kategorija għal kull korp riferut fl-Artikolu 185 li jirċievi għotja irreġistrata mill-*budget*. Il-pjani ta' l-istebbeliment għandhom juru biswit in-numru ta' postijiet awtorizzati għassena finanzjarja, in-numru awtorizzat tas-sena preċedenti;

(4) fir-rigward ta' l-operazzjonijiet tas-self u t-tislif:

(a) fl-istqarrija ġenerali ta' l-introjtu, il-linji tal-*budget* li jikkorrespondu ma l-operazzjonijiet relevanti u ntiżi biex jirreġistraw xi rimborsi akkwistati mill-benefiċjarji li inizjalment ikunu naqsu, li jwasslu għall-attivazzjoni tal-garanzija ta' l-imġieba. Dawn il-linji għandhom ikollhom dħul b'rhan (p.m.) u jkunu akkumpanjati b'rimarki xierqa;

(b) fis-sezzjoni tal-Kummissjoni:

(i) fil-linji tal-*budget* li jkun fihom il-garanziji ta' l-imġieba tal-Komunitajiet fir-rigward ta' l-operazzjonijiet f'dak il-każ. Dawn il-linji għandhom ikollhom dħul b'rhan (p.m.), sa kemm l-ebda imposta effettiva ma tkun ġiet koperta b'riżorsi definittivi li jkunu oriġinaw;

(ii) rimarki li jgħatu r-referenza għall-att bażiku u għall-volum ta' l-operazzjonijiet intiżi, it-tul taż-żmien u l-garanzija finanzjarja mogħtija mill-Komunitajiet fir-rigward ta' dawn l-operazzjonijiet;

(ċ) f'dokument anness mas-sezzjoni tal-Kummissjoni, bħala indikazzjoni:

(i) l-operazzjoni kapitali kurrenti u l-amministrazzjoni tad-dejn;

(ii) l-operazzjonijiet kapitali u l-amministrazzjoni tad-dejn għassena finanzjarja f'dak il-każ;

▼M1

(5) il-linji tal-baġit taħt id-dħul u n-nefqa meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.

▼B

2. B'żieda mad-dokumenti riferuti fil-paragrafu 1, l-awtorità tal-*budget* tista' tehmeż kwalunkwe dokumenti relevanti oħrajn.

*Artikolu 47*

1. Il-pjan ta' l-istabbiliment deskritt fil-punt 3 ta' l-Artikolu 46(1) għandu jikkonstitwixxi limitu assolut għal kull istituzzjoni jew korp; l-ebda ħatra ma tista' ssir b'eċċess ta' dak il-limitu stabbilit.

B'dana kollu, apparti milli fil-każ ta' ►M1 gradi AD 16, AD 15 u AD 14 ◄, kull istituzzjoni jew korp jista' jimmodifika il-pjani ta' l-istabbiliment bi sa 10 % tal-postijiet awtorizzati, suġġett għal żewġ kondizzjonijiet:

(a) li l-volum ta' l-approprjazzjonijiet tal-persunal li jikkorrispondu għal sena finanzjarja sħiħa ma jkunx affettwat, u

▼B

(b) li l-limtu tan-numru totali ta' postijiet awtorizzat minn kull pjan ta' stabbiliment ma jkux misbuq.

Tlett ġimgħat qabel ma jagħmlu l-modifiki riferuti fit-tieni subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jinfurmaw lill-awtorità tal-*budget* bl-intenzjonijiet tagħhom. Fil każ ta' raġunijiet iġġustifikati kif xieraq li jkunu ppreżentati matul dan il-perijodu minn kwalunkwe fergħa ta' l-awtorità tal-*budget*, l-istituzzjonijiet għandhom jibqgħu lura milli jagħmlu l-modifiki u l-proċedura normali għandha tkun applikabbli.

2. Bħala deroga mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-effetti tax-xogħol *part-time* awtorizzat mill-awtorità tal-ħatriet b'konformità mar-Regolamenti ta' l-Impjegati tista' tkun ibbilanċjata b'ħatriet oħrajn.

## TITOLU IV

## IMPLIMENTAZZJONI TAL-*BUDGET*

### *KAPITOLU 1*

### *Dispożizzjonijiet ġenerali*

#### *Artikolu 48*

1. Il-Kummissjoni għandha timplementa l-introjtu u n-nefqa tal-*budget* b'konformità ma' dan ir-Regolament, bl-inizjattiva tagħha stess u fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet awtorizzati.

2. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw mal-Kummissjoni hekk li l-approprjazzjonijiet ikunu wżati b'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda.

▼M1

#### *Artikolu 49*

1. Att bażiku għandu l-ewwel jiġi adottat qabel ma jkunu jistgħu jintużaw l-approprjazzjonijiet imdaħħlin fil-baġit għal kwalunkwe azzjoni mill-Komunitajiet jew mill-Unjoni Ewropea.

Att bażiku huwa att legali li jipprovdi bażi legali għall-azzjoni u għall-implimentazzjoni tan-nefqa korrispondenti mdaħħal fil-baġit.

2. Fl-applikazzjoni tat-Trattat tal-KE u t-Trattat Euratom, att bażiku huwa att adottat mill-awtorità leġislattiva u jista' jkun f'forma ta' regolament, direttiva, deċiżjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat tal-KE jew deċiżjoni *sui generis*.

3. Fl-applikazzjoni tat-Titolu V tat-TUE (dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni – il-PESK), att bażiku jista' jkun f'waħda mill-forom speċifikati fl-Artikoli 13(2) u (3), 14, 18(5), 23(1) u (2) u 24 tat-TUE.

4. Fl-applikazzjoni tat-Titolu VI tat-TUE (dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija u l-Ġudikatura f'Materji Kriminali), att bażiku jista' jkun f'waħda mill-forom imsemmijin fl-Artikolu 34(2) tat-TUE.

5. Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet ma jikkostitwux atti bażiċi skond it-tifsira ta' dan l-artikolu, u anqas dawk ir-riżoluzzjonijiet, il-konklużjonijiet, id-dikjarazzjonijiet jew atti oħrajn li m'għandhom ebda effett legali.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 4, dawn li ġejjin jistgħu jkunu implimentati mingħajr att bażiku sakemm l-azzjonijiet li jkunu intenzjonati li jiffinanzjaw jaqgħu taħt il-poteri tal-Komunitajiet jew ta' l-Unjoni Ewropea:

(a) approprjazzjonijiet għal proġetti pilota ta' natura sperimentali mfasslin biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjoni u s-siwi tagħha. L-

▼M1

approprjazzjonijiet ta' l-impenji rilevanti jistgħu jiddaħħlu fil-baġit għal mhux aktar minn sentejn finanzjarji suċċessivi;

(b) approprjazzjonijiet għal azzjonijiet preparatorji fl-oqsma ta' l-applikazzjoni tat-Trattat tal-KE u t-Trattat Euratom u tat-Titolu VI tat-TUE, imfasslin biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. L-azzjonijiet preparatorji jridu jsegwu approċċ koerenti u jistgħu jieħdu diversi forom. L-approprjazzjonijiet ta' impenji rilevanti jistgħu jiddaħħlu fil-baġit għal mhux aktar minn tliet snin finanzjarji suċċessivi. Il-proċedura leġislattiva għandha tkun magħluqa qabel tmiem it-tielet sena finanzjarja. Matul il-proċedura leġislattiva, l-impenn ta' approprjazzjonijiet għandu jikkorrespondi mal-karatteristiċi partikolari ta' l-azzjoni preparatorja fir-rigward ta' l-attivitajiet previsti, l-għanijiet immirati u l-persuni li bbenefikaw.

Konsegwentement, il-mezzi implimentati ma jistgħux jikkorrispondu fil-volum ma' dawk previsti għall-iffinanzjar ta' l-azzjoni definittiva nfisha; Meta jkun ippreżentat l-abbozz ta' baġit preliminari, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-awtorità baġitarja dwar l-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) li għandu jkun fiha wkoll valutazzjoni tar-riżultati u s-segwitu previst;

(ċ) approprjazzjonijiet għal miżuri preparatorji fil-qasam tat-Titolu V tat-TUE (dwar il-PESK). Dawn il-miżuri għandhom ikunu limitati għal perijodu qasir ta' żmien u għandhom ikunu mfasslin biex jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex jitwettqu l-objettivi tal-PESK u għall-adozzjoni ta' l-istrumenti legali meħtieġa;

Għall-fini ta' l-operati ta' ġestjoni ta' kriżijiet ta' l-UE, il-miżuri preparatorji huma mfasslin fost l-oħrajn biex jivvalutaw il-ħtiġiet operattivi, jipprovdu għal skjerament inizjali mgħaġġel tar-riżorsi, jew jistabbilixxu l-kondizzjonijiet fil-post għat-tnedija ta' l-operat.

Il-miżuri preparatorji għandhom jinqablu mill-Kunsill, f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/ir-Rappreżentant Għoli tal-PESK, għandu jinforma lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli dwar l-intenzjoni tal-Kunsill biex iniedi miżura preparatorja u dwar l-istima tar-riżorsi meħtieġa għal dan il-għan. F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat ħlas mgħaġġel tal-fondi;

(d) approprjazzjonijiet għal azzjonijiet ta' darba, jew anke azzjonijiet għal durazzjoni indefinita, imwettqin mill-Kummissjoni permezz ta' ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tagħha fuq livell istituzzjonali skond it-Trattat tal-KE u t-Trattat Euratom barra mid-dritt tagħha għal inizjattiva leġislattiva msemmi fil-punt (b) u skond setgħat speċifiċi mogħtija lilha direttament minn dawk it-Trattati, li lista tagħhom tingħata fir-regoli implimentattivi;

(e) approprjazzjonijiet għall-operat ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet skond l-awtonomija amministrattiva tagħha.

▼B

*Artikolu 50*

Il-Kummissjoni għandha tikkonferixxi fuq l-istituzzjonijiet l-oħrajn il-poteri meħtieġa għal-implimentazzjoni tas-sezzjonijiet tal-budhet li huma relatati magħhom.

▼M1

Kull istituzzjonijiet għandha teżerċita dawn il-poteri skond dan ir-Regolament u fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet awtorizzati.

▼B

*Artikolu 51*

Il-Kummissjoni u kull waħda mill-istituzzjonijiet l-oħrajn jistgħu, fi ħdan id-dipartimenti tagħhom, jiddelegaw il-poteri tagħhom ta' l-implentazzjoni tal-*budget* b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament u bir-regoli nterni tagħhom u fil-limiti li huma jistabilixxu fl-istrument tad-delega. Dawk hek awtorizzati jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tal-poteri espresament konferiti lilhom.

▼M1

*Artikolu 52*

1. L-atturi finanzjarji kollha u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-verifika jew il-kontroll għandhom ikunu pprojbiti milli jieħdu kwalunkwe azzjoni li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk tal-Kummissjoni. Jekk dan ikun il-każ, il-persuna in kwistjoni għandha tieqaf minn tali azzjonijiet u għandha tirreferi l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti.

2. Hemm kunflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' tali attur finanzjarju jew ta' persuna oħra, kif imsemmi fil-paragrafu 1, tkun kompromessa għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess komuni ieħor mal-benefiċjarju.

▼B

*KAPITOLU 2*

***Metodi ta' l-implimentazzjoni***

▼M1

*Artikolu 53*

Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit skond id-dispożizzjonijiet imniżżin fl-Artikoli 53a sa 53d fi kwalunkwe minn dawn il-metodi:

(a) fuq bażi ċentralizzata;

(b) b'ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata;

(ċ) b'ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Artikolu 53a*

Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit fuq bażi ċentralizzata, il-kompiti implimentattivi għandhom jitwettqu jew direttament mid-dipartimenti tagħha jew b'mod indirett, skond l-Artikoli 54 sa 57.

*Artikolu 53b*

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit b'amministrazzjoni konġunta, il-kompiti implimentattivi għandhom ikunu delegati lill-Istati Membri. Dak il-metodu għandu japplika partikolarment għall-azzjonijiet imsemmija fit-Titoli I u II tat-Tieni Parti.

2. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet komplementari inklużi fir-regolamenti rilevanti speċifiċi skond is-settur, u sabiex fl-amministrazzjoni kondiviża jiġi żgurat li l-fondi jiġu użati skond ir-regoli u l-prinċipji applikabbli, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi, regolatorji u amministrattivi kollha meħtieġa jew miżuri oħrajn meħtieġa biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet. Għal dan il-għan huma għandhom partikolarment:

(a) jissodisfaw lilhom infushom li azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit fil-fatt jitwettqu u jiżguraw li dawn jiġu implimentati korrettament;

▼M1

(b) jipprevjenu u jittrattaw ħsieb l-irregolaritajiet u l-frodi;

(ċ) jirkupraw fondi mħallsa b'mod ħażin jew użati inkorrettament jew fondi mitlufin bħala riżultat ta' irregolaritajiet jew żbalji.

(d) jiżguraw, permezz ta' regolamenti rilevanti speċifiċi għas-settur u f'konformità ma' l-Artikolu 30(3), il-pubblikazzjoni annwali *ex post* adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit.

Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli u għandhom iwaqqfu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28a. Dawn għandhom iwettqu proċedimenti legali skond kif ikun meħtieġ u xieraq.

3. L-Istati Membri għandhom jipproduċu taqsira annwali fil-livell nazzjonali xieraq tal-verifiki u d-dikjarazzjonijiet disponibbli.

4. Sabiex ikun żgurat li l-fondi jkunu użati skond ir-regoli applikabbli, il-Kummissjoni għandha tapplika proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet jew mekkaniżmi ta' korrezzjoni finanzjarja li bihom tkun tista' tassumi r-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-baġit.

*Artikolu 53ċ*

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit permezz ta' amministrazzjoni deċentralizzata, il-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu delegati lil pajjiżi terzi skond l-Artikolu 56 tat-Titolu IV tat-Tieni Parti, mingħajr preġudizzju għad-delegazzjoni ta' kompiti residwi lill-korpi msemmija fl-Artikolu 54(2)].

2. Sabiex ikun żgurat li l-fondi jkunu użati skond ir-regoli applikabbli, il-Kummissjoni għandha tapplika proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet jew mekkaniżmi ta' korrezzjoni finanzjarja li bihom tkun tista' tassumi r-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-baġit.

3. jiżguraw, permezz ta' regolamenti rilevanti speċifiċi għas-settur u f'konformità ma' l-Artikolu 30(3), il-pubblikazzjoni annwali *ex post* adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit.

*Artikolu 53d*

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit permezz ta' amministrazzjoni konġunta, ċerti kompiti implimentattivi għandhom ikunu delegati lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, skond ir-regoli implimentattivi, fil-każijiet li ġejjin:

(a) kull meta l-Kummissjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali huma marbuta bi ftehim ta' qafas għal perijodu fit-tul li jistabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi u finanzjarji għall-kooperazzjoni tagħhom;

(b) kull meta l-Kummissjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali jelaboraw proġett jew programm konġunt;

(ċ) fejn il-fondi ta' bosta donaturi jinġabru flimkien u ma jkunux imħollijin għal elementi speċifiċi jew kategoriji ta' nfiq, jiġifieri, fil-każ ta' azzjonijiet b'bosta donaturi.

Dawn l-organizzazzjonijiiet għandhom, fil-kontijiet, verifika, kontroll intern u proċeduri ta' akkwsit tagħhom, japplikaw standards li joffru garanziji ekwivalenti għal standards aċċettati internazzjonalment.

2. Il-ftehim individwali li ntlaħqu ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għall-għoti ta' finanzjament għandu jinkludi dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti fdati f'idejn it-tali organizzazzjonijiet internazzjonali.

3. Organizzazzjonijiet internazzjonali li lilhom jiġu delegati kompiti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw, f'konformità ma' l-Artikolu 30

▼M1

(3), il-pubblikazzjoni annwali *ex post* adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit.

▼B

*Artikolu 54*

▼M1

1. Il-Kummissjoni ma taistax tiddelega lil partijiet terzi l-poteri eżekuttivi li hija għandha taħt it-Trattati fejn dawn jinvolvu miżura kbira ta' diskrezzjoni li timplika għażliet politiċi. Il-kompiti implimentattivi delegati għandhom ikunu definit b'mod ċar u sorveljati rigward l-użu magħmul minnhom.

Id-delegazzjoni tal-kompiti ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda li jitlob kontroll intern effettiv u effiċjenti u għandha tiżgura konformità mal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni, u l-viżibilità ta' azzjoni Komunitarja. L-ebda kompiti implimentattivi delegati b'dan il-mod ma jistgħu jwasslu għal kunflitti ta' interessi.

▼B

2. ►M1 Fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', meta timplimenta l-baġit b'ġestjoni ċentralizzata indiretta jew b'ġestjoni deċentralizzata taħt l-Artikoli 53a jew 53ċ, tiddelega kompiti ta' awtorità pubblika u partikolarment kompiti implimentattivi tal-baġit lil: ◄

(a) aġenziji rregolati bil-liġi tal-Komunità, riferuti fl-Artikolu 55, ta' hawn taħt: "aġenziji eżekuttivi";

▼M1

(b) korpi stabbiliti mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 185 u korpi Komunitarji speċjalizzati oħrajn, bħall-Bank Ewropew ta' l-Investiment jew il-Fond Ewropew ta' l-Investiment, bil-kondizzjoni li dan huwa kompatibbli mal-kompiti ta' kull entità kif inhu definit fl-att bażiku;

(ċ) korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati u li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati fir-regoli implimentattivi;

(d) persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skond it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti skond it-tifsira ta' l-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament.

▼B

3. Meta l-korpi riferuti fil-paragrafi 2 iwettqu d-doveri ta' l-implimentazzjoni, dawn għandhom iwettqu verifiki regolari sabiex jassiguraw li l-azzjonijiet li għandhom ikunu ffinanzjati mill-*budget* ikunu ġew implementati korrettament.

▼M1

Tali korpi jew persuni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu irregolaritajiet u frodi u jekk hu meħtieġ, li jibdew proċedimenti legali biex jirkupraw fondi mħallsa b'mod ħażin jew użat b'mod mhux korrett.

*Artikolu 55*

1. L-aġenziji eżekuttivi għandhom ikunu persuni ġuridiċi taħt il-liġi Komunitarja, maħluqin b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni li jistgħu jiġu delegati poteri lilhom biex jimplimentaw programm jew proġett tal-Komunità sħiħ jew f'parti f'isem il-Kummissjoni u taħt ir-responsabbiltà tagħha skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58./2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunita' ([1]).

([1]) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1

▼M1

2. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet operattivi korrispondenti għandhom jitwettqu mid-direttur ta' l-aġenzija.

*Artikolu 56*

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit permezz ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta, għandha l-ewwel tikseb evidenza ta' l-eżistenza u l-operat xieraq fl-entitajiet li tafdalhom l-implimentazzjoni ta' li ġej:

(a) akkwist trasparenti u proċeduri ta' għoti ta' għotjiet non-diskriminatorji u li jeskludu kwalunkwe kunflitt ta' interess u li huma konformi tad-dispożizzjonijiet tat-Titoli V u VI rispettivament;

(b) sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti għall-ġestjoni ta' operati, li tinkludi segregazzjoni effettiva tad-doveri ta' l-uffiċjal awtorizzanti u ta' l-uffiċjal tal-kontijiet jew tal-funzjonijiet ekwivalenti;

(ċ) sistema ta' kontabilità li tagħmel possibbli l-użu korrett tal-fondi Komunitarji li se jiġu vverifikati u l-użu tal-fondi li se jiġu riflessi fil-kontijiet Komunitarji;

(d) verifika esterna indipendenti;

(e) aċċess pubbliku għall-informazzjoni fil-livell previst fir-regolamenti Komunitarji;

(f) pubblikazzjoni ex post annwali adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit f'konformità ma' l-Artikolu 30(3).

Il-Kummissjoni tista' taċċetta li s-sistemi tal-verifika, kontabilità u akkwist ta' l-entitajiet imsemmijin fil-Paragrafi 1 u 2 huma ekwivalenti għal tagħha, meta jitqiesu l-istandards aċċettati internazzjonalment.

2. Fil-każ ta' ġestjoni deċentralizzata, għandhom japplikaw l-istess kriterji li huma stabbiliti fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tal-kriterju previst fil-punt (e), b'mod sħiħ jew f'parti, skond il-grad ta' deċentralizzazzjoni, miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz, korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali kkonċernati.

Irrispettivament mill-paragrafu (1)(a) u l-Artikolu 169a, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi:

— fil-każ tal-ġbir flimkien ta' fondi, u

— skond il-kondizzjonijiet previsti fl-att bażiku,

li tuża l-proċeduri ta' akkwsit jew għotja tal-pajjiż imsieħeb benefiċjarju jew kif maqbul fost id-donaturi.

Qabel ma tittieħed tali deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha l-ewwel takkwista evidenza abbażi ta' każ b'każ li tali proċeduri jissodisfaw il-prinċipji tat-trasparenza, trattament ugwali u non-diskriminazzjoni, jipprevjenu kwalunkwe kunflitt ta' interess, joffru garanziji ekwivalenti għal standards aċċettati internazjonalment u jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja soda li titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti.

Il-pajjiż terz, korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali kkonċernati għandhom jikkommettu ruħhom li jwettqu l-obbligi li ġejjin:

(a) li jikkonformaw, soġġett għall-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1;

(b) li jiżguraw li l-verifika msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 issir minn istituzzjoni nazzjonali għall-ivverifikar estern indipendenti;

(ċ) li jsir iċċekkjar regolari biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet li se jkunu ffinanzjati mill-baġit ikunu ġew implimentati korrettament;

▼M1

(d) li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu evitati l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jintużaw proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi li jkunu tħallsu bi żball.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura s-sorveljanza, l-evalwazzjoni u l-kontroll ta' l-implimentazzjoni tal-kompiti fdati. Għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-ekwivalenza tas-sistemi ta' kontroll meta din twettaq kontrolli permezz ta' l-użu tas-sistemi tagħha ta' kontroll.

▼B

*Artikolu 57*

▼M1

1. Il-Kummissjoni ma tistax tafda miżuri ta' implimentazzjoni ta' fondi li ġejjin mill-baġit, inkluż il-pagament u l-irkupru, lil entitajiet jew korpi esterni tas-settur privat, ħlief fil-każ imsemmi fl-Artikolu 54 (2)(ċ) jew f'każijiet speċifiċi fejn il-ħlasijiet involuti għandhom isiru lil benefiċjarji ddeterminati mill-Kummissjoni, li huma soġġett għal kondizzjonijiet u ammonti stabbiliti mill-Kummissjoni u li ma jinvolvux l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni mill-entità jew korp li qed jagħmel il-ħlasijiet.

▼B

2. Id-doveri li jistgħu jkunu afdati permezz ta' kuntratt lejn entitajiet jew korpi esterni ta' settur-privat apparti minn dawk li jkollhom missjoni ta' servizz-pubbliku huma d-doveri ta' esperjenza teknika, amministrattivi, preparatorji u doveri anċillari li la jinvolvu l-eżerċitar ta' l-awtorità pubblika u l-anqas l-użu tal-poteri diskrezzjonali ta' ġudizju.

*KAPITOLU 3*

***Atturi finanzjarji***

Sezzjoni 1

**Prinċipju tas-segregazzjoni tad-doveri**

*Artikolu 58*

Id-doveri ta' l-uffiċjal awtorizzanti u ta' l-uffiċjal tal-kontijiet għandhom ikunu segregati u reċiprokament inkompatibbli.

Sezzjoni 2

**L-uffiċjal awtorizzanti**

*Artikolu 59*

1. L-istituzzjoni għandha twettaq id-doveri ta' l-uffiċjal awtorizzanti.

▼M1

1a. Għall-fini ta' dan it-Titolu, it-terminu "persunal" jirreferi għal persuni koperti mir-Regolamenti tal-Persunal.

2. Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi fir-regoli amministrattivi interni tagħha l-persunal ta' livell xieraq li lilu tiddelega b'konformità mal-kondizzjonijiet fir-regoli ta' proċedura tagħha d-doveri ta' l-uffiċjal awtorizzanti, l-kamp ta' applikazzjoni tal-poteri delegati u l-possibbiltà li l-persuni delegati b'dawn il-poteri jistgħu jissubdelegawhom.

3. Il-poteri ta' l-uffiċjal awtorizzanti għandhom jiġu delegati jew subdelegati biss lill-persunal.

▼B

4. L-uffiċjali awtorizzanti, b'delega jew b'sub-delega jistgħu jaġixxu biss fil-limiti stabbiliti mill-istrument tad-delega jew tas-sub-delega. L-uffiċjal awtorizzanti li jkun responsabbli b'delega jew sub-delega jista' jkun mgħejjun bid-doveri tiegħu/tagħha minn membru wieħed jew aktar tal-persunal affidat, permezz tar-responsabbiltajiet tiegħu/tagħha, li jwettaq ċerti operazzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-*budget* u l-preżentazzjoni tal-kontijiet.

*Artikolu 60*

1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jkun responsabbli f'kull istituzzjoni għall-implimentazzjoni ta' l-introjtu u n-nefqa b'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda u sabiex jassigura li l-ħtiġiet tal-legalità u r-regolarità jkunu aderiti.

2. Sabiex jimplementa n-nefqa, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'sub-delega għandu jwettaq l-impenji tal-*budget* u l-impenji legali, għandu jivvalida n-nefqa u jawtorizza l-pagament, u għandu jwettaq il-prelimenarji għall-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet.

3. L-implimentazzjoni ta' l-introjtu għandha tinkludi t-tħejjija ta' l-estimi ta' l-ammonti riċevibbli, l-istabbiliment ta' l-intitolamenti li għandhom ikunu rkuprati u l-ħruġ ta' l-ordnijiet ta' l-irkupru. Din għandha tinvolvi t-twarrib ta' l-intitolament stabbilit meta jkun xieraq.

4. L-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jqiegħed, b'konformità man-normi minimi adottati minn kull istituzzjoni u wara li jkun qies sewwa r-riskji assoċċjati ma l-ambjent amministrattiv u n-natura ta' l-azzjonijiet finanzjati, l-istruttura organizzazzjonali u l-amministrazzjoni nterna u l-proċeduri ta' kontroll l-aktar adatti għat-twettieq tad-doveri tiegħu/tagħha, inklużi meta xieraq, il-verifiki *ex post*. Qabel ma operazzjoni tkun awtorizzata, l-aspetti operazzjonali jew finanzjarji għandhom ikunu vverifikati mill-membri tal-persunal apparti milli minn dak li jkun ta bidu għall-operazzjoni. Il-bidu tal-verifika *ex ante* u *ex post* ta' operazzjoni għandhom ikunu funzjonijiet separati.

5. Il-persunal kollu responsabbli għall-kontroll ta' l-amministrazzjoni ta' l-operazzjonijiet finanzjarji għandhom ikollhom il-kapaċitajiet professjonali meħtieġa. Għandhom jirrispettaw kodiċi speċifika ta' normi professjonali stabbilita min kull istituzzjoni.

6. Xi membru tal-persunal involut fl-amministrazzjoni finanzjarja u fil-kontroll tat-tranżazzjonijiet li jqis li xi deċiżjoni li hu/hi jkun meħtieġ li jieħu mis-superjur tiegħu/tagħha biex japplika jew biex jaqbel magħha tkun irregolari jew kuntrarja tal-prinċipji ta' l-amministrazzjoni finanzjarja soda jew tar-regoli profesjonali li hu/hi jkun meħtieġ li josserva, għandu/għandha tinforma lill-uffiċjal awtorizzanti, b'delega bil-kitba u, jekk dan ta' l-aħħar jonqos milli jieħu passi, lill-grupp riferut fl-Artikolu 66(4). Fil-każ ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interesi tal-Komunità, hu/hi għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet u lill-korpi nnominati bil-leġislazzjoni applikabbli.

▼M1

7. L-uffiċjal awtorizzanti permezz ta' delega għandu jirrapporta lill-istituzzjoni tiegħu dwar il-prestazzjoni tad-doveri tiegħu fil-forma ta' rapport ta' l-attività annwali flimkien ma' informazzjoni finanzjarja u amministrattiva li tikkonferma li l-informazzjoni li hemm fir-rapport tippreżenta dehra vera u ġusta kif speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe riserva marbuta ma' oqsma definti ta' dħul u nfiq.

Dak ir-rapport għandu jindika r-riżultati ta' l-operati b'referenza għall-objettivi dikjarati, ir-riskji assoċjati ma' dawn l-operati, l-użu li sar mir-riżorsi pprovduti u l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern. L-awditur intern għandu jieħu nota tar-rapport annwali u ta' kwalunkwe biċċa informazzjoni oħra identifikata. Mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-awtorità baġitarja r-rapporti annwali għas-sena preċedenti.

▼B

Sezzjoni 3

**L-uffiċjal tal-kontijiet**

*Artikolu 61*

1. Kull istituzzjoni għandha taħtar uffiċjal tal-kontijiet li għandu jkun responsabbli f'kull istituzzjoni għal:

(a) l-implementazjoni xierqa tal-pagamenti, tal-ġbir ta' l-introjtu u ta' l-irkupru ta' l-ammonti stabbiliti bħala riċevibbli;

(b) jipprepara u jippreżenta l-kontijiet b'konformità mat-Titolu VII;

(ċ) iżomm il-kontijiet b'konformità mat-Titolu VII;

(d) jistabbilixxi, b'konformità mat-Titolu VII, ir-regoli tal-kontijiet u l-metodi u t-tqassim tal-kontijiet;

(e) jistabbilixxi u jivvalida s-sistemi tal-kontijiet u meta xieraq is-sistemi tal-validazzjoni stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti, sabiex iformi u jiġġustifika l-informazzjoni tal-kontijiet; ►M1 l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jingħata s-setgħa biex jivverifika li l-kriterji ta' validazzjoni jkunu ġew irrispettati; ◄

(f) l-amministrazzjoni tat-teżor.

2. L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jakkwista minn għand l-uffiċjali awtorizzanti, li għandhom jiggarantixxu l-affiddabilità tagħha, l-informazzjoni kollha meħtieġa għal-produzzjoni tal-kontijiet li jgħatu dehra vera ta' l-assi tal-Komunitajiet u ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*.

▼M1

2a. Qabel l-adozzjoni tal-kontijiet mill-istituzzjoni, l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jiffirmahom u b'hekk jiċċertifika li huwa għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tassitwazzjoni finanzjarja ta' l-istituzzjoni.

Għal dak il-fini, l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jkun sodisfatt li l-kontijiet tħejjew skond ir-regoli, il-metodi u s-sistemi tal-kontabilità stabbiliti taħt ir-responsabbiltà tiegħu kif stipulati f'dan ir-Regolament għall-kontijiet ta' l-istituzzjoni tiegħu, u li d-dħul u l-infiq kollu jkunu ddaħħlu fil-kontijiet.

L-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom jgħaddu l-informazzjoni kollha li l-uffiċjal tal-kontijiet għandu bżonn biex ikun jista' jwettaq id-doveri tiegħu.

L-uffiċjali awtorizzanti għandhom jibqgħu totalment responsabbli għall-użu xieraq tal-fondi li jamministraw kif ukoll tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt il-kontroll tagħhom.

2b. L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jingħata s-setgħa biex jiċċekkja l-informazzjoni li jirċievi kif ukoll biex jagħmel aktar verifiki li jemmen li jkunu meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma l-kontijiet.

L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jagħmel riservi, jekk meħtieġ, fejn ifisser eżattament in-natura u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta dawn ir-riservi.

2ċ. L-uffiċjali tal-kontijiet ta' istituzzjonijiet u aġenziji oħrajn għandhom jiffirmaw il-kontijiet annwali tagħhom u jibagħtuhom lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni.

3. Ħlief meta pprovdut xort'oħra f'dan ir-Regolament, l-uffiċjal tal-kontijiet biss għandu l-poter li jamministra l-flus kontanti u l-ekwivalenti tal-flus kontanti. Huwa għandu jkun responsabbli għas-salvagwardja tagħhom.

▼B

*Artikolu 62*

▼M1

L-uffiċjal tal-kontijiet jista', fit-twettiq tad-doveri tiegħu, jiddelega ċerti kompiti lil persunal subordinat.

▼B

L-istrument tad-delega għandu jistabbilixxi x-xogħol afdat lill-dawk delegati.

Sezzjoni 4

**L-amministratur ta' l-għoti tal-flus**

▼M1

*Artikolu 63*

1. Il-kontijiet imprest jistgħu jitwaqqfu għall-ġabra ta' dħul ħlief għal riżorsi proprji u għall-ħlas ta' somom żgħar kif iddefinit fir-regoli ta' implimentazzjoni.

Madankollu, fil-qasam ta' l-operati għall-għajnuna għall-ġestjoni tal-kriżijiet u għall-għajnuna umanitarja skond it-tifsira ta' l-Artikolu 110, il-kontijiet l-imprest jistgħu jintużaw mingħajr kwalunkwe limitu fuq l-ammont waqt li jirrispettaw il-livell ta' approprjazzjonijiet deċiż mill-awtorità baġitarja dwar il-linja tal-baġit korrispondenti għas-sena finanzjarja attwali.

2. Il-kontijiet imprest għandhom ikunu dotati mill-uffiċjal tal-kontijiet ta' l-istituzzjoni u għandhom jitpoġġew taħt ir-responsabbiltà ta' amministraturi ta' imprest maħturin mill-uffiċjal tal-kontijiet ta' l-istituzzjoni.

▼B

*KAPITOLU 4*

***Ir-responsabbiltà ta' l-atturi finanzjarji***

Sezzjoni 1

**Regoli ġenerali**

*Artikolu 64*

1. Mingħajr preġudizju għal xi azzjoni dixxiplinarja, l-uffiċjali awtorizzanti b'delega u b'sub-delega jistgħu fi kwalunkwe waqt ikollhom id-delega jew is-sub-delega tagħhom imneħija temporanjament jew definittivament mill-awtorità li taħtarhom.

2. Bla ħsara għal xi azzjoni dixxiplinarja, l-uffiċjal tal-kontijiet jista' fi kwalunkwe waqt ikun sospiż temporanjament jew definittivament mid-doveri tiegħu/tagħha mill-awtorità li tkun appuntatu.

3. Bla ħsara għal xi azzjoni dixxiplinarja, l-amministratturi ta' l-għoti tal-flus jistgħu fi kwalunkwe waqt ikunu sospiżi temporanjament jew definittivament mid-doveri tagħhom mill-awtorità li tkun appuntathom.

*Artikolu 65*

▼M1

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu huma bla preġudizzju għal kwalunkwe responsabbiltà taħt il-liġi kriminali, li l-atturi finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 64 jistgħu jiffaċċjaw kif previst fil-liġi nazzjonali applikabbli u fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni ta' l-inte-

▼M1

ressi finanzjarji tal-Komunitajiet u dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet jew uffiċjali ta' l-Istati Membri.

▼B

2. Kull wieħed mill-uffiċjali awtorizzanti, mill-uffiċjal tal-kontijiet jew l-amministratur ta' għoti tal-flus għandhom ikunu suġġetti għal azzjoni dixxiplinarja u pagament bħala kumpens kif stabbilit fir-Regolamenti ta' l-Impjegati, bla ħsara għall-Artikoli 66, 67 u 68. Fil-każ ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-Komunità, il-materja għandha tkun ippreżentata lill-awtoritajiet u lill-korpi nnominati bil-leġislazzjoni applikabbli.

Sezzjoni 2

**Regoli applikabbli b'delega jew b'sub-delega għall-uffiċjali awtorizzanti**

*Artikolu 66*

▼M1

1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' kumpens kif stipulat fir-Regolamenti tal-Persunal.

1a. L-obbligu biex jitħallas kumpens għandu partikolarment japplika jekk:

(a) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba negligenza serja min-naħa tiegħu, jiddetermina li għandhom jiġu rkuprati entrati jew jippubblika ordnijiet ta' rkupru, jikkommetti nefqa jew jiffirma ordni ta' ħlas mingħajr ma jikkonforma ma' dan ir-Regolament u r-regoli implimentattivi,

(b) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba negligenza serja min-naħa tiegħu, jonqos milli jfassal dokument li jistabbilixxi ammont dovut, jittraskura milli joħroġ ordni ta' rkupru jew jittardja l-ħruġ tagħha jew jittardja l-ħruġ ta' ordni għal ħlas, u b'hekk jesponi lill-istituzzjoni għal azzjoni civili minn partijiet terzi.

▼B

2. L-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew sud-delega li jikkonsidra li deċiżjoni li hu/hi tkun fir-responsabilità tiegħu/tagħha li għandu jieħu tkun irregolari jew kontra l-prinċipji ta' l-amministrazzjoni finanzjarja soda, għandu jinforma b'dan bil-miktub lill-awtorità tad-delega. Jekk l-awtorità tad-delega imbagħad tagħti bil-miktub struzzjoni b'raġuni lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'sud-delega biex jieħu d-deċiżjoni f'dak il-każ, l-uffiċjal awtorizzanti ma jistax jinżamm responsabbli.

▼M1

3. Fil-każ ta' sottodelegazzjoni fl-ambitu tas-servizzi tiegħu, l-uffiċjal awtorizzanti b'delegazzjoni jibqa' responsabbli għall-effikaċja u l-effettività tal-ġestjoni interna u tas-sistemi ta' kontroll stabbiliti u għall-għażla ta l-uffiċjal awtorizzanti b'sottodelegazzjoni.

4. Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi bord speċjalizzat għall-irregolaritajiet finanzjarji jew tipparteċipa f'bord konġunt imwaqqaf minn diversi istituzzjonijiet. Il-bordijiet għandhom jiffunzjonaw indipendentement u jiddeterminaw jekk tkunx seħħet irregolarità finanzjarja u x'għandhom ikunu l-konsegwenzi, jekk dan ikun il-każ.

▼B

Fuq il-bażi ta' l-opinjoni ta' dan il-grupp, l-istituzzjoni għandha tiddeċiedi jekk tgħatix bidu għal proċedimenti li jinvolvu r-responsabbiltà għal azzjoni dixxiplinarja jew tal-pagament bħala kumpens. Jekk il-grupp jintebaħ bi problemi sistematiċi, dan għandu jibgħat rapport b'rakkomandazzjonijiet lejn l-uffiċjal awtorizzanti u lejn l-uffiċjal awtorizzanti b'delega, basta li dan ta' l-aħħar ma jkunx il-persuna nvoluta, kif ukoll lejn l-awditur intern.

▼B

Sezzjoni 3

**Regoli applikabbli għall-uffiċjali tal-kontijiet u l-amministraturi ta' l-għoti tal-flus**

*Artikolu 67*

Uffiċjal tal-kontijiet għandu jkun suġġett għal azzjoni dixxiplinarja u l-pagament bħala kumpens, kif stabbilit u b'konformità mal-proċeduri fir-Regolamenti ta' l-Impjegati. Hu/hi jista' partikolarment li isib ruħu suġġett bi kwalunkwe minn dawn it-tipi ta' kondotta ħażina:

(a) hu/hi jitlef u jagħmel ħsara lill-flejjes, lill-assi u lid-dokumenti fil-pussess tiegħu/tagħha;

(b) hu/hi b'azzjoni ħażina jibdel il-kontijiet bankarji jew il-kontijiet *giro* tal-posta;

(ċ) hu/hi jirkupra jew iħallas ammonti li ma humiex b'konformità ma' l-ordnijiet korrispondenti ta' l-irkupru jew tal-pagament;

(d) hu/hi jonqos milli jiġbor l-introjtu dovut.

*Artikolu 68*

Uffiċjal ta' l-għoti tal-flus għandu jkun suġġett għal azzjoni dixxiplinarja u l-pagament bħala kumpens, kif stabbilit u b'konformità mal-proċeduri fir-Regolamenti ta' l-Impjegati. Hu/hi jista' partikolarment li isib ruħu suġġett bi kwalunkwe minn dawn it-tipi ta' kondotta ħażina:

(a) hu/hi jitlef u jagħmel ħsara lill-flejjes, lill-assi u lid-dokumenti fil-pussess tiegħu/tagħha;

(b) hu/hi ma jkunx jista' jipprovdi dokumenti b'sostenn għal-pagamenti li hu/hi jkun għamel;

(ċ) hu/hi jagħmel pagamenti lill-persuni apparti minn dawk intitolati għalihom;

(d) hu/hi jonqos milli jiġbor l-introjtu dovut.

*KAPITOLU 5*

***L-operazzjonijiet ta' l-introjtu***

Sezzjoni 1

**Id-disponabbilità tar-riżorsi nterni**

*Artikolu 69*

Estimi ta' l-introjtu kostitwit mir-riżorsi tagħhom, kif riferut fid-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward is-sistema tar-riżorsi tal-Kumunitajiet infushom, għandhom ikunu rreġistrati fil-*budget*, f'euro. Dan għandu jkun disponibbli b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill li jimplementa dik id-Deċiżjoni.

▼B

Sezzjoni 2

**L-estimi ta' l-ammonti riċevibbli**

*Artikolu 70*

1. L-estimi ta' l-ammont riċevibbli għandhom l-ewwel nett isiru mill-uffiċjal awtorizzanti li huwa responsabbli fir-rigward ta' xi miżura jew sitwazzjoni li tista' tikkaġuna jew li timmodifika xi ammont dovut lejn il-Kumunitajiet.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-ebda estimi ta' l-ammont riċevibbli m'għandhom isiru qabel ma l-Istati Membri jagħmlu disponibbli lejn il-Kummissjoni l-ammonti tar-riżorsi tagħha kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward is-sistema tar-riżorsi tal-Komunitajiet infushom li huma mħallsa f'intervalli stabbiliti mill-Istati Membri. L-uffiċjal awtorizzanti huwa responsabbli għall-ħruġ ta' ordni ta' rkupru fir-rigward ta' dawn l-ammonti.

Sezzjoni 3

**L-istabbiliment ta' l-ammonti riċevibbli**

*Artikolu 71*

1. Stabbiliment ta' ammont riċevibbli huwa l-att li bih l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'sub-delega:

(a) jivverifika li d-dejn jeżisti;

(b) jiddetermina jew jivverifika ir-realtà u l-ammont tad-dejn;

(ċ) jivverifika l-kondizzjonijiet li fihom id-dejn ikun dovut.

2. Ir-riżori tagħha kif disponibbli mill-Kummissjoni u xi ammont riċevibbli li huwa identifikat bħala li jkun ċert, ta' ammont fiss u dovut għandu jkun stabbilit b'ordni ta' rkupru lejn l-uffiċjal tal-kontijiet segwit b'nota ta' debitu mibgħuta lid-debitur, it-tnejn imħejjija mill-uffiċjal awtorizzanti kif ikun responsabbli.

3. L-ammonti mħallsa ħażin għandhom ikunu rkuprati.

4. Il-kondizzjonijiet li fuqhom imgħax rigward il-pagament tard ikun dovut lill-Komunitajiet għandhom ikunu stabbiliti fir-regoli ta' l-implimentazzjoni.

Sezzjoni 4

**L-awtorizzazzjoni ta' l-irkupru**

*Artikolu 72*

1. L-awtorizzazzjoni ta' l-irkupru hija att li bih l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'sub-delega responsabbli jgħati struzzjonijiet lill-uffiċjal tal-kontijiet, bil-ħruġ ta' ordni ta' rkupru, li jirkupra l-ammont riċevibbli li hu/hi jkun stabbilixxa.

2. L-istituzzjoni tista' formalment tistabbilixxi ammont bħala riċevibbli minn persuni apparti milli minn Stati permzz ta' deċiżjoni li għandha tkun enforzabbli fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 256 tat-Trattat KE.

▼B

Sezzjoni 5

**L-Irkupru**

*Artikolu 73*

1. L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jaġixxi fuq ordnijiet ta' rkupru għall-ammonti riċevibli, stabbiti kif suppost, mill-uffiċjal awtorizzanti, li huwa responsabbli. Hu/hi għandu jeżerċita diliġenza xierqa sabiex jassigura li l-Komunitajiet jirċievu l-introjtu dovut lilhom u għandu jara li d-drittijiet tagħhom ikunu ssalvagwardjati.

L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jirkupra ammonti billi jagħmel kumpens b'bilanċ kontra tagħhom ekwivalenti għal talbiet li l-Komunitajiet ikollhom fuq xi debitur li hu nnifsu għandu talba kontra l-Komunitajiet li hija ċerta, ta' ammont stabbilit u dovut.

▼M1

2. Fejn l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun qiegħed jippjana li jirrinunċja għal jew parzjalment jirrinunċja għal irkupru ta' xi ammont rekuperabbli stabbilit, huwa/hija għandu jiżgura li r-rinunċja hija magħmula sewwa u li hija konformi mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba u ta' proporzjonalità skond il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti fir-regoli implimentattivi. Id-deċiżjoni ta' rinunċja għandha tiġi ssostanzjata. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddelega d-deċiżjoni biss kif stabbilit fir-regoli implimentattivi.

L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' wkoll iħassar jew jaġġusta ammont dovut stabbilit, skond il-kondizzjonijiet imniżżlin fir-regoli implimentattivi.

*Artikolu 73a*

Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' regolamenti speċifiċi u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill marbuta mas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet, id-drittijiet tal-Komunitajiet fir-rigward ta' partijiet terzi u d-drittijiet ta' partijiet terzi fir-rigward tal-Komunitajiet għandhom ikunu soġġetti għal perijodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.

Id-data biex jiġi kkalkulat il-perijodu ta' limitazzjoni u l-kondizzjonijiet għall-interruzzjoni tal-perijodu għandhom jitniżżlu fir-regoli implimentattivi.

▼B

*Artikolu 74*

Introjtu riċevibbli bħala multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħrajn u xi imgħax li joktor m'għandux ikun finalment irreġistrat fil-*budget* bħala ntrojtu sakemm id-deċiżjonijiet li jimponuhom jistgħu jkunu annullati mill-Qorti tal-Ġustizja.

L-ewwel paragrafu m'għandux japplika għad-deċiżjonijiet rigward ir-rilaxx ta' kontijiet jew ta' korrezzjonijiet finanzjarji.

*KAPITOLU 6*

***L-operazzjonijiet tan-nefqa***

*Artikolu 75*

1. Kull punt tan-nefqa għandu jkun kummess, validat, awtorizzat u mħallas.

2. Apparti milli fil-każ ta' approprjazzjonijiet li jistgħu jkunu mplementati mingħajr att bażiku b'konformità ma l- ►M1 Artikolu 49 (6)

▼B

(e) ◀, l-impenn tan-nefqa għandu jkun preċedut b'deċiżjoni finanzjarja adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet li għalihom il-poteri jkunu ġew delegati mill-istituzzjoni.

Sezzjoni 1

**L-impenn tan-nefqa**

*Artikolu 76*

1. L-impenn tal-*budget* huwa l-operazzjoni li tirreserva l-approprjazzjoni meħtieġa sabiex tkopri l-pagamenti sussegwenti ħalli jkun onorat impenn legali.

L-impenn legali huqa att li bih l-uffiċjal awtorizzanti jidħol fil, jew jistabbilixxi, obligu li jirriżulta f'impost.

L-impenn tal-*budget* u l-impenn legali għandhom ikunu adottati mill-istess uffiċjal awtorizzanti, apparti milli f'każi sostanzjati kif meħtieġ kif hemm provvediment dwar dan fir-regoli implementattivi.

2. L-impenn tal-*budget* huwa individwali meta l-benefiċjarju u l-ammont tan-nefqa huma magħrufa.

L-impenn tal-*budget* huwa globali meta għall-anqas wieħed mill-elementi meħtieġa biex ikun identifikat l-impenn individwali ma jkunx għadu magħruf.

L-impenn tal-*budget* huwa proviżjonali meta huwa ntiż biex ikopri n-nefqa riferuta fl-Artikolu 150 jew nefqa amministrattiva ta' rutina u jew l-ammont jew il-benefiċji finali definittivament ma jkunux magħrufa.

3. L-impenji tal-*budget* għal azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jkunu maqsuma matul diversi snin f'siltiet annwali biss meta l-att bażiku hekk jipprovdi u għal nefqa amministrattiva. Meta l-impenn tal-*budget* ikun hekk diviż f'siltiet annwali, l-impenn legali għandu jistipula dan, apparti milli fil-każ ta' nefqa fuq il-persunal.

*Artikolu 77*

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li tista' tagħti bidu għal nefqa fuq il-*budget*, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu l-ewwel jagħmel impenn fuq il-*budget* qabel ma jidħol f'obbligazzjoni legali ma' partijiet terzi.

2. Suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali tat-Titolu IV tal-parti tnejn, l-impenji globali tal-*budget* għandhom ikopru l-ispiża totali ta' l-impenji legali ndividwali li jkunu korrispondenti kif konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena n + 1.

Bla ħsara għall-Artikolu 76(3) u l-Artikolu 179(2), l-impenji legali ndividwali li jirrigwardjaw impenji individwi jew proviżjonali tal-*budget* għandhom ikunu konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena n.

Fit-tmiem tal-perijodi riferuti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, il-bilanċ mhux użat ta' dawn l-impenji tal-*budget* għandhom jinqatgħu barra mill-uffiċjal awtorizzanti li huwa responsabbli.

L-ammont ta' kull impenn legali individwali adott b'segwiment ta' impenn globali għandu, qabel il-firma, jkun irreġistrat mill-uffiċjal awtorizzanti li huwa responsabbli fil-kontijiet tal-*budget* u mdaħħal fl-impenn globali.

3. L-impenji legali mdaħħla għall-azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda u l-impenji tal-*budget* korrispondenti għandhom, apparti milli fil-każ ta' nefqa tal-persunal, ikollhom data

▼B

finali għal-implimentazzjoni stabbilita b'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda.

Xi partijiet ta' impenji bħal dawn li ma jkunx ġew effettwati fi żmien sitt xhur wara d-data għandhom ikunu maqtuha barra b'konformità ma l-Artikolu 11.

▼M1

L-ammont ta' impenn tal-baġit li jikkorrispondi għal impenn legali li għalih ma sar l-ebda ħlas skond it-tifsira ta' l-Artikolu 81 f'perijodu ta' tliet snin wara l-iffirmar ta' l-impenn legali għandu jkun diżimpenjat.

▼B

*Artikolu 78*

1. Meta jadotta l-impenn tal-*budget*, l-uffiċjal awtorizzanti li huma responsabbli għandu jassigura li:

(a) in-nefqa tkun ġiet imposta fuq il-punt korrett fil-*budget*;

(b) li l-approprjazzjonijiet ikunu disponibbli;

(ċ) li n-nefqa tkun konformi mad-disposizzjonjjiet tat-Trattati, tal-*budget*, ta' dan ir-Regolament, tar-regoli ta' l-implimentazzjoni u ta' l-atti kollha adotti b'konformità mat-Trattati u r-regolamenti;

(d) li l-prinċipju ta' l-amministrazzjoni finanzjarja soda jkun ġie miżmum.

2. Meta jirreġistra l-impenn legali, l-uffiċjal awtorizzanti għandu jassigura li:

(a) l-impenn ikun kopert bl-impenn korrispondenti tal-*budget*;

(b) li n-nefqa tkun regolari u tkun konformi mad-disposizzjonjjiet tat-Trattati, tal-*budget*, ta' dan ir-Regolament, tar-regoli ta' l-implimentazzjoni u ta' l-atti kollha adotti b'konformità mat-Trattati u r-regolamenti;

(ċ) li l-prinċipju ta' l-amministrazzjoni finanzjarja soda jkun irrispettat.

Sezzjoni 2

**Il-validità tan-nefqa**

*Artikolu 79*

Il-validazzjoni tan-nefqa hija att li fih l-uffiċjal awtorizzanti li huwa responsabbli:

(a) jivverifika l-eżistenza ta' l-intitolament tal-kreditur;

(b) jiddetermina jew jivverifika ir-realtà u l-ammont tat-talba;

(ċ) jivverifika l-kondizzjonijiet li fihom il-pagament ikun dovut.

Sezzjoni 3

**L-awtorizzazzjoni tan-nefqa**

*Artikolu 80*

L-awtorizzazzjoni ta' nefqa huwa att li bih l-uffiċjal awtorizzanti li huwa responsabbli, wara li jkun ivverifika li l-approprjazzjonijiet huma disponibli u billi joħroġ l-ordni tal-pagament, jagħti struzzjonijiet lill-uffiċjal tal-kontijiet biex iħallas ammont ta' nefqa li hu/hi jkun ivvalida.

▼M1

Meta jsiru ħlasijiet perjodiċi għal servizzi mogħtija, inklużi servizzi ta' kiri, jew oġġetti kunsinnati, u soġġett għal analiżi tar-riskju tiegħu, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jordna l-applikazzjoni ta' sistema ta' debitu dirett.

▼B

Sezzjoni 4

**Il-pagament tan-nefqa**

*Artikolu 81*

1. Il-pagament għandu jkun mal-prodouzjoni ta' prova li l-azzjoni relvanti tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-att bażiku jew mal-kuntratt u għandu jkopri waħda jew aktar mil-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pagament ta' l-ammont kollu dovut;

(b) il-pagament ta' l-ammont dovut f'xi waħda minn dawn il-metodi li ġejjin:

(i) il-finanzjament bil-quddiem, li jista' jkun diviż f'numru ta' pagamenti;

(ii) wieħed jew aktar pagamenti transitorji;

(iii) il-pagament tal-bilanċ ta' l-ammonti dovuti;

2. Distinzjoni għandha ssir fil-kontijiet bejn it-tipi differenti ta' pagamenti riferuti fil-paragrafu 1 fil-waqt li dawn isiru.

*Artikolu 82*

Pagament ta' nefqa għandu jseħħ mill-uffiċjal tal-kontijiet fil-limiti tal-fondi disponibbli.

Sezzjoni 5

**Limiti taż-żmien għall-operazzjonijiet tan-nefqa**

*Artikolu 83*

Il-validazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-pagament ta' nefqa għandhom jitwettqu kompletament fil-limiti ta' żmien stabbiliti fir-regoli ta' l-implimentazzjoni, li għandhom ukoll jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi li fihom il-krediturі imħallsa tard huma ntitolati li jirċievu imgħax b'nuqqas li għandu jkun impost fuq il-linja li minnha is-somma ewlenija kienet ġiet imħallsa.

*KAPITOLU 7*

***Is-sistemi ta' l-IT***

*Artikolu 84*

Meta operazzjonijiet ta' ntrojtu u nefqa huma amministrati bl-istess mezzi ta' sistemi ta' *kompjuter*, id-dokumenti jistgħu jkunu iffermati bi proċedura komputerizzata jew elettronika.

▼B

*KAPITOLU 8*

***L-awditur intern***

*Artikolu 85*

Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi funzjoni ta' awditjar intern li għandha tkun imwettqa b'konformità man-normi internazzjonali relevanti. L-awditur intern maħtur mill-istituzzjoni għandu jwieġeb lejn din ta' l-aħħar dwar il-verifika ta' l-operazzjoni xierqa tas-sistemi u l-proċeduri ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*. L-awditur intern ma jistax ikun la l-uffiċjal awtorizzanti u l-anqas l-uffiċjal tal-kontijiet.

*Artikolu 86*

1. L-awditur intern għandu jaghti pariri lill-istituzzjoni tiegħu dwar ittrattar tar-riskji, billi jippreżenta opinjonijiet independenti rigward il-kwalità ta' sistemi ta' amministrazzjoni u kontroll u bil-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet għat-tittjib fil-kondizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet u biex jippromwovi amministrazzjoni finanzjarja soda.

Hu/hi għandu jkun responsabbli partikolarment:

(a) sabiex jassesja l-adattabbiltà u l-effettività tas-sistemi interni ta' l-amministrazzjoni u l-imġieba tat-dipartimenti fl-istrateġija ta' l-implimentazzjoni, dwar il-programmi u l-azzjonijiet b'referenza għar-riskji assoċjati magħhom;

▼M1

(b) biex ikunu vvalutati l-effikaċja u l-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern u tal-verifika applikabbli għal kull operazzjoni ta' implimentazzjoni baġitarja.

▼B

2. L-awditur intern għandu jwettaq id-doveri tieghu/tagħha fuq l-attivitajiet u d-dipartimenti kollha ta' l-istituzzjoni. Hu/hi għanu jgawdi aċċes sħiħ u mingħajr limitu għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettaq id-doveri tiegħu, jekk meħtieġ fuq il-post, inklużi fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi.

3. L-awditur intern għandu jirraporta lejn l-istituzzjoni is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu/tagħha. L-istituzzjoni għandha tassigura li azzjoni tittieħed dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-awditjar. L-awditur intern għandu wkoll jippreżenta lejn l-istituzzjoni rapport annwali ta' l-awditjar intern li fih jindika n-numru u t-tip ta' awditjar interni li hu jkun wettaq, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjoni meħuda fuq dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

4. Ta' kull sena l-istituzzjoni għandha tippreżenta rapport lejn l-awtorità tar-rilaxx li jiġbor sommarju tan-numru u t-tip ta' awditjar interni imwettqa, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjoni meħuda fuq dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

*Artikolu 87*

Regoli speċjali applikabbli għall-awditur intern għandhom ikunu stabbiliti mill-istituzzjoni u għandhom ikunu tali li jiggarantixxu li hu/hi jkun kompletament independenti fit-twettieq tad-doveri tiegħu/tagħha u tistabbilixxi r-responsabbilità tiegħu.

▼M1

Jekk l-awditur intern hu membru tal-persunal, huwa għandu jassumi r-responsabbiltà kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal u kif imniżżel fir-regoli implimentattivi.

▼B

TITOLU V

**L-AKKWIST**

*KAPITOLU 1*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

Sezzjoni 1

**L-iskop u l-prinċipji ta' l-għoti**

▼M1

*Artikolu 88*

1. Il-kuntratti pubbliċi huma kuntratti għal interess tal-flus konklużi bil-kitba bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar skond it-tifsira ta' l-Artikoli 104 u 167, sabiex tinkiseb, bi ħlas ta' prezz imħallas totalment jew parzjalment mill-baġit, il-provvista ta' assi mobbli jew immobbli, l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet jew il-provvista ta' servizzi.

Dawn il-kuntratti jinkludu:

(a) kuntratti għax-xiri jew il-kiri ta' bini;

(b) kuntratti ta' kunsinni;

(c) kuntratti ta' xogħlijiet;

(d) kuntratti ta' servizzi.

2. Il-kuntratti qafas huma kuntratti konklużi bejn awtorità kontraenti waħda jew aktar jew bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar, li l-għan tagħhom huwa biex jiġu stabbiliti t-termini li jirregolaw kuntratti li se jingħataw matul perijodu stipulat, partikolarment fir-rigward tal-prezz u, fejn xieraq, il-kwantità prevista. Huma għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu dwar il-proċedura ta' l-għoti, inklużi l-avviżi pubbliċitarji.

3. Dan it-Titolu mhuwiex marbut ma' għotjiet, bla preġudizzju għall-Artikoli 93 sa 96.

▼B

*Artikolu 89*

1. Il-kuntratti kollha li huma ffinanzjati totalment jew parzjalment mill-*budget* għandhom ikunu konformi mal-prinċipji tat-trasparenza, l-proporzjonalità, it-trattament ugwali u nuqqas ta' diskriminazzjoni.

2. Il-kuntratti kollha għall-akkwist għandhom ikunu ppreżentati għall-offerti fuq il-bażi l-aktar wiesa, apparti milli meta l-użu jsir mill-proċedura nnegozjata riferuta fl-Artikolu 91(1)(d).

▼M1

L-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jużaw kuntratti ta' qafas kif mhux xieraq jew b'mod li l-għan jew l-effett huwa li jipprevjeni, jirrestriġi jew ifixkel il-kompetizzjoni.

▼B

Sezzjoni 2

**Pubblikazzjoni**

*Artikolu 90*

▼M1

1. Il-kuntratti kollha li jaqbżu l-limiti massimi previsti fl-Artikolu 105 jew l-Artikolu 167 għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-avviżi tal-kuntratti għandhom jiġu ppubblikati bil-quddiem ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 91(2) ta' dan ir-Regolament, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi, u għall-kuntratti ta' servizz koperti bl-Anness IIB tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([1]).

▼B

Il-pubblikazzjoni ta' ċerta nformazzjoni wara li l-kuntratt ikun ġie mogħti tista' ma sseħx jekk dan ikun ifixkel l-applikazzjoni tal-liġi, ikun kuntrarju ta' l-interess pubbliku jew ikun ta' ħsara għall-interesi leġittimi tan-negozju ta' impriżi pubbliċi jew privati jew jista' jgħawweġ il-kompetizzjoni ġusta bejniethom.

▼M1

2. Kuntratti b'valur taħt il-limiti massimi provduti fl-Artikolu 105 jew l-Artikolu 167 u l-kuntratti ta' servizz imsemmija fl-Anness IIB għad-Direttiva 2004/18/KE għandhom ikunu rreklamati b'mezzi xierqa, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi.

▼B

Sezzjoni 3

**Proċeduri ta' l-akkwist**

*Artikolu 91*

▼M1

1. Il-proċeduri ta' akkwist għandhom jieħdu waħda minn dawn il-forom li ġejjin:

(a) il-proċedura miftuħa;

(b) il-proċedura ristretta;

(ċ) konkorsi;

(d) il-proċedura negozjata;

(e) id-djalogu kompetittiv.

Meta kuntratt pubbliku jew kuntratt qafas huwa ta' interess għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar, l-aġenziji eżekuttivi jew il-korpi msemmija fl-Artikolu 185, u fejn hemm possibilità li jkun realizzat qligħ effiċjenti, l-awtoritajiet kontraenti kkonċernati għandhom ifittxu li jwettqu l-proċedura ta' akkwist fuq bażi interistituzzjonali.

Meta kuntratt pubbliku jew kuntratt qafas huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' azzjoni konġunta bejn istituzzjoni waħda u awtorità kontraenti minn Stat Membru, il-proċedura ta' akkwist tista' titwettaq konġuntament mill-istituzzjoni u din l-awtorità kontraenti, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005 (ĠU L 333, 20.12.2005, p. 28).

▼B

2. Għall-kuntratti meta l-valur jeċċedi l-massimu li hemm provediment dwaru fl-Artikolu 105 jew l-Artikolu 167, l-użu tal-proċedura nnegozzjata għandha tkun awtorizzata biss fil-każi li hemm provvediment dwarhom fir-regoli ta' l-implimentazzjoni.

▼M1

_____

▼B

3. Il-massimu li taħtu l-awtorità tal-kuntratti tista' jew li tuża l-proċedura negozzjata jew, bħala deroga mill-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 88(1), sempliċement tħallas l-ispiża kontra fatturi, għandha tkun iddeterminata fir-regoli ta' l-implimentazzjoni.

▼M1

4. Ir-regoli implimentattivi għandhom jiddefinixxu l-proċedura ta' akkwist imsemmija fil-paragrafu 1, applikabbli għall-kuntratti ta' servizz koperti bl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE u għal kuntratti ddikkjarati li huma sigrieti, li l-prestazzjoni tagħhom trid tkun akkumpanjata minn miżuri speċjali ta' sigurtà, jew meta l-ħarsien ta' interessi essenzjali tal-Komunitajiet jew l-Unjoni Ewropea jkunu jesiġu dan.

*Artikolu 92*

Id-dokumenti relatati mas-sejħa għall-offerti għandhom jagħtu deskrizzjoni sħiħa, ċara u preċiża tas-suġġett tal-kuntratt u jispeċifikaw il-kriterji ta' l-esklużjoni, l-għażla u l-għoti applikabbli għall-kuntratt.

▼B

*Artikolu 93*

1. ►M1 Il-kandidati jew appaltaturi għandhom ikunu esklużi mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist jekk: ◄

(a) ikunu falluti jew xolti, ikollhom in-negozju tagħhom amministrat mill-qorti, ikunu daħlu f'arranġament mal-krediturі, ikunu ssospendew l-attivitajiet tan-negozju tagħhom, huma suġġetti għall-proċedimenti li jikkonċernaw dawk il-materji, jew huma f'xi sitwazzjoni analoga li toriġina minn proċedura simili li hemm provvediment dwarha fil-leġislazzjoni jew fir-regolamenti nazzjonali;

(b) ikunu ġew misjuba ħatja ta' offiża li tikkonċerna l-imġieba professjonali tagħhom, b'ġudizju li jkollha l-forza ta' *res judicata*;

(ċ) ikunu nstabu ħatja ta' kondotta ħażina professjonali gravi li tkun ġiet ippruvata bi kwalunwe mezz li l-awtorità tal-kuntratti tkun tista' tiġġustifika;

(d) ma jkunux wettqu obbligazzjonijiet relatati mal-pagament tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali jew mal-pagament tat-taxxi skond id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih huma stabbiliti jew ma dawk tal-pajjiż ta' l-awtorità tal-kuntratti jew ma dawk tal-pajjiż ta' fejn il-kuntratt sejjer ikun imwettaq;

(e) kienu s-suġġett ta' ġudizju li għandu l-forza ta' res judicata dwar frodi, korruzzjoni, involviment fl-organizzazzjoni kriminali jew f'xi attività illegali oħra detrimentali għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet;

▼M1

(f) huma bħalissa soġġetti għal penalitajiet amministrattiva msemmija fl-Artikolu 96(1).

Il-punti (a) sa (d) ta' l-ewwel subparagrafu m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' xiri ta' kunsinni b'termini partikolarment vantaġġjużi mingħand fornitur li definittivament se jtemm l-attivitajiet tan-negozju tiegħu, jew mingħand ir-riċevituri jew il-likwidaturi ta' falliment, permezz ta' ftehim mal-krediturі, jew permezz ta' proċedura simili skond il-liġi nazzjonali.

▼M1

2. Il-kandidati jew appaltaturi għandhom jiċċertifikaw li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1. Madankollu, l-awtorità kontraenti tista' tibqa' lura milli titlob tali ċertifikazzjoni f'każ ta' kuntratti ta' valur baxx ħafna, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi.

Għall-fini ta' l-applikazzjoni korretta tal-paragrafu 1, il- kandidat jew l-appaltatur, kulmeta jintalbu mill-awtorità kontraenti, iridu:

(a) fejn il-kandidat jew l-appaltatur huwa entità ġuridika, jipprovdu informazzjoni dwar il-pussess jew dwar il-ġestjoni, il-kontroll u s-setgħa ta' rappreżentanza ta' l-entità ġuridika,

(b) fejn ikun previst is-subkuntrattar, jiċċertifikaw li s- subkuntrattur mhuwiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1.

3. Ir-regoli implimentattivi għandhom jiddeterminaw il-perijodu massimu li matulu is-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jagħtu lok għall-esklużjoni ta' kandidati jew ta' appaltaturi mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist. Il-perijodu massimu ma jistax jeċċedi l-għaxar snin.

*Arikolu 94*

Ma jistax jingħata kuntratt lil kandidati jew appaltaturi li, matul il-perijodu ta' akkwist għal dan il-kuntratt:

(a) huma soġġetti għal kunflitt ta' interess;

(b) ikunu ħatja ta' miżrappreżentazzjoni meta jagħtu l-informazzjoni mitluba mill-awtorità kontraenti bħala kondizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' akkwist jew jonqsu milli jagħtu din l-informazzjoni;

(ċ) isibu ruħhom f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni, imsemmija fl-Artikolu 93(1), għal din il-proċedura ta' akkwist,

*Artikolu 95*

1. Għandha tiġi stabbilita u tkun operata mill-Kummissjoni database ċentrali f'konformità mar-regoli Komunitarji dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. Id-database għandu jkun fiha d-dettalji tal-kandidati u l-appaltaturi li jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 93, 94, 96 (1)(b) u (2)(a). Id-database għandha tkun komuni għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji eżekuttivi u l-korpi msemmijin fl-Artikolu 185.

2. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kif ukoll il-korpi, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-baġit skond l-Artikoli 53 u 54, għandhom jikkomunikaw lill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti l-informazzjoni dwar il-kandidati u l-appaltaturi li jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 93(1)(e), fejn il-kondotta ta' l-operatur konċernat kienet ta' ħsara għall-interess finanzjarju tal-Komunitajiet. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jirċievi din l-informazzjoni u jitlob lill-uffiċjal awtorizzanti biex idaħħalha fid-*database.*

L-awtoritajiet u l-korpi msemmija fl-ewwel inċiż ta' dan il-paragrafu għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tinsab fid-*database* u jistgħu jieħdu kont tagħha, kif adegwat u bir-responsabbiltà tagħhom stess, għall-għoti ta' kuntratti assoċjati ma' l-implimentazzjoni tal-baġit.

3. Fir-regoli implimentattivi għandhom jiġi stabbiliti kriterji trasparenti u koerenti biex jiżguraw applikazzjoni proporzjonata tal-kriterji ta' esklużjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-proċeduri standardizzati u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-operat tad-database.

▼M1

*Artikolu 96*

1. Jistgħu jiġu imposti penalitajiet amministrattivi jew finanzjarji mill-awtoritajiet kontraenti lil:

(a) kandidati jew appaltaturi fil-każijiet imsemmijin fil-punt (b) ta' l-Artikolu 94;

(b) kuntratturi li ġew iddikjarati li huma fi ksur serju ta' l- obbligi tagħhom skond kuntratti koperti mill-baġit.

Madankollu, fil-każijiet kollha, l-awtorità kontraenti trid l-ewwel tagħti lill-persuna konċernata l-opportunità li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

2. Il-penalitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonali ma' l-importanza tal-kuntratt u mas-serjetà ta' l-imġiba ħażina, u jistgħu jikkonsistu fi:

(a) l-esklużjoni tal-kandidat jew ta' l-appaltatur jew tal-kuntrattur konċernat mill-kuntratti u l-għotjiet iffinanzjati mill-baġit, għal perijodu massimu ta' għaxar snin; u/jew

(b) il-ħlas ta' penalitajiet finanzjarji mill-kandidat jew appaltatur jew kuntrattur sal-valur tal-kuntratt involut.

*Artikolu 97*

1. Il-kuntratti għandhom jingħataw abbażi ta' kriterji għall-għoti applikabbli għall-kontenut tas-sejħa għall-offerti wara li l-ħila ta' l-operaturi ekonomiċi mhux eskluża taħt l-Artikoli 93, 94 u 96(2)(a) tkun ġiet iċċekkjata skond il-kriterji ta' l-għażla li jinsabu fid-dokumenti relatati mas-sejħa għall-offerti."

2. Il-kuntratti għandhom jingħataw bil-proċedura awtomatika ta' għoti jew bil-proċedura ta' aċċertament ta' l-aħjar valur għall-flus maħruġin.

▼B

*Artikolu 98*

▼M1

1. L-arranġamenti sabiex jintefgħu l-offerti għandhom ikunu tali li jiżguraw li jkun hemm kompetizzjoni ġenwina u li l-kontenut ta' l-offerti jibqa' kunfidenzjali sakemm jinfetħu kollha simultanjament.

2. L-awtorità kontraenti tista', jekk dan jitqies xieraq u proporzjonat, titlob lill-appaltaturi, kif previst fir-regoli implimentattivi, biex jissottomettu sigurtà bil-quddiem bħala garanzija li l-offerti magħmulin ma jitreġġgħux lura.

▼B

3. Bl-eċċezzjoni tal-kuntratti li jinvolvu ammonti żgħar riferuti fl-Artikolu 91(3), l-applikazzjoni u l-offerti għandhom ikunu miftuħa mill-Bord tal-ftuħ appuntat għal-dak l-iskop. Kwalunkwe offerta jew applikazzjoni iddikjarata mill-bord li ma tkunx tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti għandha tkun miċħudha.

▼M1

4. It-talbiet għal parteċipazzjoni jew l-offerti kollha ddikjarati mill-bord tal-ftuħ li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti għandhom jiġu evalwati, abbażi tal-kriterji previsti fid-dokumenti rigward is-sejħa għall-offerti, sabiex issir proposta lill-awtorità kontraenti li lilha ingħata il-kuntratt jew qabel ma jsir irkant elettroniku.

▼B

*Artikolu 99*

Waqt li l-proċedura tal-forniment tkun għaddeja, il-kuntatti kollha bejn l-awtorità tal-kuntratti u l-kandidati jew l-appaltaturi għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet li jassiguraw trasparenza u trattament ugwali. Dawn ma jistgħux iwaslu għal emenda fil-kondizzjonijiet tal-kuntratt jew tat-termini ta' l-offerta oriġinali.

*Artikolu 100*

1. L-uffiċjal awtoizzanti għandu jiddeċiedi lil min il-kuntratt għandu jkun mogħti, b'konformità mal-kriterja tas-selezzjoni u l-għoti stabbilita minn qabel fid-dokumenti li jirrelataw mas-sejħa għal-offerti u r-regoli tal-forniment,

2. L-awtorità tal-kuntratti għandha tinnotifika lill-kandidati jew lill-appaltaturi kollha li l-applikazzjonijiet jew l-offerti tagħhom huma miċħuda bil-bażi li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjonim u lill-appaltaturi kollha li l-offerti tagħhom huma ammissibbli u li jagħmlu talba bil-miktub, bill-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi ta' l-appaltatur b'suċċess u l-isem ta' l-appaltatur li lilu jingħata il-kuntratt.

B'dana kollu, ċerti dettalji ma jkunx hemm ħtieġa li jkunu żvelati meta l-iżvelar tagħhom ikun ifixkel l-applikazzjoni tal-liġi, ikun kuntrarju ta' l-interess pubbliku jew ikunu ta' ħsara għall-interessi leġittimi tan-negozju ta' l-impriżi pubbliċi jew privati jew jista' jgħawweġ il-kompetizzjoni ġusta bejn dawk l-impriżi.

*Artikolu 101*

L-awtorità tal-kuntratti tista', qabel ma l-kuntratt ikun iffermat, jew li tabbanduna l-forniment jew li tikkanċella l-proċedura ta' l-għoti mingħajr ma l-kandidati jew l-appaltaturi jkunu intitolati għal talba għal xi kumpens.

Id-deċiżjoni għandha tkun issostanzjata u mwassla għall-attenzjoni tal-kandidati jew l-appaltaturi kollha.

Sezzjoni 4

**Garanziji u kontroll**

▼M1

*Artikolu 102*

1. L-awtorità kontraenti għandha titlob lill-kuntratturi jissottomettu garanzija bil-quddiem fil-każi speċifikati fir-regoli implimentattivi.

2. L-awtorità kontraenti tista', jekk tqis xieraq u proporzjonat, titlob lill-kuntratturi jissottomettu garanzija sabiex:

(a) tiżgura rendiment sħiħ tal-kuntratt;

(b) tillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas ta' pre-finanzjament."

*Artikolu 103*

Meta l-proċedura ta' għoti tkun soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-istituzzjonijiet għandhom jissospendu l-proċedura u jistgħu jieħdu kwalunkwe miżuri meħtieġa, inkluża l-kanċellazzjoni tal-proċedura.

Meta, wara l-għoti tal-kuntratt, il-proċedura ta' għoti jew it-twettiq tal-kuntratt tkun soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-istituzzjonijiet jistgħu, skond l-istadju li jkun intlaħaq fil-proċedura,

▼M1

jibqgħu lura milli jikkonkludu l-kuntratt jew jissospendu t-twettiq tal-kuntratt jew, fejn xieraq, jitterminaw il-kuntratt.

Meta tali żbalji, irregolaritajiet jew frodi huma attribwibbli għall-kuntrattur, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll jirrifjutaw li jagħmlu ħlasijiet, jistgħu jirkupraw ammonti diġà mħallsa jew jistgħu jitterminaw il-kuntratti kollha konklużi ma' dan il-kuntrattur, fi proporzjon mas-serjetà ta' l-iżbalji, irregolaritajiet jew frodi.

▼B

*KAPITOLU 2*

***Dispożizzjonijiet applikabbli għall-kuntratti mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Komunità għall-akkont tagħhom***

*Artikolu 104*

L-istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom ikunu meqjusa li huma l-awtoritajiet kontrattwanti fil-każi ta' kuntratti mogħtija għall-akkont tagħhom. ►M1 Dawn għandhom jiddelegaw il-poteri meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjoni ta' awtorità kontraenti skond l-Artikolu 59. ◄

▼M1

*Artikolu 105*

1. Soġġett għat-Titolu IV tat-Tieni Parti ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva 2004/18/KE tistabbilixxi l-limiti massimi li jiddeterminaw:

(a) l-arranġamenti tal-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 90;

(b) l-għażla ta' proċeduri msemmijin fl-Artikolu 91(1);

(ċ) il-limiti taż-żmien korrispondenti.

2. Soġġett għall-eċċezzjonijiet u l-kondizzjonijiet speċifikati fir-regoli implimentattivi, l-awtorità kontraenti m'għandhiex, fil-każ ta' kuntratti koperti mid-Direttiva 2004/18/KE, tiffirma l-kuntratt jew il-kuntratt qafas ma' l-appaltatur li jkun rebħu qabel ma jgħaddi perijodu ta' pawsa.

▼B

*Artikolu 106*

Parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' l-offerti għandha tkun miftuħha fuq termini ugwali għall-persuni kollha, naturali u legali, li jidħlu fl-iskop tat-Trattati u għall-persuni naturali u legali f'pajjiżi terzi li jkollhom ftehim speċjali mal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tal-forniment publiku permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim.

*Artikolu 107*

Meta il-Ftehim Multilaterali dwar l-Akkwist Governattiv konkluż fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ikun applikabbli, il-kuntratti għandhom ukoll ikunu miftuħa għal ċittadini tal-Istati li jkunu rrattifikaw dan il-ftehim, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim.

▼B

TITOLU VI

**GĦOTJIET**

▼M1

*KAPITOLU 1*

***Kamp ta' applikazzjoni u forma ta' għotjiet***

▼B

*Artikolu 108*

1. Għotjiet huma kontribuzzjonijiet finanzjarji diretti, bħala donazzjoni, mill-*budget* sabiex jiffinanzjaw:

(a) jew azzjoni ntiża biex tgħin għall-akkwist ta' objettiv li jifforma parti mill-istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) jew tal-funzjonament ta' korp li jsegwi l-għan ta' l-interess Ewropew ġenerali jew li jkollu objettiv li jifforma parti mill-istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea.

▼M1

Huma għandhom ikunu koperti jew bi ftehim miktub jew b'deċiżjoni tal-Kummissjoni notifikata lill-applikant rebbieħ.

2. Dawn li ġejjin m'għandhomx jikkostitwixxu għotjiet skond it-tifsira ta' dan it-Titolu:

(a) nefqa fuq membri u persunal ta' l-istituzzjonijiet u kontribuzzjonijiet lill-iskejjel Ewropej;

(b) self, strumenti Komunitarji li jġorru r-riskji jew kontribuzzjonijiet finanzjarji Komunitarji lil tali strumenti, il-kuntratti pubbliċi msemmijin fl-Artikolu 88 u għajnuna mħallsa bħala assistenza makrofinanzjarja u appoġġ tal-baġitarju;

(ċ) investimenti f'ishma abbażi tal-prinċipju ta' l-investitur privat, finanzjamenti kważi-ishma u proprjetà f'ishma jew parteċipazzjonijiet f'ishma f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) jew korpi Komunitarji speċjalizzati bħal mhuwa l-Fond Ewropew għall-Investiment (EIF);

(d) kontribuzzjonijiet imħallsin mill-Komunitajiet bħala sottoskrizzjonijiet lil korpi li tagħhom huma membri;

(e) nefqa implimentata bħala parti minn ġestjoni komuni, deċentralizzata jew konġunta skond it-tifsira ta' l-Artikoli 53 sa 53d;

(f) ħlasijiet magħmulin lill-korpi li lilhom ikunu delegati kompiti implimentattivi skond l-Artikoli 54(2) u kontribuzzjonijiet magħmulin permezz ta' l-att bażiku kostituttiv tagħhom lil korpi mwaqqfin mill-awtorità leġislattiva;

(g) nefqa relatata ma' swieq tas-sajd imsemmijin fil-Artikolu 3(2) il-punt (f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni ([1]);

(h) ħlas b'lura ta' spejjeż ta' vvjaġġar u ta' sussistenza maħruġin minn, jew meta xieraq, kwalunkwe indennitajiet oħrajn imħallsin lil persuni mistiedna jew li rċevew il-mandat mill-istituzzjonijiet.

3. Dan li ġej għandu jiġi assimilat għal għotjiet u għandu jkun irregolat, kif xieraq, minn dan it-Titolu:

(a) il-benefiċċju derivat minn sussidju ta' interessi fuq ċertu self;

([1]) ĠU L 209, 11.08.2005, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

▼M1

(b) investimenti f'ishma jew parteċipazzjonijiet ħlief dawk imsemmijin fil-punt (ċ) tal-paragrafu 2.

4. Kull istituzzjoni tista' tagħti għotjiet għal attivitajiet ta' komunikazzjoni fejn, għal raġunijiet debitament ġustifikati, l-użu tal-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku ma jkunx xieraq.

*Artikolu 108a*

1. L-għotjiet jistgħu jkunu fi kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

(a) rimborż ta' proporzjon speċifikat ta' l-ispejjeż eliġibbli li attwalment ikunu tħallsu;

(b) somom ta' darba;

(ċ) iffinanzjar b'rata fissa;

(d) kombinazzjoni tal-forom imsemmijin fil-punti (a), (b) u (ċ);

2. L-għotjiet m' għandhomx jaqbżu l-limitu massimu ġenerali f'termini ta' valur assolut.

*KAPITOLU 2*

***Prinċipji***

*Artikolu 109*

1. L-għotjiet għandhom ikunu soġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament indaqs.

Dawn ma jistgħux ikunu kumulattivi jew jingħataw retrospettivament u għandhom jinvolvu ko-finanzjament.

Fl-ebda ċirkustanza l-ispejjeż totali kombinati eliġibbli għall-iffinanzjar m'għandhom jinqabżu, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi.

2. L-għotjiet m'għandhomx ikollhom l-għan jew l-effett li jipproduċu profitt għall-benefiċjarju.

3. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għal dawn li ġejjin:

(a) studju, riċerka jew boroż ta' studju għal taħriġ imħallsin minn persuni fiżiċi;

(b) premjijiet mogħtijin wara kompetizzjonijiet;

(ċ) azzjonijiet li għandhom l-objettiv li jirrinfurzaw il-kapaċità finanzjarja ta' benefiċjarju jew il-ħolqien ta' dħul fil-qafas tar- relazzjonijiet esterni.

▼M2

4. Jekk partit politiku f'livell Ewropew ikollu eċċess ta' dħul fuq innefqa fit-tmiem ta' sena finanzjarja li għaliha jkun irċieva għotja operattiva, parti minn dak l-eċċess sa 25 % tad-dħul totali għal dik is-sena jista', b'deroga mir-regola li tipprojbixxi l-qliegħ stabbilita fil-paragrafu 2, tiġi riportata għas-sena sussegwenti sakemm din tintuża qabel it-tmiem ta' l-ewwel kwart ta' dik is-sena sussegwenti.

Għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mar-regola li tipprojbixxi l-qliegħ, m'għandhux jittieħed kont ta' dawk ir-riżorsi proprji, partikolarment donazzjonijiet u miżati tas-sħubija, aggregati fl-operazzjonijiet annwali ta' partit politiku f'livell Ewropew, li jaqbżu l-15 % ta' l-ispejjeż eliġibbli li jinġarru mill-benefiċjarju.

▼M2

It-tieni subparagrafu m'għandux japplika jekk ir-riżervi finanzjarji ta' partit politiku f'livell Ewropew jaqbżu l-100 % tad-dħul annwali medju tiegħu.

▼B

*Artikolu 110*

▼M1

1. L-għotjiet għandhom ikunu soġġetti għal programm ta' ħidma annwali, li jrid jiġi ppubblikat fil-bidu tas-sena.

Dak il-programm ta' ħidma annwali għandu jiġi implimentat permezz tal-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti, ħlief f'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza debitament sostanzjati jew meta l-karatteristiċi tal-benefiċjarju jew ta' l-azzjoni ma jħallu l-ebda għażla oħra għal azzjoni partikulari, jew meta l-benefiċjarju jiġi identifikat f'att bażiku bħal riċevitur ta' għotja.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal għajnuna f'każ ta' ġestjoni ta' kriżi u operati ta' għajnuna umanitarja.

▼B

2. L-għotjiet kollha mogħtija fil-kors ta' sena finanzjarja għandhom ikunu ppubbklikati ta' kull sena b'oserrvanza xierqa tal-ħtiġiet tal-kunfedenzjalità u s-sigurtà.

▼M1

*Artikolu 111*

Kull azzjoni tista' tagħti lok għall-għoti ta' għotja waħda biss mill-baġit lil kwalunkwe benefiċjarju wieħed, ħlief fejn huwa awtorizzat xort'oħra mill-atti bażiċi konċernati.

Benefiċjarju jista' jingħata għotja operattiva waħda biss mill-baġit għal kull sena finanzjarja.

L-applikant għandu jinforma lill-uffiċjali awtorizzanti immedjatament dwar kwalunkwe applikazzjonijiet multupli u għotjiet multipli relatati ma' l-istess azzjoni jew ma' l-istess programm ta' ħidma.

Fl-ebda ċirkustanza m' għandhom l-istess spejjeż jiġu ffinanzjati darbtejn mill-baġit.

*Artikolu 112*

1. Għotja tista' tingħata għal azzjoni li tkun diġà nbdiet biss meta l-applikant jista' juri l-ħtieġa li tinbeda l-azzjoni qabel ma jirċievi l-għotja.

F'tali każijiet, l-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament ma jistgħux ikunu ntefqu qabel id-data ta' sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-għotja, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament issostanzjati, kif previst fl-att bażiku jew fil-każ ta' nefqa meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' l-għajnuna għal ġestjoni ta' kriżi jew operati għal għajnuna umanitarja, kif previst fir-regoli implimentattivi.

L-ebda għotja ma tingħata retrospettivament għal azzjonijiet diġà kompluti.

2. Għotja operattiva għandha tingħata fi żmien sitt xhur wara l-bidu tas-sena tal-baġit tal-benefiċjarju. Spejjeż eliġibbli għal finanzjament ma jistgħux ikunu ntefqu la qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni u lanqas qabel il-bidu tas-sena baġitarja tal-benefiċjarju.

▼B

*Artikolu 113*

1. L-għotja ma tistax tiffinanzja l-ispiża totali ta' l-azzjoni, bla ħsara għat-Titolu IV tal-parti tnejn.

L-għotja ma tistax tiffininzja n-nefqa operattiva intiera tal-korp benefiċjarju.

▼M1

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-att bażiku rigward korpi li qed jippruvaw jilħqu objettiv ta' interess ġenerali Ewropew, meta jiġġeddu l-għotjiet operattivi, għandhom jitnaqqsu gradwalment. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal għotjiet f'waħda mill-forom imsemmijin fil-punti (b) u (ċ) ta' l-Artikolu 108a(1).

▼B

*KAPITOLU 3*

***Il-proċedura ta' l-għoti***

▼M1

*Artikolu 114*

1. L-applikazzjonijiet għal għotjiet għandhom ikunu sottomessi bil-miktub.

2. L-applikazzjonijiet għal għotjiet għandhom ikunu eliġibbli jekk ikunu sottomessi minn dawn li ġejjin:

(a) persuni ġuridiċi; applikazzjonijiet għall-għotjiet jistgħu jkunu eliġibbli jekk sottomessi minn entitajiet mingħajr personalità legali skond il-liġi nazzjonali applikabbli, dment li r-rappreżentanti tagħhom ikollhom il-kapaċità jidħlu għall-obbligi legali għan-nom tagħhom u jassumu r-responsabbiltà finanzjarja;

(b) persuni fiżiċi safejn dan huwa meħtieġ min-natura jew il-karatteristiċi ta' l-azzjoni jew l-objettiv segwit mill-applikant.

3. L-għotjiet ma jistgħux jingħataw lil applikanti li, fil-ħin ta' proċedura ta' l-għoti ta' għotja, huma f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 93(1), 94 u 96(2)(a).

L-applikanti għandhom jiċċertifikaw li huma m'humiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu. Madankollu, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jżomm lura milli jitlob tali ċertifikazzjoni fil-każ ta' għotjiet ta' valur baxx ħafna, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi.

4. Il-penalitajiet amministrattivi u finanzjarji li huma effettivi, proporzjonati u disswasivi jistgħu jiġu imposti fuq applikanti mill-uffiċjal awtorizzanti, skond l-Artikolu 96.

Tali penalitajiet jistgħu wkoll jiġu imposti fuq benefiċjarji li, fil-mument tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni jew waqt l-implimentazzjoni ta' l-għotja jkunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz fl-għoti ta' informazzjoni meħtieġa mill-uffiċjal awtorizzanti jew jonqsu milli jagħtu tali informazzjoni.

▼B

*Artikolu 115*

1. Il-kriterja ta' l-għażla għandha tkun tali hekk li tgħamilha possibbli li tkun assesjata l-abbilità ta' l-applikant biex iwettaq l-azzjoni proposta jew il-programm tax-xogħol.

2. Il-kriterja ta' l-għoti mħabbra bil-quddiem fis-sejħa għall-proposti għandha tkun tali hekk li tagħmilha possibli li tkun assessjata l-kwalità tal-proposti ppreżentati fid-dawl ta' l-objettivi u l-prijoritajiet stabbiliti.

▼B

*Artikolu 116*

▼M1

1. Il-proposti għandhom jiġu evalwati, abbażi ta' kriterji ta' selezzjoni u ta' għoti mħabbrin minn qabel, bil-ħsieb li jiġi ddeterminat liema proposti jiġu ffinanzjati.

▼B

2. L-uffiċjal awtorizzanti li huwa responsabbli għandu mbagħad, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1, iħejji lista tal-benefiċjarji u l-ammonti approvati.

3. L-uffiċjali awtorizzanti li huwa reponsabli għandu jinforma lill-applikanti bil-kitba rigward id-deċiżjoni fuq l-applikazzjoni tagħhom. Jekk l-għotja mitluba ma tkunx milqugħa, l-istituzzjoni għandha tagħti r-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' l-applikazzjoni, b'referenza partikolarment għall-kriterja dwar l-għażla u l-għoti li diġa tkun imħabbra.

*KAPITOLU 4*

***Pagament u kontroll***

*Artikolu 117*

Il-pass tal-pagamenti għandu jkun iddeterminat bir-riskji finanzjarji nvoluti, it-tul taż-żmien u l-prograss ta' l-azzjoni jew l-ispiża minfuqha mill-benefiċjarju.

▼M1

*Artikolu 118*

1. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista', jekk iqis li jkun xieraq u proporzjonat, jitlob lill-benefiċjarju jissottometti garanzija bil-quddiem sabiex jillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas ta' ffinanzjar minn qabel.

2. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jitlob lill-benefiċjarju jissottometti tali garanzija bil-quddiem fil-każijiet speċifikati fir-regoli implimentattivi.

▼B

*Artikolu 119*

1. L-ammont ta' l-għotja m'għandux isir finali sa wara li l-istituzzjoni tkun aċċettat ir-rapporti u l-kontijiet finali, bla ħsara għal verifiki sussegwenti mill-istituzzjoni.

▼M1

2. F'każ li l-benefiċjarju jonqos milli jissodisfa l-obbligi li jorbtuh, l-għotja għandha tiġi sospiża u ridotta jew terminata fil-każijiet previsti fir-regoli implimentattivi wara li l-benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu.

▼B

*KAPITOLU 5*

***Implimentazzjoni***

▼M1

*Artikolu 120*

1. Fejn l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni teħtieġ l-għoti ta' kuntratti ta' akkwist mill-benefiċjarju, il-proċeduri rilevanti għandhom ikunu kif imniżżlin fir-regoli implimentattivi.

▼M1

2. Fejn l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni teħtieġ li jingħata appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, il-benefiċjarju ta' għotja Komunitarja jista' jagħti tali sostenn finanzjarju meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sostenn finanzjarju ma jkunx l-għan primarju ta' l-azzjoni;

(b) il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' dan l-appoġġ huma strettament iddefiniti fid-deċiżjoni dwar l-għotja jew il-ftehim bejn il-benefiċjarju u l-Kummissjoni, bla ebda marġini ta' diskrezzjoni;

(c) l-ammonti konċernati huma żgħar.

Għall-fini tal-punt (ċ), l-ammont massimu ta' sostenn finanzjarju li jista' jitħallas lil terza persuna minn benefiċjarju għandu jiġi determinat fir-regoli implimentattivi.

3. Kull deċiżjoni ta' għotja jew ftehim għandhom jipprovdu espressament li l-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jeżerċitaw il-poteri tagħhom ta' kontroll, fuq dokumenti u fuq il-proprjetà, fuq il-kuntratturi u sub-kuntratturi kollha li rċevew fondi Komunitarji.

▼B

TITOLU VII

**PREŻENTAZZJONI TAL-KONTIJIET U TAL-KONTABBILITÀ**

*KAPITOLU 1*

***Il-preżentazzjoni tal-kontijiet***

*Artikolu 121*

Il-kontijiet tal-Komunità għandhom jinkludu:

▼M1

(a) ir-rendikonti finanzjarji ta' l-istituzzjonijiet kif imniżżlin fl-Artikolu 126, dawk tal-korpi msemmijin fl-Artikolu 185 u ta' korpi oħrajn li l-kontijiet tagħhom għandhom bżonn jiġu kkonsolidati skond ir-regoli ta' kontabilità Komunitarji;

▼B

(b) l-istqarrijiet tal-kontijiet konsolidati li jippreżentaw f'għamla aggregata l-informazzjoni finanzjarja li tinsab fl-istqarrijiet finanzjarji ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi riferuti fil-punt (a);

(ċ) ir-rapport rigward l-implimentazzjoni tal-*budget* ta' l-isitituzzjoni u l-*budget* tal-korpi riferuti fl-Artikolu 185;

▼M1

(d) ir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li jippreżentaw l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmijin fil-punt (ċ).

*Artikolu 122*

1. Il-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 121 għandhom ikunu akkumpanjati b'rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tas-sena finanzjarja.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħti rendikont, fost affarijiet oħrajn, tar-rata implimentattiva ta' l-approprjazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn id-diversi elementi tal-baġit.

▼B

*Artikolu 123*

Il-kontijiet għandhom ikunu konformi mar-regoli u għandhom ikunu eżatti u komprensivi u jippreżentaw dehra vera u ġusta:

(a) f'dak li jirrigwardja l-istqarrijiet finanzjarji, ta' l-assi u r-responsabiltajiet, l-imposti u d-dħul, l-intitolamenti u l-obbligazzjonijiet mhux murija bħala assi jew responsabbiltajiet u ċ-ċaqlieq tal-flus;

(b) f'dak li jirrigwardja r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-*budget*, l-operazzjonijiet ta' l-introjtu u tan-nefqa.

*Artikolu 124*

L-istqarrijiet finanzjarji għandhom ikunu mħejjija b'konformità mal-prinċipji ġenerali aċċettati tal-kontijiet, jiġifiri:

(a) abbażi ta' l-attività kurrenti;

(b) prudenza;

(ċ) konsistenti mal-metodi tal-kontijiet;

(d) komparabbilità ta' l-informazzjoni;

(e) materjalità;

(f) mingħajr totalizzar;

(g) realtà fuq l-apparenza;

(h) kontijiet ibbażati fuq it-tkattir.

*Artikolu 125*

1. Bi qbil mal-prinċipju tal-kontijiet ibbażati fuq it-tkattir, l-istqarrijiet finanzjarji għandhom juru l-imposti u d-dħul għas-sena finanzjarja, independentament mid-data tal-pagament jew tal-ġbir.

2. Il-valur ta' l-assi u r-responsabbiltajiet għandhom ikunu ddeterminati b'konformità mar-regoli tal-valutazzjoni li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 133.

*Artikolu 126*

1. L-istqarrijiet finanzjarji għandhom ikunu ppreżentati f'miljuni ta' euro u għandhom jikludu:

(a) il-*balance-sheet* u l-kont ekonomiku ta' l-attività, li jirrapreżenta l-assi u r-reponsabbilitajiet u l-istqarrija finanzjarja u l-attività ekonomika fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti; dawn għandhom ikunu ppreżentati b'konformità mal-istruttura stabbilita fid-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, imma b'akkont meħud tan-natura speċifika ta' l-attivitajiet tal-Komunitajiet;

(b) it-tabella taċ-ċaqlieq tal-flus li turi l-ammonti miġbura u mqassma matul is-sena u l-pożizzjoni finali tat-teżor;

(ċ) l-istqarrija ta' tibdiliet fil-kapital li tippreżenta fid-dettall iż-żidiet jew it-tnaqqis matul is-sena f'kull punt tal-kontijiet kapitali.

2. L-Anness għall-istqarrijiet finanzjarji għandu jissupplementa u jikkummenta dwar l-informazzjoni ppreżentata fl-istqarrijiet riferuti fil-paragrafu 1 u għandu jforni l-informazzjoni addizzjonali kollha preskritta bill-prattika internazzjonalment aċċettata meta informazzjoni bħal din tkun relevanti għall-attivitajiet tal-Komunitajiet.

▼B

*Artikolu 127*

Ir-rapporti ta' l-implimentazzjoni tal-*budget* għandhom ikunu ppreżentati f'miljuni ta'euro.Dawn għandhom jinkludu:

(a) il-kont ta' l-attività tal-*budget*, li jistabbilixxi l-operazzjonijiet kollha tal-*budget* għas-sena f'termini ta' introjtu u nefqa, l-istruttura li fiha jkun ippreżentat għandha tkun l-istess bħal dik tal-*budget* innifsu;

(b) l-Anness tal-kont ta' l-attività tal-*budget*, l-għandu jissupplimenta u jikkumenta dwar l-informazzjoni mogħtija f'dak il-kont.

▼M1

*Artikolu 128*

L-uffiċjali tal-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 121 għandhom jibagħtu lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri l-aktar tard sa l-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara, il-kontijiet provviżorji tagħhom flimkien mar-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja ta' matul is-sena.

L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida dawn il-kontijiet provviżorji mal-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni u għandu jibgħat lill-Qorti ta' l-Awdituri, l-aktar tard sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, il-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni akkumpanjati mir-rapport tagħha dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja ta' matul is-sena, flimkien mal-kontijiet konsolidati provviżorji.

L-uffiċjal tal-kontijiet ta' kull istituzzjoni u korp imsemmi fl-Artikolu 121 għandu wkoll jibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sad-data speċifikata fit-tieni paragrafu.

▼B

*Artikolu 129*

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha, sal-15 ta' Ġunju l-aktar tard, tressaq l-osservazzjonijiet tagħha rigward il-kontijiet proviżjonli ta' kull istituzzjoni u kull korp riferut fl- ►M1 Artikolu 121 ◄.

▼M1

2. L-istituzzjonijiet, ħlief il-Kummissjoni, u kull wieħed mill-korpi msemmijin fl-Artikolu 121, għandhom ifasslu l-kontijiet finali tagħhom skond l-Artikolu 61 u jibagħtuhom lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri l-aktar tard sa l-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara bil-ħsieb li jitfasslu l-kontijiet konsolidati finali.

2a. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jipprepara l-kontijiet konsolidati finali abbażi ta' l-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet l-oħrajn taħt il-paragrafu 2. Il-kontijiet konsolidati finali għandhom ikunu akkumpanjati b'nota stabbilita mill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni, li biha huwa/hija jiddikjara li kienu ppreparati skond it-Titolu VII u mal-prinċipji, regoli u metodi tal-kontabilità mniżżlin fl-anness għar-rendikonti finanzjarji.

3. Il-Kummissjoni, wara li tkun approvat il-kontijiet konsolidati finali u l-kontijiet finali tagħha, għandha tibgħathom it-tnejn lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri qabel il-31 ta' Lulju tas-sena finanzjarja ta' wara.

▼B

4. Il-kontijiet konsolidati finali għandhom ikunu ppublikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* flimkien ma' l-istqarrija ta' l-assigurazzjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Awdituri b'konformità ma l-Artikolu 248 tat-Trattat KE u l-Artikolu 160c tat-Trattat Euratom sal- ►M1 15 ta' Novembru ◄ tas-sena finanzjarja ta' wara.

▼B

*KAPITOLU 2*

***Informazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-budget***

*Artikolu 130*

B'żieda ma l-istqarrijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 126 u 127, il-Kummissjoni għandha tgħamel rapport darbtejn fis-sena lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill dwar il-garanziji tal-*budget* u r-riskji korrispondenti.

Din l-informazzjoni għandha tintbgħat fl-istess waqt lejn il-Qorti ta' l-Awdituri.

*Artikolu 131*

1. B'żieda ma' l-istqarrijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 126 u 127, ►**M1** l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni ◄ għandha tibgħat darba kull xhar, lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill, mill-anqas aggregati fil-livell ta' kapitolu, rigward l-implimentazzjoni tal-*budget*, kemm għall-introjtu u għan-nefqa, kontra l-approprjazzjonijiet kollha.

Dawn il-figuri għandhom ukoll jipprovdu dettalji ta' l-utilizzazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet meħuda 'l quddiem.

Dawn il-figuri għandhom jintbgħatu fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol ta' wara t-tmiem ta' kull x-xhar.

2. Tlett darbiet fis-sena, fi żmien 30 jum tax-xogħol li jiġu wara il-31 ta' Mejju, il-31 ta' Awissu u l-31 ta' Diċembru, ►**M1** l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni ◄ għandha tibgħat lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-*budget*, li jkopri kemm l-introjtu u wkoll in-nefqa, imqassma bil-kapitolu, fl-artikolu u bil-punt.

Dan ir-rapport għandu wkoll jipprovdi dettalji ta' l-utilizzazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet meħuda 'l quddiem mis-snin preċedenti.

3. Il-figuri u r-rapport rigward l-implimentazzjoni tal-*budget* għandhom fl-istess waqt jintbgħatu lejn il-Qorti ta' l-Awdituri.

*KAPITOLU 3*

***Il-Kontijiet***

Sezzjoni 1

**Dispożizzjonijiet komuni**

*Artikolu 132*

1. Is-sistema tal-kontijiet ta' istituzzjoni hija s-sistema li sservi għall-organizzazzjoni ta' l-informazzjoni tal-*budget* u tal-finanzi b'tali mod li l-figuri ikunu jistgħu jiddaħlu, jinħażnu u jkunu rreġistrati.

2. Il-kontijiet għandhom jikkonsistu fil-kontijiet ġenerali u l-kontijiet tal-*budget*. Dawn il-kontijiet għandhom jinżammu f'euro fuq il-bażi tas-sena kalendarja.

3. Il-figuri fil-kontijiet ġenerali u fil-kontijiet tal-*budget* għandhom ikunu adottati fl-għeluq tas-sena tal-*budget* hekk li l-kontijiet riferuti fil-Kapitolu 1 ikunu jistgħu jiġu mħejjija.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jżomm kontijiet analitiċi.

▼B

*Artikolu 133*

1. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu, wara li jikkonsulta ma l-uffiċjali tal-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet l-oħrajn riferuti fl- ►M1 Artikolu 121 ◄, jadotta r-regoli u l-metodi tal-kontijiet u grafika armonizzata tal-kontijiet li għandha tkun applikata mill-istituzzjonijiet kollha, l-uffiċini riferuti fit-Titolu V tal-parti tnejn u tal-korpi kollha riferuti fl- ►M1 Artikolu 121. ◄

2. Meta jadotta r-regoli u l-metodi riferuti fil-paragrafu 1, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jkun iggwidat b'normi tal-kontijiet aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku imma jista' jitwarrab minnhom meta jkun hemm ġustifikazzjoni bin-natura speċifika ta' l-attivitajiet tal-Kumunitajiet.

Sezzjoni 2

**Kontijiet ġenerali**

*Artikolu 134*

Il-kontijiet ġenerali għandhom jirreġistraw, fl-ordni kronoloġika, bl-użu tal-metodu taż-żewġt idħul, l-avveniment u l-operazzjonijiet kollha li jaffetwaw is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarjau l-assi u r-responsabilitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi riferuti fl- ►M1 Artikolu 121. ◄

*Artikolu 135*

1. Il-movimenti fil-kontijiet u l-bilanċi għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistri tal-kontijiet.

2. Id-dħul kollu tal-kontijiet, inklużi l-aġġustamenti għall-kontijiet, għandhom ikunu bbażati fuq dokumenti sostenituri, li għalihom jirreferu.

3. Is-sistema tal-kontijiet għandha tkun tali hekk li tħalli traċċja għad-dħul kollu tal-kontijiet.

*Artikolu 136*

L-uffiċjal tal-kontijiet għandu, wara l-għeluq tas-sena tal-*budget* u saddata tal-preżentazzjoni tal-kontijiet, jagħmel xi aġġustamenti li, mingħajr ma jinvolvu ħlasijiet jew ġbir fir-rigward ta' dik is-sena, huma meħtieġa għall-preżentazzjoni vera u ġusta tal-kontijiet li jkunu konformi mar-regoli.

Sezzjoni 3

**Il-kontijiet tal-*budget***

*Artikolu 137*

1. Il-kontijiet tal-*budget* għandhom jipprovdu rekord dettaljata ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*.

2. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-kontijiet tal-*budget* għandhom jirrekordjaw l-introjtu u n-nefqa kollha ta' l-operazzjoni tal-*budget* li hemm provvediment dwarhom fit-Titolu IV tal-parti wieħed.

▼B

*KAPITOLU 4*

***L-inventarji tal-propjetà***

*Artikolu 138*

1. Kull istituzzjoni u kull korp riferut fl- ►M1 Artikolu 121 ◄ għandu jżomm inventarji li juru l-kwantità u l-valur ta' l-assi kollha tal-Komunitajiet, kemm tanġibbli, mhux-tanġibbli u finanzjarji, b'konformità ma' mudell imħejji mill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni.

Kull istituzzjoni u kull korp riferuti fl- ►M1 Artikolu 121 ◄ għandhom jivverifikaw li d-dħul kollu fl-inventarju jkun jikkorrispondi għas-sitwazzjoni attwali.

2. Il-bejgħ ta' propjetà mobbli għandu jkun reklamant kif xieraq.

TITOLU VIII

**AWDITJAR ESTERN U R-RILAXX**

*KAPITOLU 1*

***Awditjar estern***

*Artikolu 139*

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lill-Qorti ta' l-Awdituri, malajr kemm jista' jkun possibbli, bid-deċiżjonijiet u r-regoli kollha adotti permezz ta' l-Artikoli 9, 13, 18, 22, 23, 26 u 36.

▼M1

2. Kull istituzzjoni għandha tinforma lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-awtorità baġitarja dwar kwalunkwe regola interna li tadotta fir-rigward ta' materji finanzjarji.

▼B

3. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandu jkun infurmat bil-ħatra ta' l-uffiċjali awtorizzanti, bl-awdituri nterni, bl-uffiċjali tal-kontijiet u bl-amministraturi ta' l-għoti ta' flus u b'deċiżjonijiet ta' delega permezz ta' l-Artikoli 51, 61, 62, 63 u 85.

*Artikolu 140*

1. L-eżaminazzjoni mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar jekk l-introjtu kollu kienx riċevut u n-nefqa kollha kienetx minfuqha f'manjiera legali u xierqa għandha tqis id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, tal-*budget*, ta' dan ir-Regolament, tar-regoli ta' l-implimentazzjoni u l-atti l-oħrajn kollha permezz tat-Trattati.

2. Fit-twettieq tad-doveri tagħha, il-Qorti ta' l-Awdituri hija ntitolata li tikkonsulta, fil-manjera li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 142, id-dokumenti u l-informazzjoni kollha li jirrigwardjaw l-amministrazzjoni finanzjarja tad-dipertimenti jew tal-korpi fir-rigward ta' l-operazzjonijiet iffinanzjati jew ko-finanzjati mill-Komunitajiet. Għandha jkollha l-poter li tgħamel inkjesti dwar kwalunkwe uffiċjal responsabbli għall-operazzjoni ta' l-introjtu jew tan-nefqa u li tuża kwalunkwe proċeduri xierqa ta' l-awditjar fuq id-dipartimenti jew korpi msemmija hawn fuq. L-awditjar fl-Istati Membri għandu jkun imwettaq b'konnessjoni ma' l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' l-awditjar jew, jekk dawn ma jkollhomx il-poteri meħtieġa, mad-dipartimenti nazzjonali responsabbli. Il-Qorti ta' l-Awdituri u l-korpi nazzjoni ta' l-awditjar ta' l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-ispirtu tal-fiduċja waqt li jżommu l-independenza tagħhom.

▼B

Sabiex takkwista l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettieq tad-dover afdat lilha permezz tat-Trattati jew l-atti adotti permezz tagħhom, il-Qorti ta' l-Awdituri tista' tkun ippreżenta, fuq talba tagħha, waqt l-operazzjonijiet ta' l-awditjar imwettqa fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-*budget* minn, u f'isem , kwalunkwe istituzzjoni tal-Komunità.

Fuq talba tal-Qorti ta' l-Awdituri, kull istituzzjoni għandha tawtorizza lill-istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom depożiti tal-Komunità sabiex jiffaċilitaw lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tkun tista' tassigura li d-dettalji esterni ikunu jaqblu mal-kontijiet.

3. Sabiex tkun tista' twettaq dan id-dover, il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tinnotifika lill-istituzzjonijiet u lill-awtoritajiet li għalihom dan ir-Regolament huwa applikabbli, bl-ismijiet tal-membri tal-persunal tagħha li huma awtorizzati li jwettqu l-awditjar fuqhom.

*Artikolu 141*

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tassigura li l-kambjali u l-flejjes kollha ddepożitati jew miżmuma jkunu vverifikati kontra fatturi iffermati mid-depositarji jew kontra memoranda uffiċjali dwar il-flus u l-kambjali miżmuma. Tista' twettaq verifiki bħal dawn hija stess.

*Artikolu 142*

1. Il-Kummissjoni, l-istituzzjoniet l-oħrajn, il-korpi li jamministraw l-introju u n-nefqa f'isem tal-Komunitajiet u l-benefiċjarji finali tal-pagamenti mill-*budget* għandhom jagħtu lill-Qorti ta' l-Awdituri il-faċilitajiet kollha u jagħtuhom l-informazzjoni kollha li l-Qorti ta' l-Awdituri tqis li tkun meħtieġa għat-twettieq tad-doveri tagħha. Huma għandhom jagħmlu għad-dispożizzjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri id-dokumenti kollha li jikkonċernaw l-għoti u t-twettieq ta' kuntratti ffinanzjati mill-*budget* tal-Komunità u tal-kontijiet kollha tal-flus u materjali, tar-reġistri kollha tal-kontijiet u tad-dokumenti bħala sostenn, u wkoll id-dokumenti amministrattivi kollha relatati magħhom, id-dokumenti kollha relatati ma l-introjtu u n-nefqa, l-inventarji kollha, il-grafika ta' l-organizzazzjoni kollha tad-dipartiment, li l-Qorti ta' l-Awdituri tħoss li jkunu meħtiġa għall-awditjar tar-rapport tal-*budget* u l-attività finanzjarja fuq il-bażi tar-reġistri jew fuq il-post, u, għall-istess skopijiet, id-dokumenti u l-informazzjoni kollha maħluqa jew maħżuna fuq medja manjetika.

Il-korpi l-oħrajn tas-servizzi jew ta' l-awditjar intern ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali kkonċernati għandhom joffru lil-Qorti ta' l-Awdituri il-faċilitjiet kollha li hi tqis li jkunu meħtieġa għat-twettieq tad-doveri tagħha.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun japplika wkoll għal persuni naturali jew legali li jirċievu pagamenti mill-*budget* tal-Komunità.

2. L-uffiċjali li l-operazzjonijiet tagħhom huma vverifikati mill-Qorti ta' l-Awdituri għandhom:

(a) jippreżentaw ir-reġistri tagħhom tal-flus fl-idejn, xi flejjes oħrajn, kambjali u materjali tat-tipi kollha, u wkoll id-dokumenti ta' sostenn fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tagħhom tal-fondi li huma jkunu fdati bihom, u wkoll kwalunkwe kotba, reġistri u dokumenti oħrajn reletati magħhom;

(b) jippreżentaw il-korrespondenza u kwalunkwe dokumenti oħrajn meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa ta' l-awditjar riferut fl-Artikolu 140(1).

L-informazzjoni fornuta permezz tal-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu tista' tkun mitluba biss mill-Qorti ta' l-Awdituri.

3. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tkun awtorizzata li tawditja d-dokumenti fir-rigward ta' l-introjtu u n-nefqa tal-Komunitajiet li jkunu miżmuma mid-dipartimenti ta' l-istituzzjonijiet u, partikolarment, mid-

▼B

dipartimenti responsabbli għad-deċiżjonijiet fir-rigward ta' introju jew nefqa bħal dawk, mill-korpi li jamministraw l-introjtu jew in-nefqa f'isem il-Komunitajiet u l-persuni naturali jew legali li jirċievu pagamenti mill-*budget*.

4. Id-dover li jkun stabbilit li l-introjtu jkun irċevut u li n-nefqa tkun seħħet f'manjera leċita u xierqa u li l-amministrazzjoni finanzjarja tkun soda għandu jestendi għall-utilizzazzjoni, mill-korpi 'l barra mill-istituzzjonijiet, tal-fondi tal-Komunità irċevuti bħala għotjiet.

5. Il-finanzjament tal-Komunità mħallas lejn il-benefiċjarji 'l barra mill-istituzzjonijiet għandu jkun suġġett għal ftehim bil-kitba mill-benefiċjarji jew, fin-nuqqas ta' ftehim min-naħa tagħhom, mill-kuntratturi jew mis-sub-kuntratturi, għall-awditjar mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-użu magħmul mill-finanzjament mogħti.

6. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lil-Qorti ta' l-Awdituri, fuq it-talba tal-Qorti, bi kwalunkwe informazzjoni rigward l-operazzjoni tas-self u t-tislif.

7. L-użu ta' sistemi integrati tal-*kompjuter* ma jistgħux ikollhom l-effett li jnaqqsu l-aċċess tal-Qorti ta' l-Awtituri għal dokumenti ta' sostenn.

*Artikolu 143*

1. Ir-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri għandu jkun irregolat bid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha titrasmetti lejn il-Kummissjoni u lejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati, sal- ►**M1** 30 ta' Ġunju ◄ l-aktar tard, kwalunkwe osservazzjonijiet li huma, fl-opinjoni tagħha, tali li għandhom ikunu jidhru fir-rapport annwali. Dawn l-osservazzjonijiet għandhom jibqgħu konfidenzjali. Kull istituzzjoni għandha tindirizza t-tweġiba tagħha lill-Qorti ta' l-Awdituri sat- ►**M1** 15 ta' Ottubru ◄ l-aktar tard. It-tweġibiet ta' l-istituzzjonijiet apparti milli minn dawk tal-Kummissjoni għandhom jintbgħatu lill-Kummissjoni fl-istess żmien.

3. Ir-rapport annwali għandu jkun fih studju rigward is-sodezza ta' l-amministrazzjoni finanzjarja.

4. Ir-rapport annwali għandu jkun fih sezzjoni għal kull istituzzjoni. Il-Qorti ta' l-Awdituri tista' żżid xi rapport sommarju jew ossernazzjonjiiet ġenerali li hija tħoss li jkunu xierqa li tagħmel.

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tassigura li t-tweġibiet ta' kull istituzzjoni għall-osservazzjonijiet tagħha jkunu ppubblikati mmedjetament wara l-osservazzjonijiet li għalihom jirreferu.

▼M1

5. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tittrasmetti lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħrajn, l-aktar tard sal-15 ta' Novembru, ir-rapport annwali tagħha akkumpanjat mir-risposti ta' l-istituzzjonijiet u għandha tiżgura l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea.*

▼B

6. Malli l-Qorti ta' l-Awdituri tkun trasmettiet ir-rapport annwali tagħha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernata immedjetament bid-dettalji ta' dak ir-rapport li jkunu jirrigwardjaw l-amministrazzjoni tal-fondi li huma responsabbli permezz tar-regoli applikabbli.

Mal-wasla ta' dik l-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom iwieġbu lil-Kummissjoni fi żmien 60 jum. Din ta' l-aħħar għandha tittrasmetti sommarju lejn il-Qorti ta' l-Awdituri, lejn il-Kunsill u lejn il-Parlament Ewropew, qabel il- ►**M1** 28 ta' Frar. ◄

▼B

*Artikolu 144*

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tinnotifika lill-istituzjoni kkonċernata bl-osservazzjonijiet kollha tagħha li huma, fl-opinjoni tagħha, tali li għandhom jidhru f'rapport speċjali. Dawn l-osservazzjonijiet għandhom jibqgħu konfidenzjali.

L-istituzzjoni kkonċernata għandha jkollha xharejn-u-nofs żmien sabiex fihom tinforma lill-Qorti ta' l-Awdituri b'xi kummenti li hi tkun tixtieq tagħmel rigward l-osservazzjonijiet f'dak il-każ.

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tadotta l-verżjoni definittiva tar-rapport speċjali f'dan il-każ fix-xahar ta' wara.

Ir-rapport speċjali, flimkien mat-tweġibiet ta' l-istituzzjonijiet ikkonċernati, għandhom ikunu trasmessi mingħajr dewmien lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill, kull wieħed minnhom għandu jiddeċiedi, meta xieraq b'konnessjoni mal-Kummissjoni, liema azzjoni għandha tittieħed bħala reazzjoni ta' dan.

▼M1

Jekk il-Qorti ta' l-Awdituri tiddeċiedi li tippubblika tali rapporti speċjali fil-*Ġurnal ffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea*, huma għandhom ikunu akkumpanjati mir-risposti ta' l-istituzzjonijiet ikkonċernati.

▼B

2. ►M1 L-opinjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 248(4) tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 160ċ(4) tat-Trattat Euratom li mhumiex marbutin ma' proposti jew abbozzi koperti mill-proċedura konsultattiva leġislattiva jistgħu jiġu pubblikati mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea.* ◄ Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha rigward il-pubblikazzjoni wara li tikkonsulta ma l-istituzzjoni li tkun talbet l-opinjoni jew li tkun ikkonċernata biha. L-opinjonijiet ippublikati għandhom ikunu akkumpanjati b'xi rimarki mill-istituzzjonijiet ikkonċernati.

*KAPITOLU 2*

***Rilaxx***

*Artikolu 145*

1. Il-Parlament Ewropew, huwa u jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill li għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-►M1 15 ta' Mejju ◄ tas-sena n + 2 jagħti rilaxx lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-*budget* tas-sena n.

2. Jekk id-data li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1 ma tkunx tista' tintlaħaq, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill għandhom jinfurmaw lil-Kummissjoni bir-raġunijiet għal dan il-posponiment.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jipposponi d-deċiżjoni li jagħti r-rilaxx, il-Kummissjoni għandha tagħmel kull sforz sabiex tieħu miżuri, malajr kemm jista' jkun possibbli, sabiex tneħħi jew tiffaċilita t-tneħħija ta' l-ostakoli għal dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 146*

1. Id-deċiżjoni tar-rilaxx għandha tkopri l-kontijiet kollha ta' l-introjtu u n-nefqa tal-Komunitajiet, il-bilanċ li jirriżulta u l-assi u r-responsabbiltajiet tal-Komunitajiet kif murija fil-*balance-sheet*.

2. Bil-għan li jingħata rilaxx, il-Parlament Ewropew għandu, wara li l-Kunsill ikun għamel hekk, jeżamina l-kontijiet u l-istqarrijiet finanzjarji riferuti fl-Artikolu 275 tat-Trattat KE u l-Artikolu 179a tat-Trattat Euratom. Għandu wkoll jeżamina r-rapport annwali magħmul mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mat-tweġibiet mill-istituzzjonijiet taħt l-awditjar,

▼B

u xi rapporti speċjali relevanti mill-Qorti ta' l-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja f'dan il-każ u l-istqarrija ta' l-assigurazzjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri rigward l-affiddibbilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità li jkunu l-bażi tat-tranżazzjonijiet.

3. Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti lejn il-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan ta' l-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni retta tal-proċedura tar-rilaxx għas-sena finanzjarja f'dan il-każ, b'konformità ma' l-Artikolu 276 tat-Trattat KE.

*Artikolu 147*

1. Bi qbil ma' l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 180b tat-Trattat Euratom, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħrajn għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jaġixxu fuq l-osservazzjonijiet li jakkumpamjaw id-deċiżjoni tar-rilaxx tal-Parlament Ewropew u rigward il-kummenti li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjonijiet għar-rilaxx kif adottati mill-Kunsill.

2. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u fuq il-kummenti, u, partikolarment, fuq l-istruzzjonijiet mogħtija lill-dawk id-dipartimenti li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-*budget*. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw mal-Kummissjoni billi jinformawha bil-miżuri li huma jkunu ħadu sabiex jaġixxu fuq dawn l-osservazzjonijiet hekk li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu akkont tagħhom meta tħejji r-rapport tagħha. Ir-rapporti mill-istituzzjonijiet għandhom ukoll ikunu trasmessi lejn il-Qorti ta' l-Awdituri.

IT-TIENI PARTI

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI**

▼M1

TITOLU I

**FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA**

▼B

*Artikolu 148*

▼M1

1. L-Ewwel u t-Tielet Parti ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għan-nefqa effettwata mill-awtoritajiet u l-korpi msemmijin fir-regoli dwar il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), u għal dħul, ħlief fejn huwa pprovdut mod ieħor f'dan it-Titolu.

▼B

2. L-operazzjonijiet amministrati direttament mill-Kummissjoni għandhom ikunu implementati b'konformità mar-regoli stabbiliti fil-partijiet wieħed u tlieta.

*Artikolu 149*

▼M1

1. Għal kull sena finanzjarja, il-FAEG għandu jinkludi approporjazzjonijiet non-differenzjati, bl-eċċezzjoni għan-nefqa dwar il-miżuri msemmijin fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 , li għandhom ikunu koperti minn approporjazzjonijiet differenzjati.

▼B

2. Approprjazzjonijiet tal-pagament li jkunu nħiebu minn qabel imma li ma jkunux għadhom ġew użati sat-tmiem tas-sena finanzjarja għandhom ikunu kkanċellati.

▼M1

3. Approporjazzjonijiet li m'humiex kommessi dwar l-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, jistgħu jitmexxew biss għas-sena finanzjarja ta' wara.

Tali tmexxija 'l quddiem m'għandhiex teċċedi, fil-limitu ta' 2 % ta' l-approprjazzjonijiet inizjali msemmijin fl-ewwel subparagrafu, l-ammont ta' aġġustament ta' ħlasijiet diretti msemmijin fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa [1] u li kien applikat matul l-aħħar sena finanzjarja.

L-approporjazzjonijiet li jitmexxew 'il quddiem għandhom jiġu ritornati esklussivament lil-linji tal-baġit li jkopru l-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Tali tmexxija 'l quddiem tista' twassal biss għal ħlas addizzjonali lill-benefiċjarji finali li kienu soġġetti, matul l-aħħar sena finanzjarja, għall-aġġustament ta' ħlasijiet diretti skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

Id-deċiżjoni għat-tmexxija 'l quddiem għandha tittieħed, l-aktar tard sal-15 ta' Frar tas-sena li għaliha qed issir it-tmexxija 'l quddiem, mill-Kummissjoni, li għandha tinforma lill-awtorità baġitarja.

▼B

*Artikolu 150*

1. Il-Kummissjoni għandha treġġa' lura n-nefqa nvoluta mill-Istati Membri.

▼M1

2. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-ammonti ta' dawn il-ħlasijiet għandhom jikkostitwixxu impenji provviżorji globali, li ma jistgħux jeċċedu l-approporjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-FAEG.

3. Mill-15 ta' Novembru, nefqa amministrattiva ta' rutina għall-FAEG tista' tiġi kommessa bil-quddiem kontra l-approprjazzjonijiet previsti għas-sena finanzjarja ta' wara. Tali impenji ma jistgħux, madankollu, jeċċedu tliet kwarti ta' l-approporjazzjonijiet korrispondenti totali għas-sena finanzjarja kurrenti." Dawn jistgħu japplikaw biss għannefqa li għaliha hu stabbilit il-prinċipju f'att bażiku eżistenti.

▼B

*Artikolu 151*

1. ►M1 Nefqa effettwata mill-awtoritajiet u l-korpi msemmija fir-regoli dwar il-FAEG għandha, fi żmien xahrejn wara l-irċevuta tar-rendikonti mibgħutin mill-Istati Membri, tkun is-suġġett ta' impenn skond il-kapitolu, l-artikolu u l-partita. Tali impenn jista' jsir wara li jgħaddi l-perijodu ta' xahrejn kull meta hija meħtieġa proċedura għal trasferiment ta' approporjazzjonijiet dwar il-linji tal-baġit in kwistjoni. Ħlief meta ma jkunx għadu sar pagament mill-Istati Membri jew meta hemm dubju dwar l-eliġibilità, l-ammonti għandhom ikunu maħruġin bħala ħlasijiet fl-istess perijodu ta' xahrejn. ◄

Dan l-impenn tal-*budget* għandu jkun imnaqqas mill-impenn ta' dispożizzjoni globali riferuta fl-Artikolu 150.

2. L-impenji tad-dispożizzjonijiet globali li jkunu saru għal sena finanzjarja u li ma jgħatux bidu għal impenn fuq linji speċifiċi fin-nomeniklatura tal-*budget* sa l-1 ta' Frar tas-sena finanzjarja segwenti għandhom ikunu kkannċellati fir-rigward tas-sena finanzjarja oriġinali.

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1).

▼B

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw suġġett għar-rilaxx tal-kontijiet.

▼M1

*Artikolu 152*

Fil-kontabilità baġitarja, nefqa għandha tiddaħħal fil-kontijiet għal sena finanzjarja abbażi tar-rifużjonijiet magħmulin mill-Kummissjoni lill-Istati Membri l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru tas-sena kkonċernata, sakemm l-ordni għall-ħlas tkun waslet għand l-uffiċjal tal-kontijiet l-aktar tard sal-31 ta' Jannar tas-sena finanzjarja sussegwenti.

▼B

*Artikolu 153*

▼M1

1. Meta l-Kummissjoni tista' tittrasferixxi l-approporjazzjonijiet skond l-Artikolu 23(1), din għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha l-aktar tard sal-31 ta' Jannar tas-sena finanzjarja ta' wara u għandha tinforma lill-awtorità baġitarja kif previst fl-Artikolu 23(1).

▼B

2. Fil-każi apparti minn dawk riferuti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti tat-trasferiment lejn l-awtorità tal-*budget* sa l-aktar tard il-10 ta' Jannar tas-sena finanazjarja segwenti.

L-awtorità għandha tieħu deċiżjonijiet dwar dawn it-trasferimenti b'konformità mal-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 24, imma fil-limitu ta' żmien ta' tliet ġimgħat.

▼M1

*Artikolu 154*

1. Id-dħul assenjat taħt dan it-Titolu għandu jkun assenjat skond l-oriġini b'konformità ma' l-Artikolu 18(2).

2. Ir-riżultat ta' deċiżjonijiet dwar il-kwittanza tal-kontijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 għandu jiddaħħal f'Artikolu wieħed.

TITOLU II

**FONDI STRUTTURALI, FOND TA' KOEŻJONI, FOND EWROPEW GĦAS-SAJD, U FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI**

▼B

*Artikolu 155*

▼M1

1. L-Ewwel u t-Tielet Parti ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għan-nefqa effettwata mill-awtoritajiet u l-korpi msemmijin f'dawn ir-Regolamenti li jirregolaw il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali [1], il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

[1] Regolament (KE) Nru 1290/2005.

▼M1

(FEŻR) ([1]), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) ([2]), il-Fond ta' Koeżjoni ([3]), il-Fond għas-Sajd Ewropew (EFF) ([4]), minn hawn 'il quddiem "il-Fondi", u għad-dħul tagħhom, ħlief jekk mhux previst mod ieħor f'dan it-Titolu.

▼B

2. L-operazzjonijiet amministrati direttament mill-Kummissjoni għandhom ikunu mplementati b'konformità mar-regoli stabbiliti fil-partijiet wieħed u tlieta ta' dan ir-Regolament.

▼M1

_____

▼B

*Artikolu 156*

1. Il-pagament mill-Kummissjoni ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fondi għandu jkun magħmul b'konformità mar-regolamenti riferuti fl-Artikolu 155.

2. Il-limitu ta' żmien għal pagamenti transitorji mill-Kummissjoni għandu jkun stabbilit b'konformità mar-regolamenti riferuti fl-Artikolu 155.

3. It-trattament tar-rifużjonijiet mill-Istati Membri u l-implikazzjonijiet għall-ammont ta' kontribuzzjonijiet mill-Fondi għandhom ikunu rregolati bir-regolamenti riferuti fl-Artikolu 155.

*Artikolu 157*

Il-Kummissjoni għandha awtomatikament twarrab l-approprjazzjonijiet li jkunu ġew impenjati kif hemm provvediment dwar dan fir-regolament riferuti fl-Artikolu 155.

▼M1

L-approprjazzjonijiet disimpenjati jistgħu jsiru disponibbli għal darb'oħra fil-każ ta' żball ċar li hu attribwibbli biss lill-Kummissjoni.

▼B

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha teżamina t-twarrib magħmul matul is-sena finanzjarja preċedenti u tiddeċiedi, sal-15 ta' Frar tas-sena kurrenti, fuq il-bażi tal-ħtiġiet, jekk ikunx meħtieġ li l-approprjazzjonijiet korrispondenti li jkunu disponibbli mill-ġdid.

▼M1

*Artikolu 158*

Bl-eċċezzjoni tal-EAFRD, fir-rigward tan-nefqa operattiva msemmija f'dan it-Titolu, il-Kummissjoni tista' tagħmel trasferimenti minn titolu wieħed għal ieħor, dment li l-approporjazzjonijiet in kwistjoni jkunu għall-istess objettiv skond it-tifsira tar-Regolamenti li jirregolaw il-Fondi msemmijin fl-Artikolu 155, jew li huma nfiq fuq Assistenza Teknika.

---

([1]) Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

([2]) Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

([3]) Regolament (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79).

([4]) Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

▼B

*Artikolu 159*

Aspetti li jikkonċernaw l-amministrazzjoni u l-għażla ta' proġetti u awditjar għandhom ikunu regolati bir-regolamenti riferuti fl-Artikolu 155.

TITOLU III

**RIĊERKA**

*Artikolu 160*

1. Il-partijiet wieħed u tlieta għandhom japplikaw għall-approprjazzjonijiet tar-riċerka u ta' l-iżvilupp teknoloġiku, apparti milli kif hemm ipprovdut f'dan it-Titolu.

Dawn l-approprjazzjonijiet għandhom ikunu mdaħħla jew f'wieħed mit-titoli tal-*budget* li jirrigwardjaw iż-żona ta' l-istrateġija tar-riċerka b'azzjoni diretta jew inderetta jew bil-kapitolu li jirrigwardja l-attivitajiet tar-riċerka f'titolu ieħor.

Dawn għandhom ikunu wżati bl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet elenkati fir-regoli ta' l-implimentazzjoni.

▼M1

1a. L-approprjazzjonijiet relatati mad-dħul ġenerat mill-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar stabbilit bil-Protokoll anness mat-Trattat tal-KE dwar il-konsegwenzi finanzjarji ta' l-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar għandhom jiġu trattati bħala dħul assenjat fit-tifsira ta' l-Artikolu 18. L-approprjazzjonijiet ta' impenn iġġenerati minn dan id-dħul għandhom ikunu disponibbli minn meta l-ammont reċevibbli ikun stmat u l-approprjazzjonijiet tal-ħlas minn meta d-dħul ikun riċevut.

▼B

2. Fir-rigward tan-nefqa operazzjonali riferuta f'dan it-Titolu, il-Kummissjoni tista' tgħamel trasferimenti minn titolu wieħed lejn ieħor, basta li l-approprjazzjonijiet ikunu wżati għall-istess skop.

3. Esperti mħallsa mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku għandhom ikunu reklutati b'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Kunsill meta dan jadotta il-programm tal-qafas tar-riċerka.

▼M1

*Artikolu 160a*

1. L-approporjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' l-impenn dispimpenjat bħala riżultat ta' nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti li jikkonċernaw ir-riċerka li għalihom ġew assenjati jistgħu, b'mod eċċezzjonali u f'każijiet debitament iġġustifikati, isiru disponibbli għal darb'oħra meta dan ikun essenzjali biex jitwettaq il-programm oriġinarjament ippjanat, sakemm il-baġit għassena finanzjarja attwali jinkludi fondi għal dan l-għan.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, fil-bidu ta' kull sena finanzjarja, teżamina disimpenji magħmulin matul is-sena finanzjarja preċedenti u għandha tivvaluta, fid-dawl tal-ħtiġiet, il-bżonn li l-approprjazzjonijiet jerġgħu jsiru disponibbli.

Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tissottometti proposti xierqa lill-awtorità baġitarja, sal-15 ta' Frar ta' kull sena finanzjarja, li jiddikjaraw għal kull partita tal-baġit ir-raġunijiet għaliex dawn l-approporjazzjonijiet reġgħu saru disponibbli.

3. L-awtorità baġitarja għandha tiddeċiedi dwar il-proposti tal-Kummissjoni fi żmien sitt ġimgħat. Meta ma tittieħed l-ebda deċiżjoni matul il-limitu ta' żmien, il-proposti jitqiesu aċċettati.

▼M1

L-ammont ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenji li għandhom isiru disponibbli għal darb'oħra fis-sena *n* m'għandu qatt jeċċedi l-25 % ta' l-ammont totali disimpenjat fuq l-istess linja tal-baġit fis-sena *n-1*.

4. L-approprjazzjonijiet ta' impenji li reġgħu saru disponibbli ma għandhomx jitmexxew 'il quddiem.

L-impenji legali li jikkonċernaw l-approprjazzjonijiet ta' impenji li saru disponibbli għal darb'oħra għandhom jiġu konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena *n*.

Fl-aħħar tas-sena *n*, il-bilanċ li ma ntużax ta' dawn l-approprjazzjonijiet ta' impenji li saru disponibbli għal darb'oħra għandhom ikunu disimpenjati mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

▼B

*Artikolu 161*

1. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) jista' jirċievi fondi rreġistrati fuq l-approprjazzjonijiet imdaħħla l-barra mit-titoli u l-kapitoli riferuti fl-Artikolu 160(1) fir-rigward tal-parteċipazzjoni tiegħu fuq bażi kompetittiva jew negozjata fl-attivitajiet tal-Komunità ffinanzjati bis-sħiħ jew parzjalment mil-*budget* ġenerali.

2. L-approprjazzjonijiet relatati ma l-attivitajiet li fihom il-JRC jipparteċipa fuq bażi kompetittiva għandhom ikunu ttrattati bħala introjtu assenjat fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 18. L-impennji ta' l-approprjazzjonijiet iġġenerati b'dan l-introjtu għandhom ikunu disponibbli malli l-ammont riċevibli jkun ġie kkalkolat.

L-utilizzazzjoni ta' dawn l-approprjazzjonijiet għandhom ikunu murija f'sett ta' kontijiet analitiċi fil-kont ta' l-attività tal-*budget* għal kull kategorija ta' azzjoni li magħha jkunu relatati; din għandha tkun separata mill-introjtu li joriġina mill-iffinanzjar minn partijiet terzi (pubbliċi jew privati) u mill-introjtu minn servizzi oħrajn imwettqa mill-Kummissjoni għal partijiet terzi.

3. Ir-regoli ta' l-akkwist fit-Titolu V tal-parti wieħed m'għandhomx japplikaw għall-attivitajiet tal-JRC f'isem partijiet terzi.

4. Bħala deroga mill-Artikolu 23, il-Kummissjoni tista, fi ħdan it-titoli tal-*budget* li jirrigwardja ż-żona tal-istrateġija "Riċerka ta' azzjoni diretta", tagħmel transferimenti bejn kapitoli sa massimu ta' 15 % ta' l-approprjazzjoni fil-linja li minnha it-trasferiment ikun sar.

TITOLU IV

**AZZJONIJIET ESTERNI**

*KAPITOLU I*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 162*

1. Il-partijiet wieħed u tlieta għandhom japplikaw għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-*budget*, apparti milli kif hemm ipprovdut f'dan it-Titolu.

2. L-approprjazzjonijiet għall-azzjonijiet riferuti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu wżati mill-Kummissjoni.

(a) jew fil-qafas ta' l-għajnuna mogħtija fuq bażi awtonoma;

(b) jew permezz ta' ftehim konkluż ma' wieħed jew aktar pajjiżi terzi benefiċjarji;

(ċ) jew permezz ta' ftehim ma l-organizzazzjonijiet internazzjonali riferuti fl-Artikolu 53.

▼B

*KAPITOLU 2*

***Implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet***

*Artikolu 163*

►M1 L-azzjonijiet imsemmijin f'dan it-Titolu jistgħu jiġu implimentati fuq bażi ċentralizzata mill-Kummissjoni, minn ġestjoni konġunta, fuq bażi deċentralizzata mill-pajjiż/i terz/i benefiċjarju/i, jew konġuntament ma' organizzazzjonijiet internazzjonali f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikoli 53 sa 57. ◄ Approprjazzjonijiet għall-azzjonijiet esterni jistgħu jkunu magħquda ma fondi minn sorsi oħrajn sabiex jintlaħaq objettiv konġunt.

▼M1

---

▼B

*Artikolu 165*

L-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet mill-pajjiżi terzi benefiċjarji jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali hija suġġetta għal skrutinju mill-Kummissjoni. Skrutinju bħal dan għandu jkun eżerċitat jew b'approvazzjoni preċedenti, jew b'verifiki ex post jew bi proċedura konġunta.

*Artikolu 166*

1. Azzjonijiet imwettqa għandhom jagħtu bidu għal:

▼M1

(a) ftehim finanzjarju mfassal bejn il-Kummissjoni, li taġixxi għall-Komunitajiet, u l-pajjiż jew pajjiżi terzi benefiċjarji jew il-korpi li ħatru, minn hawn 'il quddiem: "il-benefiċjarji"

(b) kuntratt jew ftehim ta' għotja bejn il-Kummissjoni u korpi tassettur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew bejn il-Kummissjoni u l-persuni ġuridiċi jew fiżiċi responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' l-azzjonijiet.

Il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' l-għajnuna esterna għandhom jiġu stabbiliti fl-istrument li bih għandhom ikunu ġestiti l-ftehim ta' finanzjament jew il-kuntratti jew l-għotjiet previsti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

2. Il-ftehim finanzjarji mal-pajjiżi terzi benefiċjarji msemmijin fil-paragrafu 1(a) għandhom ikunu konklużi mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena *n + 1*, fejn is-sena *n* hija s-sena li fiha kien sar l-impenn baġitarju.

Il-kuntratti individwali, id-deċiżjonijiet dwar għotjiet u ftehim li jimplimentaw tali ftehim finanzjarji għandhom jiġu konklużi jew jiġu adottati mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim finanzjarju.

Il-kuntratti u ftehim individwali relatati mal-verifika u l-evalwazzjoni jistgħu jiġu konklużi aktar tard.

3. Id-dispożizzjoni taħt il-paragrafu 2 m'għandhiex tapplika għal programmi pluriennali f'dawn il-każijiet li ġejjin:

— il-kooperazzjoni transkonfini, l-iżvilupp reġjonali, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u l-komponenti ta' l-iżvilupp rurali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni(IPA) ([1]);

---

([1]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

▼M1

— il-komponent tal-kooperazzjoni transkonfini tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ([1]).

F'dawn il-każijiet, għandhom japplikaw il-regoli li ġejjin:

(a) Kwalunkwe parti minn impenn baġitarju għal tali programm pluriennali għandha tiġi diżimpenjata awtomatikament meta, sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena wara s-sena *n* li hija s-sena li fiha kien sar l-impenn baġitarju:

(i) ma tkunx intużat għal għanijiet ta' prefinanzjament; jew

ii) ma tkunx intużat biex isiru ħlasijiet intermedji; jew

(iii) ma tkun ippreżentata ebda dikjarazzjoni ta' nefqa relatata magħha .

(b) Dik il-parti ta' l-impenji tal-baġit li tkun għadha miftuħa sal-31 ta' Diċembru 2017 li għaliha ma saritx dikjarazzjoni ta' nefqa sal-31 ta' Diċembru 2018 għandha tkun awtomantikament diżimpenjata.

▼B

*KAPITOLU 3*

***L-Akkwist***

*Artikolu 167*

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu V tal-parti wieħed relatati mad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-akkwist għandhom ikunu applikabbli għal-kuntratti koperti b'dan it-Titolu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li jirrigwardjaw il-limiti massimi u l-arranġamenti għall-għoti ta' kuntratti esterni stabbiliti fir-regoli ta' l-implenetazzjoni. L-awtoritajiet tal-kuntratti għall-iskopijiet ta' dak il-kapitoli għandhom ikunu:

(a) il-Kummissjoni f'isem ta' u għall-akkont ta' wieħed jew aktar benefiċjarji;

(b) il-benefiċjarju jew il-benefiċjarji;

▼M1

(ċ) korp tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew persuni ġuridiċi li huma benefiċjarji ta' għotja għall-implimentazzjoni ta' azzjoni esterna.

2. Il-proċeduri għall-akkwisti jridu jkunu stabbiliti fil-ftehim finanzjarji jew fid-deċiżjoni dwar l-għotja jew il-ftehim dwar l-għotja previsti fl-Artikolu 166.

▼B

*Artikolu 168*

1. Parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' l-offerti għandha tkun miftuħa fuq termini ugwali għall-persuni kollha li jidħlu fl-iskop tat-Trattati u, bi qbil mad-dispożizzjonijiet speċifiċi fl-istrumenti bażiċi li jirregolaw is-settur tal-koperazzjoni kkonċernat, għal dawk il-persuni naturali jew legali kollha li huma ċittadini tal-pajjiżi terzi benefiċjarji jew ta' xi pajjiż terz ieħor kif inhuma espresament imsemmija f'dawk l-istrumenti.

2. F'każi eċċezzjonali sostanzjati kif xieraq, jista' jkun deċiż, fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-atti bażiċi li jirregolaw il-koperazzjoni, li jippermettu ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi apparti minn dawk riferuti fil-paragrafu 1li jagħmlu offerti għall-kuntratti.

([1]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 11.

▼B

3. Meta ftehim ikun applikabbli dwar it-twessieħ tas-suq għall-akkwist ta' oġġetti jew servizzi li magħhom il-Komunità hija parti, il-kuntratti għall-akkwist finanzjati mill-*budget* għandhom ukoll ikunu miftuħa għall-ċittadini ta' pajjiż terz apparti milli minn dawk riferuti fil-paragrafi 1 u 2, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-ftehim.

▼M1

*KAPITOLU 4*

***Għotjiet***

▼B

*Artikolu 169*

Azzjoni tista' tkun iffinanzjata fis-sħiħ mill-*budget* biss jekk dan ikun juri li huwa essenzjali ħalli din titwettaq.

▼M1

*Artikolu 169a*

Proċeduri ta' għotja li għandhom jiġu applikati fil-ġestjoni deċentralizzata minn pajjiżi terzi benefiċjarji għandhom ikunu stabbiliti fil-ftehim finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 166. Huma għandhom ikunu bbażati fuq ir-regoli stabbiliti fit-Titolu VI ta' l-Ewwel Parti.

▼B

*KAPITOLU 5*

***L-awditjar tal-kontijiet***

▼M1

*Artikolu 170*

Kull ftehim ta' finanzjament jew ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja għandu jipprevedi espressament li l-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jkollhom is-setgħa ta' verifika, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċevew fondi Komunitarji.

▼B

TITOLU V

**L-UFFIĊINI EWROPEJ**

*Artikolu 171*

1. "Uffiċini Ewropej" għall-iskopijiet ta' l-applikar ta' dan it-Titolu huma l-istrutturi amministrattivi stabbiliti minn wieħed jew aktar istituzzjonijiet sabiex iwettqu doveri speċifiċi ta' trans-intersezzjoni.

▼M1

2. Dan it-Titolu għandu japplika għall-operat ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 174, 174a u l-Artikolu 175(2).

▼B

3. Il-partijiet wieħed u tlieta għandhom japplikaw għall-operat ta' l-uffiċini Ewropej, apparti milli kif hemm ipprovdut f'dan it-Titolu.

▼B

*Artikolu 172*

1. L-approprjazzjonijiet għal kull uffiċċju Ewropej, l-ammont totali li tiegħu għandhom ikunu mdaħħla f'linja speċifika tal-*budget* fi hdan is-sezzjoni tal-*budget* li tirrigwardja l-Kummissjoni, għandhom ikunu stabbiliti fid-dettall fl-Anness ta' dik is-sezzjoni.

L-Anness għandu jieħu l-għamla ta' stqarrija ta' introjtu u nefqa, suddiviża fl-istess mod bħas-sezzjonijiet tal-*budget*.

L-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dak l-Anness għandhom ikopru l-ħtiġiet finanzjarji kollha għal kull uffiċċju Ewropew fit-twettieq tad-doveri tiegħu f'isem l-istituzzjonijiet.

2. Il-pjan ta' l-istabbiliment ta' kull uffiċċju Ewropew għandu jkun anness ma dak tal-Kummissjoni.

3. Id-Direttur ta' kull uffiċċju Ewropew għandu jieħu deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti fi ħdan l-Annessi li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità tal-*budget* b'dawn it-trasferimenti.

4. Il-kontijiet ta' kull uffiċċju Ewropew għandhom jiffurmaw parti ntegrali mill kontijiet tal-Komunitajiet riferuti fl-Artikolu 121.

▼M1

*Artikolu 173*

Fir-rigward ta' l-approprjazzjonijiet introdotti fl-Anness għal kull uffiċċju Ewropew, il-Kummissjoni għandha tiddelega l-poteri ta' l-uffiċjal awtorizzanti lid-Direttur ta' l-uffiċċju Ewropew ikkonċernat, skond l-Artikolu 59.

▼B

*Artikolu 174*

1. Kull uffiċċju Ewropew inter-istituzzjonali għandu jħejji kontijiet analitiċi tan-nefqa tiegħu, jawtorizza li l-proporzjon tas-servizzi tiegħu fornuti lejn kull waħda mill-istituzzjonijiet li tkun iddeterminata. ►M1 Id-Direttur ta' l-uffiċċju Ewropew ikkonċernat għandu jadotta, wara approvazzjoni mill-Kumitat ta' Ġestjoni, il-kriterji li fuqhom għandha tkun ibbażata s-sistema ta' kontabilità. ◄

2. Ir-rimarki li jikkonċernaw il-linja speċifika tal-*budget* li fiha hija mdaħħla l-approprjazzjoni totali għal kull uffiċċju Ewropew inter-istituzzjonali għandha wkoll turi estimi ta' l-ispiża tas-servizzi fornuti mill-uffiċċju lejn kull waħda mill-istituzzjonijiet. Dan għandu jkun ibbażat fuq il-kontijiet analitiċi li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1.

3. Kull uffiċċju Ewropew inter-istituzzjonali għandu jinnotifika lill-istituzzjonijiet ikkonċernati bir-riżultati tal-kontijiet analitiċi.

▼M1

*Artikolu 174a*

1. Kull istituzzjoni tista' tiddelega l-poteri ta' l-uffiċjal awtorizzanti lid-direttur ta' uffiċċju Ewropew interistituzzjonali għall-ġestjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħlin fis-sezzjoni tagħha u għandha tiffissa l-limiti u l-kondizzjonijiet għal din id-delega ta' poteri.

2. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita r-responsabbiltajiet kollha stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu 8 ta' l-Ewwel Parti.

*Artikolu 175*

Jekk il-kompetenza ta' uffiċċju Ewropew tinvolvi provvisti lil partijiet terzi għal interess pekunarju, id-Direttur tiegħu għandu jadotta, wara l-

▼M1

approvazzjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni, id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw kif dawn il-provvisti għandhom isiru u ż-żamma tal-kontijiet korrispondenti.

---

▼B

TITOLU VI

**L-ALLOKAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI**

*Artikolu 177*

Il-partijiet wieħed u tlieta għandhom japplikaw għall-approprjazzjonijiet amministrattivi, apparti milli kif hemm ipprovdut f'dan it-Titolu.

*Artikolu 178*

1. Sa mill-15 ta' Novembru ta' kull sena, nefqa amministrattiva ta' rutina tista' tkun impenjata bil-quddiem kontra l-approprjazzjonijiet li hemm provvediment dwarhom għas-sena finanzjarja segwenti. ►M1 Tali impenji ma jistgħux, madankollu, jeċċedu kwart ta' l-approprjazzjonijiet deċiżi mill-awtorità baġitarja fuq il-linja tal-baġit korrispondenti għas-sena finanzjarja attwali. ◄ Dawn ma jistgħux japplikaw għal nefqa ġdida tat-tip li jkun għadu mhux approvat bi prinċipju fl-aħħar buget adottat kif xieraq.

2. In-nefqa li għandha titħallas bil-quddiem permezz ta' dispożizzjonijiet legali jew kontrattwali, per eżempju kirjiet, tista' toħloq pagamenti mill-1 ta' Diċembru 'l quddiem li jkunu imposti fuq l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja segwenti. ►M1 F'dan il-każ, il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 m'għandux japplika. ◄

*Artikolu 179*

1. L-approprjazzjonijiet amministrattivi m'għandhomx ikunu approprjazzjonijiet iddiffirenzjati.

2. In-nefqa amministrattiva li toriġina minn kuntratti li jkopru perijodi li jestendu lil hinn mis-sena finanzjarja, jew b'konformità mal-prattika lokali jew li jirigwardjaw il-forniment ta' tagħmir, għandhom ikunu rreġistrati kontra l-*budget* tas-sena finanzjarja li fiha jkunu effettwati.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jinformaw liż-żewġ friegħi ta' l-awtorità tal-*budget* malajr kemm jista' jkun b'xi proġett tal-bini li aktarx li jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikati fuq il-*budget*.

▼M1

Jekk waħda mill-fergħat ta' l-awtorità baġitarja għandha l-intenzjoni li toħroġ opinjoni, hija għandha fi żmien ġimagħtejn mill-irċevuta ta' l-informazzjoni dwar il-proġett ta' bini tinnotifika lill-istituzzjoni konċernata bl-intenzjoni tagħha li toħroġ tali opinjoni. Jekk ma jkunx hemm tweġiba, l-istituzzjoni konċernata tista' tipproċedi bl-operat ippjanat taħt l-awtonomija amministrattiva tagħha, soġġett għall-Artikolu 282 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 185 tat-Trattat Euratom fir-rigward tar-rappreżentanza Komunitarja.

Din l-opinjoni għandha tkun mgħoddija lill-istituzzjoni konċernata fi żmien ġimagħtejn ta' tali notifikazzjoni.

▼M1

TITOLU VII

**ESPERTI**

*Artikolu 179a*

Ir-regoli implimentattivi għandhom jinkludu proċeduri speċifiċi għall-għażla ta' esperti, li għandhom *jitħallsu* abbażi ta' ammont fiss, biex jgħinu lill-istituzzjonijiet partikolarment fl-evalwazzjoni tal-proposti u l-applikazzjonijiet għall-għotjiet jew l-offerti għall-akkwist u għall-provvediment ta' assistenza teknika għall-evalwazzjoni kurrenti, u dik finali tal-proġetti ffinanzjati mill-baġit.

▼B

IT-TIELET PARTI

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

TITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI**

▼M1

_____

*Artikolu 181*

1. Rigward il-Fondi msemmijin fl-Artikolu 155(1) li għalihom l-atti bażiċi tħassru qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-approprjazzjonijiet li kienu diżimpenjati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 157(1) jistgħu jsiru disponibbli mill-ġdid fil-każ ta' żball ċar attribwibbli biss lill-Kummissjoni jew fil-każ ta' *force majeure* li għandha riperkussjonijiet serji għall-implimentazzjoni ta' l-operati appoġġati minn dawn il-Fondi.

2. Id-database ċentrali msemmija fl-Artikolu 95 għandha titwaqqaf sa l-1 ta' Jannar 2009.

3. Għal trasferimenti ta' approprjazzjonijiet rigward in-nefqa operattiva msemmija fir-regolamenti li jirregolaw il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perijodu ta' l-ipprogrammar 2000-2006, li għalihom għad iridu jsiru ħlasijiet Komunitarji għall-ftehim finanzjarju għal impenji Komunitarji pendenti sat-tmiem ta' l-assistenza, il-Kummissjoni tista' tagħmel trasferimenti minn titolu għal ieħor, jekk l-approprjazzjonijiet in kwistjoni:

— huma għall-istess objettiv, jew

— huma marbutin ma' inizjattivi Komunitarji jew għal assistenza teknika u miżuri innovattivi u huma trasferiti għal miżuri ta' l-istess natura.

4. L-Artikolu 31(3) għandu japplika għall-ewwel darba għall-fond imsemmi fl-Artikolu 148(1) fir-rigward ta' ħlasijiet imħallsin mill-baġit ta' l- 2008.

▼B

TITOLU II

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 182*

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu awtorizzati li jakkwistaw kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjonijiet rigward materji tal-*budget* fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tagħhom.

*Artikolu 183*

Il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 184*

Ta' kull tlett snin, jew kull meta juri li jkun meħtieġ li jsir hekk, dan ir-Regolament għandu jkun is-suġġett ta' reviżjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita bl-Artikolu 279 tat-Trattat KE u bl-Artikolu 183 tat-Trattat Euratom, wara li jsir rikors lejn il-proċedura ta' konċiljazzjoni, jekk il-Parlament Ewropew hekk jitlob.

*Artikolu 185*

1. ►M1 Il-Kummissjoni għandha tadotta qafas ta' regolament finanzjarju għall-korpi mwaqqfin mill-Komunitajiet u li għandhom personalità ġuridika li fil-fatt jirċievu kontribuzzjonijiet imħallsin millbaġit. ◄ Ir-regoli finanzjarji ta' dawn il-korpi ma jistgħux imorru lil hinn mir-regolament kwardu apparti milli meta l-ħtiġiet speċifiċi operattivi tagħhom hekk jeħtieġu u bil-kunsens bil-quddiem tal-Kummissjoni.

2. Rilaxx għall-implimentazzjoni tal-*budget*s tal-korpi riferuti filparagrafu 1, għandu jkun mogħti mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

3. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess poteri fuq il-korpi riferuti fil-paragrafu 1 skond kif hu/hi jagħmel fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

▼M1

_____

▼B

*Artikolu 186*

Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 huwa b'hekk imħassar.

Ir-riferenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala riferenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'mod konformi mattabella tal-korrelazzjoni fl-Anness.

*Artikolu 187*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

**imsemmija fl-Artikolu 186**

| Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
|---|---|
| Parti I – Dispożizzjonijiet applikabbli għall-buget ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej | Parti wieħed – Dispożizzjonijiet komuni |
| It-Titolu I: Prinċipji ġenerali | It-Titolu II: Prinċipji tal-*budget* |
| Artikolu 1 1(1) | Artikolu 4. 4(1) u 4(2) |
| Artikolu 1, 1(2) | Artikolu 6 |
| Artikolu 1, 1(3) | Artikolu 179. 179(2) |
| Artikolu 1, 1(4) u 1(5) | Artikolu 7 |
| Artikolu 1, 1(6) | Imħassar |
| Artikolu 1, 1(7) | Artikolu 77, 77(3) |
| Artikolu 2 | Artikolu 27 u 48, 48(2) |
| Artikolu 3 | Artikolu 28 |
| Artikolu 4, 4(1) | Artikolu 17 |
| Artikolu 4, 4(2) | Artikoli 17 u 18 |
| Artikolu 4, 4(3) | Artikolu 19 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6 | Artikoli 6 u 8 |
| Artikolu 7, 7(1) | Artikolu 9(1). 9(2), 9(3) u 9(6) |
| Artikolu 7, 7(2) | Artikolu 9(1). 9(2), 9(3), 9(5) u 9(6) |
| Artikolu 7, 7(3) | Imħassar |
| Artikolu 7, 7(4) | Artikolu 10 |
| Artikolu 7, 7(5) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 7, 7(6) | Artikoli 11 u 157 |
| Artikolu 7, 7(7) | Imħassar. Apparti milli għall-Artikolu 156 u 156(3) |
| Artikolu 7, 7(8) | Ikkonsenjat għar-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 7, 7(9) | Ikkonsenjat għar-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 8. 8(1) | Artikolu 12 |
| Artikolu 8, 8(2) u 8(3) | Artikoli 150, 150(3) u 178 |
| Artikolu 9 | Artikolu 13 |
| Artikolu 10 | Artikolu 29, 29(2) |
| Artikolu 11 | Artikolu 16 |
| Titolu II: Stabbeliment u struttura tal-*budget* | Titolu III: Stabbeliment u struttura tal-*budget* |
| Sezzjoni I: Stabbiliment tal-*budget* | Kapitolu I: Stabbilimemt tal-*budget* |
| Artikolu 12 | Artikolu 31 |

▼B

| Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
|---|---|
| Artikolu 13 | Artikolu 33 |
| Artikolu 14 | Artikolu 34 |
| Artikolu 15 apparti milli 15(2) | Artikolu 37 |
| Artikolu 15, 15(2) u 16, 16(2) | Artikolu 38 |
| Artikolu 16, 16(1) | Artikolu 35 |
| Artikolu 17 | Artikolu 36 |
| Artikolu 18 | Artikolu 39 |
| Sezzjoni II: L-istruttura u l-preżentazzjoni tal-*budget* | Kapitolu 2: L-istruttura u l-preżentazzjoni tal-*budget* |
| Artikolu 19, 19 | Artikoli 40 u 41 |
| Artikolu 19, 19 | Artikolu 41 |
| Artikolu 19, 19 | Artikolu 43 |
| Artikolu 19, 19 | Artikolu 44 |
| Artikolu 19, 19 | Imħassar |
| Artikolu 19, 19 | Artikolu 30, 30(1) |
| Artikolu 19, 19 | Artikolu 45 |
| Artikolu 20, apparti milli 20 (4) | Artikolu 46 |
| Artikolu 20, 20 (4) | Artikolu 47 |
| Titolu III: L-implimentazzjoni tal-*budget* | Titolu IV: L-implimentazzjoni tal-*budget* |
| Sezzjoni I: Dispożizzjonijiet ġenerali | Kapitolu I: Dispożizzjonijiet ġenerali |
| Artikolu 21 | Artikolu 58 |
| Artikolu 22, 22(1) | Artikoi 48 u 49 |
| Artikolu 22, 22(2) | Artikoli 50, 54(1) u 57(1) |
| Artikolu 22, 22(3) | Imħassar |
| Artikolu 22, 22(4) | Artikoli 51, 52 u 59 |
| Artikolu 22, 22(4a) | Artikolu 56 |
| Artikolu 22, 22(5) | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 23 | Artikolu 84 |
| Artikolu 24 | Imħassar |
| Artikolu 24a | Artikoli 85 u 86 |
| Artikolu 25 | Artikolu 61 |
| Artikolu 26, 26(1) | Artikolu 21 |
| Artikolu 26, 26(2) u 26(4) | Artikolu 22 |
| Artikolu 26, 26(3) | Artikolu 23 |
| Artikolu 26, 26(5) | Artikolu 24 |
| Artikolu 26, 26(6) u (7) | Imħassar |
| Artikolu 26, 26(8) u (9) | Artikolu 25 |
| Artikolu 26, 26(10) u (11) | Artikolu 26 |
| Artikolu 27, 27(1) | Artikolu 20, 20(1) |

▼B

| Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
|---|---|
| Artikolu 27, 27(2) u (5) | Imħassar |
| Artikolu 27, 27(2a) | Artikolu 20, 20(2) |
| Artikolu 27, 27(3) | Imħassar |
| Artikolu 27, 27(4) | Artikolu 20, 20(3) |
| Sezzjoni II: L-introjtu tal-*budget*, amministrazzjoni tal-fondi disponibbli | Kapitolu 5: Operazzjonijiet ta' l-introjtu |
| Artikolu 28, 28(1) | Artikolu 70, 70(1) |
| Artikolu 28, 28(2) | Artikolu 71. 71(2) |
| Artikolu 28, 28(3) | Artikolu 70, 70(2) |
| Artikolu 28a | Artikolu 74 |
| Artikolu 29 | Artikolu 73 |
| Artikolu 30 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 31 | Artikolu 69 |
| Artikolu 32 | Artikolu 15 |
| Artikolu 33 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 34 | Artikolu 131 |
| Artikolu 35 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Sesjoni III: Impenn, validazzjoni, awtorizzazzjoni u l-pagament tan-nefqa | Kapitolu 6: L-operazzjonijiet tan-nefqa |
| Artikolu 36 | Artikoli 77, 77(1) u (2) u 166, 166(2) |
| Artikolu 37 | Imħassar |
| Artikolu 38 | Imħassar |
| Artikolu 39 | Imħassar |
| Artikolu 40 | Artikolu 79 |
| Artikolu 41 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 42 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 43 | Artikolu 80 |
| Artikolu 44 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 45 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 46 | Artikolu |
| Artikolu 47 | Imħassar |
| Artikolu 48 | Imħassar |
| Artikolu 49 | Artikolu 71, 71(4) |
| Artikolu 50 | Imħassar |
| Artikolu 51, 51(1) | Imħassar |
| Artikolu 51, 51(2) | Artikolu 82 |

▼B

| Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
|---|---|
| Artikolu 51, 51(3) | Imħassar |
| Artikolu 52 | Imħassar |
| Artikolu 53 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 54 | Artikolu 63 |
| Sezzjoni IV: L-amministazzjoni tal-postijiet | |
| Artikolu 55 | Imħassar |
| It-Titolu IV: Il-konklużjoni tal-kuntratti, invetorji, żamma tal-kontijiet | Titolu V: L-akkwist |
| Is-Sezzjoni I: Kuntratti għall fornimenti ta' oġġetti u servizzi; kuntratti għax-xiri, l-kera u l-appalt | |
| Artikolu 56 | Artikolu 105 |
| Artikolu 57 | Imħassar |
| Artikolu 58. 58(1) | Artikoli 88, 89, 89(2) u 91 |
| Artikolu 58, 58(2) | Artikolu 90 |
| Artikolu 58, 58(3) | Artikolu 97, 97(1) |
| Artikolu 58, 58(4) | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 59 | Artikolu 91, 91(2) |
| Artikolu 60 | Artikolu 91, 91(3) |
| Artikolu 61 | Imħassar |
| Artikolu 63 | Artikolu 89, 89(1) |
| Artikolu 63 | Imħassar |
| Artikolu 64 | Imħassar |
| Artikolu 64a | Artikolu 102 |
| Sezzjoni II: Inventarji ta' propjetà mobbli u immobbli | Titolu VII: Preżentazzjoni tal-kontijiet u l-akkontjar |
| | Kapitolu 4: Inventarji tal-propjetà |
| Artikolu 65 | Artikolu 138, 138(1) |
| Artikolu 66 | Artikolu 138, 138(2) |
| Artikolu 67 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 68 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Is-Sezzjoni III: Kontijiet | Kapitolu 3: L-akkontjar |
| Artikolu 69 | Artikoli 132 u 133 |
| Artikolu 70 | Artikoli 132, 1333 u 137 |
| Artikolu 70a | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 71 | Imħassar |
| Artikolu 72 | Artikoli 132, 132(3) u 136 |

▼B

| Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
|---|---|
| Titolu V: Responsabbilitajiet ta' l-uffiċjali awtorizzanti, tal-kontrolluri finanzjarji, ta' l-uffiċjali tal-kontijiet u ta' l-amministraturi ta' fondi avvanzati | Titolu IV: Implimentazzjoni tal-*budget* Kapitolu 4: Ir-responsabiltà ta' l-atturi finanzjarji |
| Artikolu 73 | Artikolu 66 |
| Artikolu 74 | Imħassar |
| Artikolu 75, 75(1) | Artikolu 67 |
| Artikolu 75, 75(2) | Artikolu 68 |
| Artikolu 75, 75(3) | Imhassar |
| Artikolu 75, 75(4) | Imħassar |
| Artikolu 75, 75(5) | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 76 | Artikolu 65. 65(2) |
| Artikolu 77 | Imħassar |
| Titolu VI: Il-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet | Titolu VII: Il-preżentazzjoni tal-kontijiet u ta' l-akkontjar<br>Kapitolu 1: Il-preżentazzjoni tal-kontijiet |
| Artikolu 78 | Artikolu 128 |
| Artikolu 79 | Artikolu 128 |
| Artikolu 80 | Artikoli 122 u 127 |
| Artikolu 81 | Artikoli 126 u 128 |
| Artikolu 82 | Artikoli 128, 128(2) |
| Artikolu 83, 83(1) | Artikolu 140, 149(3) |
| Artikolu 83, 83(2) bis (4) | Artikolu 139 |
| Artikolu 84 | Imħassar |
| Artikolu 85 | Artikolu 140, 140(1) u (2) |
| Artikolu 86 | Artikolu 141 |
| Artikolu 87 | Artikolu 142. 142(1) bis (5) |
| Artikolu 88 | Artikolu 143 |
| Artikolu 88a | Imħassar |
| Artikolu 89, 89(1) | Artikolu 145, 145(1) |
| Artikolu 89, 89(2), (3) u (5) | Artikolu 146 |
| Artikolu 89, 89(4) | Artikolu 145, 145(2) u (3) |
| Artikolu 89, 89(6) | Imħassar |
| Artikolu 89, 89(7) u (8) | Artikolu 147 |
| Artikolu 89, 89(9) u (10) | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 90 | Artikolu 144 |
| Titolu VII: Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-approprjazzjonijiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku | Parti Tnejn: Dispożizzjonijiet Speċjali Titolu III: Riċerka |
| Artikolu 91 | Artikolu 160, 160(1) |
| Artikolu 92, 92(1) u (2) | Artikolu 160, 160(1) |

▼B

| Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
|---|---|
| Artikolu 92, 92(3) | Artikolu 161, 161(1) |
| Artikolu 92, 92(4) | Artikolu 161, 161(3) |
| Artikolu 93 | Imħassar |
| Artikolu 94 | Imħassar |
| Artikolu 95 | Artikolu 161, 161(4) |
| Artikolu 96, 96(1) u (4) | Artikolu 161, 161(2) |
| Artikolu 96, 96(2) u (3) | Imħassar |
| Artikolu 97 | Imħassar |
| Titolu VIII: Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Granazija (FAEGG), Sezzjoni tal-Garanzija | Parti Tnejn: Dispożizzjonijiet speċjali Titolu I: Il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Granazija (FAEGG), Sezzjoni tal-Garanzija |
| Artikolu 98 | Artikolu 148 |
| Artikolu 99, 99 | Artikolu 150, 150(1) u (2) |
| Artikolu 99. 99 | Imħassar |
| Artikolu 100 | Artikolu 151, 151(1) |
| Artikolu 101 | Artikolu 152 |
| Artikolu 102 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 103 | Artikolu 151, 151(2) |
| Artikolu 104 | Artikolu 153 |
| Titolu IX: Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għal għajnuna estera | Parti Tnejn: Dispożizzjonijiet Speċjali Titolu IV: Azzjonijiet estermi |
| Sezzjoni 1: Dispożizzjonijiet Ġenerali | Kapitolu 1: Dispożizzjonijiet Ġenerali |
| Artikolu 105, 105(1) u (2) | Artikolu 162 |
| Artikolu 105, 105(3) | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 105, 105(4) | Imħassar |
| Artikolu 105, 105(5) | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 106, 106(1) | Artikolu 166 |
| Artikolu 106, 106(2) | Imħassar |
| Artikolu 106, 106(3) | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Sezzjoni II: Implimentazzjoni | Kapitolu 2: Implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet |
| Artikolu 107 | Imħassar |
| Artikolu 108 | Imħassar |
| Artikolu 109 | Imħassar |
| Artikolu 110 | Imħassar |
| Artikolu 111 | Imħassar |
| Sezzjoni III: L-Għoti tal-Kuntratti | Kapitolu 3: L-akkwist |
| Artikolu 112 | Artikolu 167, 167(1) |

▼B

| Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
|---|---|
| Artikolu 113 | Artikolu 167, 167(2) |
| Artikolu 114 | Artikolu 168 |
| Artikolu 115 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 116 | Imħassar |
| Artikolu 117 | Imħassar |
| Artikolu 118 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 119 | Imħassar |
| Sezzjoni IV: L-Awditjar tal-Kontijiet | Kapitolu 4: L-Awditjar tal-Kontijiet |
| Artikolu 120 | Artikolu 170 |
| Titolu X: Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-amministrazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet li jirrigwardjaw il-persunal li jservu f'uffiċċini u subiffiċċini fil-Komunità u f'delegazzjonijiet il-barra mill-Komunità u għall-amministrazzjoni tagħhom | Imħassar |
| Artikolu 121 | Imħassar |
| Artikolu 122 (Imħassar) | Imħassar |
| Artikolu 123 | Imħassar |
| Titolu XI: Dispożizzjonijiet speċjali dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja minn partijiet terzi u korpi 'l barra mill-attivitajiet tal-Komunità | Imħassar |
| Sezzjoni I: Disposizjonijiet Ġenerali | |
| Artikoli 124 sa 26 | Artikolu 18(1)(d) |
| Sezzjoni II: Dispożizzjonijiet applikabbli għall-parteċipazzjoni li hemm provvediment dwarha permezz tal-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea | |
| Artikoli 127 sa 132 | Artikolu 18(1)(d) |
| Titolu XIa: Dispożizzjonijiet speċjali li jirrigwardjaw is-sanzjonijiet riferuti fis-Sezzjoni 4 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 | |
| Artikolu 132a | Artikolu 18(1)(b) |
| It-Titolu XII: Dispożizzjonijiet speċjali li jirrigwardjaw l-Uffiċċju għall-Publikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. | Titolu V: L-Uffiċċini Ewropej |
| Artikolu 133 | Artikoli 171 sa 175 |
| Il-Parti II: Dispożizzjonijiet applikabbli għall-operazzjonijiet ta' self u tislif mill-Komunitajiet Ewropej | |
| Artikolu 134 | Artikolu 130 |
| Artikolu 135 | Ikkonsenjat lejn ir-regolament previst fl-Artikolu 183 |
| Artikolu 136 | Imħassar |

▼B

| Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 | Ir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 |
|---|---|
| Artikolu 137 | L-Artikolu 142. 142(6) |
| Il-Parti III: Dispożizzjonijiet transitorji u finali | Il-Parti tlieta: Dispożizzjonijiet transitorji u finali |
| Artikolu 138 | Artikolu 182 |
| Artikolu 139 | Artikolu 183 |
| Artikolu 140 | Artikolu 184 |
| Artikolu 141 | Artikolu 185 |
| Artikolu 142 | Artikolu 186 |
| Artikolu 143 | Artikolu 187 |